NINVESTU FIL-FUTUR TIEGĦEK
FOND SOĊJALI EWROPEW
MALTA 2007-2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

IS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-PRESIDENZA TAL-UE 2017 U L-FONDI TAL-UE

## GWIDA GĦALL-EDUKATURI FUQ IL-PEDAGOĠIJA U L-ASSESSJAR

L-UŻU TAL-APPROĊĊ LI JIFFOKA FUQ IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM



# L-IŻVILUPP PERSONALI, SOĊJALI U TAL-KARRIERI

LIVELLI 5 6 7 8 9

Learning Outcomes Framework

Learning
Outcomes
Framework

Dan id-dokument jagħmel parti mill-Proġett ESF1.228 bl-isem 'id-Disinn tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, marbut mal-programmi ta' Tagħlim u Assessjar b'rabta mat-Taħriġ' implimentat fil-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew tal-Unjoni Ewropea bir-rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi tal-UE; 15% Fondi Nazzjonali.

© Direttorat għall-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni fl-Edukazzjoni 2015

Direttorat għall-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni fl-Edukazzjoni,
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol,
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000
Malta

Pubblikatur: Direttorat għall-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni fl-Edukazzjoni

L-ebda parti minn dan id-dokument ma tista' tiġi kkupjata jew preżentata bħala verżjoni uffiċċjali, jew bħala dokument li ġie prodott b'affiljazzjoni jew approvat mid-DQSE.

Disinn Grafiku: Outlook Coop

# Il-Kontenut

L-Introduzzjoni ........ 5

IL-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett ........ 9

IL-Pedagoġija

A. Il-Pedagoġija u l-prattiki għat-tagħlim ........ 47
B. L-embedding fit-tagħlim tat-Temi Krosskurrikulari ........ 51
Ċ. It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell ........ 56
D. It-tagħlim ta' livelli differenti fl-istess sena ........ 61
E. It-tagħlim ta' livell wieħed fuq sentejn ........ 62

3. L-Assessjar

A. Metodoloġiji li jassiguraw assessjar xieraq ........ 64
B. Metodoloġiji ta' assessjar inklussiv ........ 69
Ċ. Modi ta' assessjar ta' min joqgħod fuqhom u validi ........ 71
D. L-Assessjar tat-Temi Krosskurrikulari ........ 73
E. Ir-Rappurtaġġ tal-Progress ........ 74

Ir-Referenzi ........ 77

L-Appendiċi: It-Temi Krosskurrikulari ........ 79



# L-Introduzzjoni

Wara l-approvazzjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCF) fl-2012, ġie varat pjan ambizzjuż bil-għan li jpoġġi t-teorija fil-prattika. Mibni fuq il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (2000), dan jindirizza dawk in-nuqqasijiet li jeżistu fil-proċess tat-tagħlim f'Malta fejn l-enfasi qed iddur mit-tagħlim tas-suġġett għal fuq it-tagħlim tal-istudenti.

Il-qafas tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ħadem fuq id-dokumenti marbuta ma' ċerta *policies* maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn kienu jinkludu l-*Key Competences for Lifelong learning – A European Reference Framework* (inkluż fl-anness tar-Rakkomandazzjonijiet; 2006/962/EC); l-i*Strategic Framework for European Cooperation in Education and Training* (ET 2020; 2009) u l-*Europe 2020 – A Strategy for Smart Sustainable and Inclusive Growth* (COM (2010) 2020) li kien kontinwazzjoni tal-*Lisbon Strategy for Growth and Jobs (Memo 06/478/12 Dec 2006).*

Fl-isfond tal-iżvilupp storiku Malti, u fuq il-bażi tal-kurrikulu u d-dokumentazzjoni tal-UE, l-NCF ifittex li jipprovdi direzzjoni strateġika billi jirrazzjonalizza l-bidliet meħtieġa u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-kontenut tas-settur/suġġett, il-pedagoġiji u l-assessjar. L-NCF ġie ppreżentat b'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja filwaqt li jiċċelebra d-diversità billi jaħseb għall-istudenti kollha f'kull stadju tal-edukazzjoni tagħhom. Huwa għandu l-għan li jintroduċi aktar ekwità u diċentralizzazzjoni fis-sistema nazzjonali. L-NCF ifittex li jippreżenta kurrikulu mingħajr kantunieri li jirrifletti tranżizzjoni mingħajr skossi, filwaqt li jkompli jibni u jestendi fuq il-pedamenti sodi tal-edukazzjoni bikrija. Fuq kollox, l-NCF għandu l-għan li jipprovdi edukazzjoni ta' kwalità għal kull student/a billi jnaqqas il-persentaġġ ta' persuni li jitilqu kmieni mill-iskola filwaqt li jħeġġiġhom ikomplu l-edukazzjoni ogħla.

L-NCF ippropona *Learning Outcomes Framework* (LOF) bħala l-bażi għat-tagħlim u l-assessjar matul is-snin tal-edukazzjoni obbligatorja. L-għan tal-*Learning Outcomes Framework* huwa li jeħles lill-iskejjel u lill-istudenti minn għarfien impost ċentralment b'sillabi li jiffukaw fuq l-għarfien impost, u jagħtihom aktar libertà sabiex jiżviluppaw programmi li jissodisfaw il-qafas tal-għarfien, l-attitudnijiet u r-riżultati mibnija fuq il-ħiliet li huma meqjusa bħala l-livelli edukattivi nazzjonali għall-istudenti kollha f'Malta. Għaldaqstant, l-LOF huwa maħsub sabiex eventwalment iwassal għal aktar awtonomija fil-kurrikulu tal-kulleġġi u l-iskejjel bil-għan li jindirizzaw aħjar il-bżonnijiet tat-tagħlim tal-istudenti tagħhom.

Numru ta' dokumenti lokali oħra li ġew ippubblikati f'dawn l-aħħar xhur ukoll kienu ta' kontribut għall-ħtieġa ta' approċċ li jiffoka fuq ir-riżultati tat-tagħlim fl-istrutturi edukattivi preżenti. B'mod partikolari, il-*Framework for the Education Strategy for Malta 2014-2024 (2014), L-Istrateġija Nazzjonali Tal-Litteriżmu Għal Kulħadd f'Malta u Għawdex 2014-2019 (2014), A Strategic Plan for Early School Leaving in Malta 2014 (2014), Education for All: Special Needs and Inclusive Education in Malta (2014), Malta National Lifelong Learning Strategy 2020 (2015)* u r-*Respect for All Framework* (2014) kollha jiffokaw fuq il-ħtieġa li jiġu offruti opportunitajiet indaqs lill-istudenti kollha sabiex jiksbu riżultati edukattivi ma' tmiem l-edukazzjoni tagħhom u li jippermettulhom jieħdu sehem f'tagħlim tul il-ħajja, u b'hekk jitnaqqsu l-ħafna każijiet ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola filwaqt li jiġi assigurat li l-istudenti kollha jiksbu l-ħiliet bażiċi fil-litteriżmu, fil-matematika, fix-xjenza u fit-teknoloġija.

Il-Proġett ESF 1.228 – *Design of Learning Outcomes Framework, Associated Learning and Assessment Programmes and Related Training* huwa maħsub li jwassal dan l-approċċ tal-*Learning Outcomes Framework* lill-edukaturi u l-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni obbligatorja. Dan jindirizza l-iżvilupp olistiku tal-istudenti kollha u jiddefendi l-edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd bħala parti mill-istrateġija koerenti għat-tagħlim tul il-ħajja li għandha l-għan li tassigura

li t-tfal kollha jkollhom l-opportunità jiksbu l-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa sabiex ikunu ċittadini attivi tal-futur li jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà irrispettivament mill-istat soċjo-ekonomiku, kulturali, razzjali, etniku, reliġjuż, tal-ġeneru u sesswali.

L-LOF ser jippermetti flessibiltà fit-tagħlim u fil-programmi tat-tagħlim sabiex jiġu indirizzati bżonnijiet speċifiċi filwaqt li nibnu fuq il-kwalitajiet fil-kuntest ta' komunitajiet tat-tagħlim f'kulleġġi u skejjel differenti. Dan il-kunċett ta' flessibiltà qed ikun inkoraġġit matul il-qafas kollu. Filwaqt li wieħed irid jirrikonoxxi l-fatturi li jmorru lil hinn mill-iskola li jaffettwaw ir-riżultati tal-istudenti, bħall-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-LOF ifittex li jtejjeb l-esperjenzi tat-tagħlim tal-istudenti billi jinkoraġġixxi l-kreattività, il-litteriżmu kritiku, l-imprenditorija u l-innovazzjoni f'kull livell. Dawn jippermettu li l-istudenti jilħqu l-potenzjal tagħhom billi jżewġu flimkien dak li jkunu tgħallmu mal-kuntesti personali tagħhom. B'riżultat ta' hekk, l-istudenti jitgħallmu jiżviluppaw attitudni pożittiva u apprezzament akbar lejn it-tagħlim.

Il-bidla minn kurrikulu bbażat fuq kontenut preskrittiv għal approċċ li jiffoka fuq ir-riżultati tat-tagħlim ser tħalli effett fuq il-programmi kollha fl-iskejjel u fuq l-eżamijiet barranin u l-assessjar mat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja f'Malta.

L-LOF ġie ddisinjat ukoll sabiex jilħaq l-erba' għanijiet edukattivi msemmija fl-*Education Strategy for Malta 2014 – 2024* (Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2014), fosthom li:

- jitnaqqsu d-differenzi fir-riżultati edukattivi bejn is-subien u l-bniet u bejn studenti li jattendu skejjel differenti, jitnaqqas in-numru ta' studenti li jmorru ħażin, jiżdied il-livell fil-litteriżmu, fil-matematika u fix-xjenza u t-teknoloġija, u jogħla l-livell tal-istudenti;
- jingħata s-sapport għal riżultati aħjar lil tfal f'riskju ta' faqar jew li ġejjin minn familji bi dħul baxx u jitnaqqsu r-rati ta' studenti li jieqfu kmieni mill-iskola;
- tiżdied il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u t-tagħlim għall-adulti;
- tiżdied ir-rata ta' studenti li jkomplu jistudjaw u jiżdied il-livell tar-riżultati f'edukazzjoni u taħriġ ogħla, vokazzjonali u terzjarju.

Il-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar (LAPs) li ġew żviluppati għal kull suġġett ser jassiguraw li ċ-ċentru jkun l-istudent. Għaldaqstant, l-attivitajiet ta' tagħlim ser ikunu mfassla sabiex jistimolaw il-kreattività u l-immaġinazzjoni; jgħinu lill-istudenti jagħmlu l-ġudizzji tagħhom meta jeditjaw/jikkoreġu x-xogħol tagħhom; jiżviluppaw il-ħiliet investigattivi u kostruttivi tal-istudenti billi tintuża midja differenti u jiġu inkoraġġuti ħiliet riċettivi (is-smigħ u l-qari) li jwasslu għal ħiliet produttivi (it-taħdit u l-kitba). L-LAPs huma maħsuba wkoll sabiex tinħoloq atmosfera fejn l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet personali tagħhom sabiex isolvu l-problemi u l-abiltà tagħhom biex jaħsbu u jirraġunaw b'mod loġiku; jirriflettu fuq ir-riżultati u l-konsegwenzi filwaqt li jesploraw alternattivi possibbli, u japplikaw kuntesti interessanti u realistiċi li jagħmlu sens għalihom.

Bl-użu tal-LAPs, l-għalliema ser ikunu mħeġġa joħolqu sitwazzjonijiet u riżorsi li jkunu interessanti b'mod intrinsiku, li jinkludu fihom il-kultura, u li joffru sfida konjittiva filwaqt li jippermettu lill-istudenti jsiru ħaġa waħda mal-informazzjoni varja li jkunu kisbu.

# IL-PROGRAMM TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR GĦALL-IŻVILUPP PERSONALI, SOĊJALI U TAL-KARRIERI

Dan id-dokument, li hu maħsub għal min jieħu d-deċiżjonijiet, l-edukaturi u l-għalliema fil-klassi, jippreżenta l-Programm ta' Tagħlim u Assessjar (LAP) għall-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karrieri.

Il-LAP jinkludi:

- **Il-*Learning Outcomes Framework* (LOF)** – dan jinkludi sett ta' *subject learning outcomes* (SLOs) u jispjega x'għandu jkun jaf, jifhem jew ikun kapaċi jagħmel l-istudent bħala riżultat tal-proċess tat-tagħlim. Dawn ir-riżultati tat-tagħlim huma ddisinjati biex jintużaw f'numri varji ta' kuntesti ta' tagħlim u mgħallma permezz ta' metodi differenti. Dawn jistabbilixxu r-riżultat aħħari aktar milli jiddeskrivu l-proċess ta' tagħlim jew l-attivitajiet ta' tagħlim.

- **Noti fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar** – ir-riżultati tat-tagħlim huma miktuba b'tali mod li jwasslu informazzjoni fuq il-pedagoġija u, flimkien mal-istrateġiji tal-assessjar marbuta ma' kull riżultat, jissettjaw idea ċara tal-assessjar. Dan id-dokument jelenka modi ta' tagħlim prattiku kif ukoll linji gwida għall-assessjar li jistgħu jintużaw mill-edukaturi filwaqt li jiġu addattati mill-edukaturi nfushom sabiex jilħqu l-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom.

Dan id-dokument sar b'kollaborazzjoni bejn Outlook Coop Learning Outcomes Framework Joint Venture li tinkludi lil Outlook Coop bħala s-sħab ewlieni, East Coast Education Ltd, u l- University College London Institute of Education, flimkien mad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE). Is-Sur Barry Smith (Direttur Tekniku tal-Joint Venture), is-Sur Godfrey Kenely (id-Direttur tal-Kuntratti tal-Joint Venture), Dr Michelle Attard Tonna (Kap tal-Proġett) u s-Sur Gaetano Bugeja (Project Leader) mexxew lill-esperti tal-proġett.

## Il-Kontributuri

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-esperti msemmija hawn taħt li taw il-kontribut tagħhom fl-iżvilupp tal-*Learning Outcome Framework u d-Dokument fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar għall-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karrieri.*

### L-Esperti tas-Suġġett:

CAM ILLERI Stephen
FALZON Ruth
GRAVINA Dorianne
HAMILTON Dunstan



# Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett

## L-IŻVILUPP PERSONALI, SOĊJALI U TAL-KARRIERI

LIVELLI 5 6 7 8 9

Il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (SLOs) għall-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karrieri jinkludu minn Livell 5 sa Livell 9.

Wieħed ta' min jinnota li kull Livell ta' Kisbiet mit-Tagħlim jista' jkompli jiġi estiż, u s-suġġerimenti għal dawn ser inkunu inklużi fil-parti tal-Pedagoġija u l-Assessjar f'dan id-dokument.

# LIVELL 5

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali

1. Kapaċi nesprimi affarijiet pożittivi fuqi nnifsi u fuq l-oħrajn.
   PERSONALI
2. Konxju/a li l-istudenti għandhom abbiltajiet, kwalitajiet, karatteristiċi u talenti differenti, e.ż. *id-dħulija, is-sensittività, l-abbiltajiet fil-komunikazzjoni, sens ta' umoriżmu, kwalitajiet artistiċi, kwalitajiet sportivi, talenti fl-arti, talenti akkademiċi.*
   IL-BIDLA SOĊJALI
3. Kapaċi nagħraf ideat fuq x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, ġust u inġust.
4. Kapaċi nagħraf fiex jien tajjeb/tajba, minn dak li jgħidli ħaddieħor, e.ż. *ir-rispons tal-ġenituri, tal-għalliema u ta' sħabi.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
5. Naf fiex jien tajjeb/tajba u kapaċi nesprimi kwalitajiet pożittivi fuqi nnifsi.
6. Kapaċi nagħraf l-importanza li nitgħallem u nkun involut/a f'attivitajiet u sitwazzjonijiet differenti.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
7. Kapaċi nagħraf l-importanza li nitgħallem fuq il-kuntest lokali, il-kuntest nazzjonali u l-kuntest globali tiegħi, e.ż. *kulturi differenti, reliġjonijiet, passatempi, xogħlijiet.*
   NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
8. Qed nibda nagħti valur lill-importanza u l-gost tat-tagħlim.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
9. Kapaċi nagħraf fiex jien tajjeb/tajba minn dak li jgħidli ħaddieħor, e.ż. *l-importanza li ningħata rispons mingħand ħaddieħor filwaqt li nkun kapaċi nagħmel differenza bejn rispons pożittiv u dak li jagħmel il-ħsara.*
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
10. Qed nibda nagħraf uħud mid-difetti tiegħi u kif nista' ngħix bihom.
    IT-TAGĦLIM KREATTIV
11. Qed nibda nifhem ir-responsabbiltajiet differenti u l-limitazzjonijiet marbuta ma' ċerta rwoli, e.ż. *tipi differenti ta' responsabbiltajiet tal-ġenituri, l-għalliema, il-kapijiet tal-iskejjel, il-pulizija, in-ners, it-tabib.*
12. Naf fuq ir-responsabbiltà tiegħi bħala student/a, ħu/oħt, iben/bint.
13. Naf li hija aċċettabbli li persuna tagħmel l-iżbalji.
    IT-TAGĦLIM KREATTIV
14. Kapaċi noħloq miri għalija nnifsi.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
15. Kapaċi nuża vokabularju bażiku biex nesprimi ruħi u l-għanijiet u l-miri personali tiegħi.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
16. Nagħraf l-importanza filwaqt li nemmen fil-ġustizzja u l-ugwaljanza għal kulħadd.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettabbli

1. Kapaċi nintroduċi lili nnifsi ma' tfal oħra.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Naf isem l-għalliem/a u ta' tfal oħra fil-klassi u ftit mill-affarijiet li jħobbu.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
3. Kapaċi nistenna biex nitkellem meta nkun fi grupp.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
4. Kapaċi nisma' dak li qed jgħid ħaddieħor fil-grupp u nirrispondi b'mod effettiv.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
5. Naf u kapaċi nitkellem fuq xi regoli tax-xogħol fi grupp.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
6. Kapaċi nuri x'għandu jsir jekk xi ħadd jikser ir-regoli.
7. Kapaċi nagħraf il-valur tal-ħidma mal-oħrajn.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
8. Kapaċi nagħti l-opinjoni tiegħi b'mod sensittiv u edukat, *e.ż. ngħid skużi, jekk jogħġbok u grazzi.*
   INTERPERSONALI
9. Kapaċi nispjega li l-persuni għandhom affarijiet komuni iżda kull individwu huwa uniku.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
10. Kapaċi nagħraf l-importanza filwaqt li nirrispetta l-bżonnijiet, l-emozzjonijiet u l-opinjonijiet ta' ħaddieħor.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
11. Kapaċi nagħraf modi li bihom l-għażliet u l-imġiba tiegħi jħallu effett fuq l-oħrajn, e.ż. *dak li nagħmel jew li ngħid jista' jweġġa' lill-oħrajn.*
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
12. Kapaċi nuri l-importanza tar-rispett billi nisma' dak li jgħid ħaddieħor.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
13. Kapaċi nevalwa l-importanza ta' li tieħu ħsieb ħaddieħor.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
14. Kapaċi niddiskuti l-importanza ta' li tieħu ħsieb l-affarijiet ta' ħaddieħor.
    NITGĦALLEM KIF
15. Kapaċi nuri l-importanza ta' li tgħaddi u tirċievi kumpliment lil/mingħand l-għalliema tiegħi, il-ġenituri/min jieħu ħsiebi u l-ħbieb.
    PERSONALI
16. Naf il-valur li tkun ħabib/a ta' xi ħadd u li jkollok il-ħbieb.
17. Kapaċi nagħmel ħbieb ġodda; qed nitgħallem modi kif naffaċċja t-telfa ta' ħabib/a.
18. Kapaċi nagħraf is-siwi ta' ħaddieħor u ngħid għaliex xi ħadd huwa speċjali għalija.
19. Naf li tipi differenti ta' familji għandhom affarijiet u funzjonijiet komuni.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
20. Qed nibda nifhem in-natura tal-kunflitt u sitwazzjonijiet kunfliġġenti/kumplessi.
    KONJITTIVA
21. Qed nitgħallem kif naffronta l-kunflitt, b'mod pożittiv u edukat.
    KONJITTIVA
22. Kapaċi nispjega x'jiġifieri bbuljar u x'għandi nagħmel jekk nesperjenza jew nara każijiet ta' bbuljar.
23. Kapaċi nispjega d-differenza li hemm bejn uġigħ aċċidentali jew bi skop.
24. Kapaċi nagħti opinjoni fuq għaliex l-ibbuljar mhux aċċettabbli.
25. Kapaċi niddeskrivi x'hemm komuni u d-differenzi bejn il-persuni, *e.ż. il-ġens, l-apparenza, il-ħiliet, il-familji, l-isfond kulturali.*
    IL-BIDLA SOĊJALI

## L-Aspetti tas-Suġġett: Nfihem lili nnifsi jien u nikber

1. Kapaċi nagħraf u nsemmi emozzjonijiet differenti.
2. Kapaċi nagħraf u nsemmi emozzjonijiet differenti, inkluż dawk marbuta mal-bidla, e.ż. membru ġdid fil-familja, ħabib/a ġdid/a, it-telfa ta' ħabib/a.
3. Kapaċi nibda nimmaniġġja l-emozzjonijiet tiegħi b'mod pożittiv u effettiv.
4. Kapaċi nagħraf u nirrispondi għal numru ta' emozzjonijiet fija nnifsi u fl-oħrajn, *e.ż. l-għira, ir-rabja, l-eċċitament.*
5. Kapaċi ngħid lil ħaddieħor fuq affarijiet ta' importanza għalija.
6. Kapaċi nidentifika u nsemmi numru ta' partijiet minn ġismi.
7. Kapaċi niddiskuti x'nistenna mill-imġiba ta' subien u bniet u kapaċi mmur kontra dawn l-istennijiet.
   IL-BIDLA SOĊJALI
8. Kapaċi nitkellem fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ta' annimali u pjanti.
9. Kapaċi nħalli lil ħaddieħor isir jaf xi nħobb u x'ma nħobbx fil-mod kif ħaddieħor jitrattani.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
10. Naf li kapaċi niddeċiedi min għandu aċċess għal ġismi.
11. Kapaċi nuri kif għandek taħsel idejk.
12. Nifhem il-bżonn filwaqt li naf nieħu ħsieb l-iġjene personali, *e.ż. ninħasel, naħsel snieni, kif nagħmel il-bżonnijiet tiegħi.*

## L-Aspetti tas-Suġġett: Is-saħħa, is-sigurtà u l-benessri

1. Kapaċi nagħmel għażliet bażiċi li jaffettwaw is-saħħa u l-benesseri tiegħi, *e.ż. fl-ikel, fl-attivitajiet, fil-ħin liberu.*
2. Naf x'jiġifieri dieta bbilanċjata.
3. Kapaċi niddeskrivi t-tip ta' ikel li jagħmel ikla bbilanċjata.
4. Naf il-preferenzi tal-ikel u d-dieta tat-tfal f'kulturi/pajjiżi differenti.
   IL-BIDLA SOĊJALI
5. Kapaċi nuri lil ħaddieħor x'nagħmel biex inżomm ruħi fiżikament f'saħħti.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
6. Irrid inkun f'saħħti u nadif/a, e.ż. *Naf għaliex huwa importanti li nieħu ħsieb lili nnifsi u nkun sigur/a f'dak li nagħmel.*
7. Kapaċi niddeskrivi kif permezz ta' rutini sempliċi u siguri jitnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni ta' mard.
8. Kapaċi nifhem illi meta tintalab tagħmel xi xogħol jista' joħloq ansjetà u/jew jgħinni nħossni aħjar, *e.ż. stress li jgħin (li jkabbar l-istima fil-persuna nnifisha) jew li jdgħajjef (li joħloq ansjetà u jnaqqas l-istima fil-persuna nnifisha).*
9. Kapaċi nitlob l-għajnuna tal-adulti.
10. Naf għand liem għalliem/a għandi mmur f'każ ta' problema.
11. Naf l-importanza tal-immaniġġjar tal-ħin u għandi l-ħiliet bażiċi biex nuża ħini b'mod xieraq.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
12. Naf għand min immur jekk imweġġa' fiżikament jew emozzjonalment.
13. Naf il-persuni li jieħdu ħsiebi, u l-irwoli u r-responsabbiltajiet differenti tagħhom.
14. Nifhem xi tfisser il-kelma 'riskju' u kapaċi niddeskrivi sitwazzjoni riskjuża.
15. Kapaċi niddeskrivi kif tħossha persuna meta għandha problema.
    IL-BDILA SOĊJALI
16. Kapaċi ngħid 'le' meta nkun taħt pressjoni.
    PERSONALI
17. Kapaċi ngħid 'le' meta nħoss li xi ħaġa hija ħażina.
18. Naf li l-mediċini kollha huma drogi iżda mhux id-drogi kollha huma mediċini.
19. Konxju/a mill-periklu li nista' niffaċċja meta nidħol f'siti li ma nafx fuqhom jew mhux tas-soltu.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
20. Naf fuq ir-riskji meta naqsam informazzjoni personali onlajn e.ż. *nikkomunika waqt li qed nilgħab xi logħob.*
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET

21. Naf kif nillimita l-ħin tiegħi fl-użu ta' ċerta apparat.
IL-KOLLABORAZZJONI
22. Kapaċi nsegwi regoli u istruzzjonijiet sempliċi fuq is-sigurtà.
23. Kapaċi niddeskrivi tipi differenti ta' 'riskji' fid-dar, fl-iskola u barra.
24. Naf proċeduri bażiċi ta' emerġenza u minn fejn nista' nsib l-għajnuna f'sitwazzjonijiet differenti, e.ż. *il-linja ta' sapport: 179, emerġenza: 112.*

## L-Aspetti tas-Suġġett: Iċ-Ċittadinanza

1. Kapaċi nisma' lill-għalliem/a u lill-ħbieb u kapaċi nżomm l-attenzjoni tas-semmiegħ/a.
2. Kapaċi naqbel ma' sett ta' regoli għall-grupp/klassi.
3. Kapaċi nagħraf filwaqt li nagħmel għażliet bil-għaqal mibnija fuq it-tajjeb u l-ħażin.
4. Naf u kapaċi niddeskrivi l-għażliet li hemm għalija u kapaċi nitkellem fuq xi ħiliet bażiċi marbuta mat-teħid ta' deċiżjonijiet, e.ż. *fuq l-ikel, fil-logħob, l-attivitajiet, il-ħin liberu, ix-xogħol għad-dar.*
5. Kapaċi nitkellem fuq x'inhuma d-drittijiet tat-tfal u fiex jistgħu jgħinu lit-tfal, e.*ż. id-dritt għall-protezzjoni u l-kura,*
*li jinkludu: id-drittijiet bażiċi għall-ikel, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa; protezzjoni ugwali tad-drittijiet ċivili tat-tfal; u l-ħelsien mid-diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-razza, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, in-nazzjonalità, ir-reliġjon, id-diżabbiltà, il-kulur tal-ġilda, l-etniċità u karatteristiċi oħra tat-tfal.*
6. Kapaċi nispjega b'mod ċar xi tfisser imġiba abbużiva u kapaċi nagħmel id-differenza bejn abbuż u dixxiplina, e.*ż. nidentifika sinjali ta' abbuż fiżiku, emozzjonali u sesswali għall-kuntrarju ta' dixxiplina pożittiva.*
7. Kapaċi niddeskrivi xi affarijiet li l-persuni għandhom komuni u xi affarijiet li għandhom differenti.
IL-BIDLA SOĊJALI
8. Kapaċi nitkellem fuq persuni li għandhom bżonnijiet partikolari filwaqt li nempatizza magħhom.
9. Kapaċi niddeskrivi affarijiet li jogħġbuni u li jdejquni fuq is-soċjetà lokali.
10. Kapaċi nsemmi nies li jmexxu l-iskola u x'jagħmlu.
11. Kapaċi nsemmi affarijiet li jistgħu jsiru meta xi ħadd jikser ir-regoli.
12. Kapaċi nispjega kif nista' nagħti kontribut għas-soċjetà lokali.
13. Kapaċi nuri kif nista' naħdem flimkien ma' grupp/klassi fi proġett fuq suġġetti soċjali u ambjentali.
NITGĦALLEM KIF
14. Kapaċi nosserva dak li hemm madwari u kapaċi nagħti suġġerimenti fuq kif nista' ngħin biex intejjibhom, *e.ż. Kapaċi nidentifika x'jista' jsir fl-iskola, fid-dar.*
15. Kapaċi nagħraf l-impatt tal-azzjonijiet tiegħi fuq ħaddieħor u fuq l-ambjent u kapaċi nidentifika affarijiet li jagħmlu n-nies li jistgħu jagħmlu ħsara jew jgħinu lill-ambjent.
NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
16. Nagħti valur lir-riżorsi umani u kapaċi niddiskuti għaliex dawn huma limitati.
NITGĦALLEM KIF
17. Kapaċi nispjega t-tifsira tal-kelma 'midja' u kapaċi nagħti eżempji tat-tipi differenti ta' midja.
18. Kapaċi nuri kif il-midja hija parti integrali mill-ħajja ta' kuljum.
19. Kapaċi nagħraf l-influwenza tal-midja fil-ħajja ta' kuljum.
20. Kapaċi nibda nagħraf, nanalizza u ninterpreta l-messaġġi tal-midja.
21. Kapaċi nsemmi modi bażiċi kif nista' nimmaniġġja l-flus fil-but (pocket money) b'mod effettiv.
IT-TAGĦLIM KREATTIV
22. Kapaċi nitkellem fuq il-modi bażiċi kif tfaddal il-flus.
23. Kapaċi niddeskrivi x'nonfoq u xi nfaddal kull ġimgħa jew kull xahar.
24. Kapaċi ngħin fil-kura tal-annimali u l-pjanti.
NITGĦALLEM INKUN JIEN
25. Kapaċi nitkellem fuq kif tieħu ħsieb annimali domestiċi u annimali differenti.
26. Kapaċi nitkellem fuq il-gruppi u s-sottogruppi li nagħmel parti minnhom, *e.ż. minn globali għal nazzjonali u lokali għall-familja, ħbieb, attivitajiet differenti, l-iskola, il-klassi.*
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Ippjanar tal-Karriera u l-Esplorazzjoni

1. Kapaċi nispjega kif il-kontribut tiegħi fid-dar huwa importanti għall-familja.
2. Kapaċi nsemmi x-xogħlijiet differenti li nsibu fil-komunità tiegħi.
3. Kapaċi niddiskuti u nispjega l-importanza tax-xogħlijiet differenti li nsibu fil-komunità tiegħi.
4. Kapaċi nuri xi jfissru t-termini 'drittijiet', 'obbligi' u 'responsabbiltajiet'.
5. Kapaċi niddiskuti rwoli sterjotipiċi u mhux fi ħdan il-familja.

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Għeluq

1. Kapaċi nitkellem fuq suġġetti li għoġbuni u sibt utli fil-PSCD u kapaċi niddiskuti għaliex kienu ta' importanza għalija.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
2. Kapaċi nitkellem fuq dak li nixtieq nitgħallem is-sena d-dieħla fil-PSCD u naqsam dan ma' ħaddieħor.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
3. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi li bihom nista' ngħin lili nnifsi nagħmel l-almu tiegħi u lill-oħrajn jagħmlu l-almu tagħhom ukoll.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV

# LIVELL 6

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali

1. Naf x'għandi speċjali: abbiltajiet, talenti, interessi, it-tajjeb u n-nuqqasijiet, *e.ż. sens ta' kunfidenza meta nagħti opinjoni fuq suġġetti importanti, nidentifika n-nuqqasijiet filwaqt li naf li nista' naħdem fuqhom sabiex intejjibhom.*
   PERSONALI
2. Kapaċi nitkellem fuq l-isfidi u d-diffikultajiet fil-proċess tranżitorju għas-settur sekondarju u nħossni kunfidenti li t-tranżizzjoni ser tkun waħda faċli u maniġġabbli.
3. Kapaċi nagħraf li jien uniku/a, inħossni tajjeb/tajba bija nnifsi u nkun kburi/ija bil-kisbiet tiegħi, *e.ż. sodisfatt/a bil-kisbiet tiegħi sa issa, irrid immur tajjeb f'dak li nagħmel u li nuża bl-aħjar mod possibbli l-opportunitajiet u t-talenti tiegħi.*
   PERSONALI
4. Kapaċi nirrispondi b'kunfidenza dejjem akbar għal persuni u sitwazzjonijiet ġodda.
5. Kapaċi nistaqsi u nitkellem b'mod kunfidenti mal-adulti u ma' sħabi fuq il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħi.
   INTERPERSONALI
6. Kapaċi nidentifika xi nħobb u x'ma nħobbx.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
7. Kapaċi niddeskrivi modi differenti li nuża biex nistudja.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
8. Kapaċi niddeskrivi l-ħiliet meħtieġa biex nilħaq il-miri personali tiegħi u nużahom skont il-bżonn.
   PRATTIKA
9. Kapaċi niddeskrivi kif l-ansjetà taffettwani fl-istudju u jien konxju/a tal-abbiltajiet u t-tekniċi meħtieġa sabiex naffrontahom b'mod xieraq.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
10. Kapaċi napprezza filwaqt li nkun responsabbli għalija nnifsi u l-atteġġament tiegħi.
11. Nifhem li l-iżbalji jistgħu jkunu esperjenzi ta' tagħlim.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
12. Kapaċi noħloq miri li nista' nilħaqhom.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
13. Kapaċi nieħu gost l-iskola, nikkomunika u nġib ruħi b'mod xieraq.
    IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettabbli

1. Kapaċi nintroduċi lili nnifsi mal-għalliem/a tiegħi u mal-istudenti sħabi u naqsam magħhom ftit mill-interessi tiegħi, xi nħobb u x'ma nħobbx.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Kapaċi niddeskrivi x'hemm komuni u differenti bejn komunikazzjoni verbali u mhux verbali.
3. Kapaċi nagħraf u nuża t-ton tal-vuċi addattat meta qed nikkomunika.
4. Kapaċi nagħti l-kontribut tiegħi biex jiġu stabbiliti xi regoli biex naħdem ma' ħaddieħor fil-klassi.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
5. Kapaċi niddiskuti u naqbel fuq sanzjonijiet xierqa kemm-il darba jinkisru r-regoli.
6. Kapaċi nispjega kif il-fatt li naħdem f'tim jgħinni niżviluppa ċerti ħiliet.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
7. Kapaċi nidentifika l-importanza ta' li taħdem f'tim sabiex ikollok riżultati aħjar, *e.ż. il-ħaġa sħiħa hija akbar mit-total tal-partijiet tagħha.*

8. Kapaċi niddeskrivi modi kif ngħin lil ħaddieħor biex jitgħallem, e.ż. il-qsim ta' ideat, siti, kotba, niddiskutu strateġiji differenti ta' tagħlim, nittratta lil sħabi tal-klassi mhux bħala kompetituri iżda bħala studenti li jitgħallmu b'kooperazzjoni.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
9. Kapaċi nagħraf l-emozzjonijiet tiegħi u ta' ħaddieħor.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
10. Nipperċepixxi l-importanza li nkun kburi/ija b'dak/dik li jien u nifhem li d-differenza ma tfissirx aħjar jew agħar.
   PERSONALI
11. Kapaċi nagħraf l-importanza filwaqt li nirrispetta l-emozzjonijiet, id-deċiżjonijiet, id-drittijiet u l-apparenza tal-oħrajn.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
12. Kapaċi niddetermina li jiena għandi effett fuq dak li jagħmel, jaħseb u jħoss ħaddieħor, u ħaddieħor jaffettwa dak li nagħmel, naħseb u nħoss jien.
   INTERPERSONALI
13. Kapaċi nagħraf u nuri li l-azzjonijiet iħallu konsegwenzi fuqi u fuq l-oħrajn, *e.ż. inkun responsabbli għall-azzjonijiet tiegħi u nifhem il-konsegwenzi tal-għażliet tiegħi meta nkun ma' sħabi, meta nkun onlajn, meta qed nagħmel xogħli l-iskola u d-dar.*
   PERSONALI
14. Kapaċi nsemmi tipi differenti ta' relazzjonijiet f'ħajti.
   IL-BIDLA SOĊJALI
15. Kapaċi nitkellem u nisma' lil sħabi u lill-adulti b'mod kordjali.
   INTERPERSONALI
16. Kapaċi nuri l-ħiliet meħtieġa biex jiżviluppaw relazzjonijiet tajbin, *e.ż. is-smigħ, l-empatija, is-sapport, l-inkoraġġiment, it-tjubija, il-ħniena.*
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
17. Kapaċi napprezza l-importanza filwaqt li ngħaddi kummenti pożittivi lil ħbiebi u lill-membri tal-familja.
   PERSONALI
18. Nifhem kif għandek tkun ħabib/a u li l-ħbiberiji jistgħu jinbidlu.
19. Kapaċi nibda tipi differenti ta' ħbiberiji, nagħraf il-valur tagħhom u kapaċi naffronta s-sitwazzjoni meta nitlef ħabib/a.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
20. Kapaċi nuri dak li nagħmlu sabiex inkunu kuntenti, imdejqa u rrabjati u x'jgħin u xi jfixkel il-ħbiberiji.
   IL-BIDLA SOĊJALI
21. Kapaċi nidentifika d-differenzi li jista' jkun hemm bejn il-ħbieb u kif naffronta problemi bejn il-ħbieb.
   IL-BIDLA SOĊJALI
22. Naf kemm hu importanti li tieħu ħsieb ħaddieħor u lilek innifsek.
   IL-BIDLA SOĊJALI
23. Kapaċi niddiskuti fuq x'inhuma l-familji u x'jistenna minn ħaddieħor kull membru tal-familja.
24. Kapaċi nitkellem fuq l-irwoli u l-emozzjonijiet tal-ġenituri/min jieħu ħsiebi.
25. Kapaċi ninnegozja fir-relazzjonijiet u naf x'għandi nagħmel meta naffaċċja nuqqas ta' qbil u/jew ideat/sitwazzjonijiet ta' kunflitt, *e.ż. mal-ħbieb, ġenituri/min jieħu ħsiebi.*
   KONJITTIVA
26. Naf fuq l-ibbuljar, għaliex isir, l-effetti tiegħu fuq il-persuni, kif taffrontah u kif tista' twaqqfu milli jsir.
27. Kapaċi nirreaġixxi b'mod assertiv għall-inkejja u l-ibbuljar.
   PERSONALI
28. Kapaċi nitkellem fuq kif il-persuni jgħixu b'modi differenti u li kulturi differenti jista' jkollhom stili differenti fil-ħajja.
   IL-BIDLA SOĊJALI
29. Kapaċi nitkellem fuq l-effetti tal-inġustizzja u l-preferenzi fil-ħajja tiegħi ta' kuljum.
   IL-BIDLA SOĊJALI

## L-Aspetti tas-Suġġett: Nfihem lili nnifsi jien u nikber

1. Kapaċi nesprimi l-emozzjonijiet b'mod differenti u nagħraf l-impatt tagħhom fuq ħaddieħor.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
2. Kapaċi nidentifika u nesprimi l-emozzjonijiet tiegħi sabiex ħaddieħor jifhem dak li rrid ngħid.
3. Naf id-differenza bejn emozzjonijiet pożittivi u dawk negattivi u l-importanza li tittratta l-emozzjonijiet b'mod effettiv, *e.ż. il-ħsibijiet, ir-rabja, id-diżappunti, l-għira, l-uġigħ, il-ferħ, il-kuntentizza, l-empatija, l-eċċitament.*
4. Kapaċi nagħraf u nimmaniġġja l-emozzjonijiet qawwija f'sitwazzjonijiet differenti, inkluż it-telfa u l-bidla.
5. Nifhem li l-persuni jistgħu jinbidlu f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi jħossu, x'jaħsbu u x'jagħmlu.
   IL-BIDLA SOĊJALI
6. Kapaċi nsemmi xi partijiet tal-ġisem li jintużaw għar-riproduzzjoni sesswali u kif il-partijiet tal-ġisem jaħdmu fir-riproduzzjoni sesswali, *e.ż. Kapaċi niddeskrivi l-kontribut tal-ġisem tar-raġel u tal-mara fir-riproduzzjoni sesswali.*
7. Nifhem ix-xebh u d-differenzi fiżiċi, konjittivi u emottivi bejn is-subien u l-bniet huma u jikbru.
   IL-BIDLA SOĊJALI
8. Naf li l-pubertà ġġib magħha bidliet fiżiċi, konjittivi u emottivi u qed nitgħallem kif nagħraf u nifhem dawn il-bidliet.
9. Nifhem u kapaċi nispjega għaliex xi persuni jħossuhom jistħu meta jitkellmu fuq ir-riproduzzjoni sesswali.
10. Kapaċi nidentifika l-partijiet privati u/jew intimi tiegħi u kapaċi niddiskuti min jista' u ma jistax ikollu aċċess għalihom filwaqt li nagħti l-kunsens tiegħi, *e.ż. it-tabib, min jieħu ħsiebi.*
11. Nifhem li hemm xebh u differenzi bejn il-persuni. Kapaċi nesprimi l-opinjonijiet personali fil-miftuħ u b'mod xieraq.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
12. Naf li għandi d-drittijiet kollha fuq ġismi.
13. Kapaċi niddeskrivi kif ir-rutina ta' iġjene personali tista' tinbidel jien u nikber.
14. Kapaċi nimmaniġġja proċeduri ta' iġjene, *e.ż. sigurtà fl-ikel, iġjene personali, mestrwazzjoni.*

## L-Aspetti tas-Suġġett: Is-saħħa, is-sigurtà u l-benessri

1. Naf ftit mill-għażliet li hemm għalija fuq kif niżviluppa stil ta' ħajja f'saħħtu issa u fil-futur.
2. Nikkonsidra l-valur li żżomm ruħek f'saħħtek u kapaċi nitkellem fuq attitudnijiet differenti fuq is-saħħa u l-mard.
3. Kapaċi nagħmel għażliet tajbin b'rabta ma' saħħti, *e.ż. l-ikel, ix-xorb, l-eżerċizzju fiżiku, l-irqad, il-mistrieħ, l-użu effettiv tal-ħin liberu.*
4. Kapaċi nidentifika flimkien mal-oħrajn liema attivitajiet ta' gost jgħinuna nżommu ruħna f'saħħitna.
5. Kapaċi nitkellem fuq prattiċi kulturali differenti marbuta mas-saħħa u l-iġjene.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
6. Kapaċi nitkellem ma' ħaddieħor fuq l-emozzjonijiet marbuta mal-eżamijiet.
7. Kapaċi niddeskrivi xi aspetti pożittivi u oħrajn anqas pożittivi marbuta mal-bidla.
8. Kapaċi jkolli aċċess biex ngħin fl-iskola u barra l-iskola.
9. Naf fuq postijiet li huma siguri, fejn insib l-għajnuna u l-persuni li jistgħu jgħinuni fil-komunità.
10. Naf meta għandi nżomm sigriet u meta nikxfu.
11. Kapaċi nitkellem fuq l-importanza tal-ippjanar għall-immaniġġjar tal-ħin tiegħi, *e.ż. ir-rutina tax-xogħol tad-dar, il-ħin rikreattiv, il-ħin fuq l-internet, l-attivitajiet ekstrakurrikulari, ħin mal-ħbieb, il-gost u l-ħin liberu.*
    PERSONALI
12. Kapaċi nidentifika l-problemi u ngħaddi suġġerimenti ta' x'jista' jsir biex jitnaqqsu dawn il-problemi.
13. Kapaċi nagħraf il-bżonn li nitlob is-sapport meta dan hu meħtieġ.
14. Nifhem xi tfisser li tirrispetta ġisem ħaddieħor u ġismi.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
15. Kapaċi nagħraf riskji potenzjali għas-sigurtà tiegħi u ta' ħaddieħor minn persuni, sitwazzjonijiet u l-ambjent.
    IL-BIDLA SOĊJALI
16. Kapaċi nidentifika problemi u nissuġġerixxi x'jista' jsir biex jitnaqqsu dawn il-problemi.
17. Kapaċi nuża modi bażiċi differenti sabiex nirreżisti l-pressjoni negattiva ta' sħabi.
    PERSONALI

18. Kapaċi nkun assertiv/a meta nkun pressat/a biex nagħmel il-ħażin.
    PERSONALI
19. Naf li xi persuni għandhom bżonn id-droga biex jgħixu ħajja normali u li xi drogi jistgħu jipprevjenu l-iżvilupp ta' mard, *e.ż. it-tilqim.*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
20. Naf fuq varjetà ta' drogi legali li ssib fil-ħajja ta' kuljum inkluż dawk li jistgħu jinxtraw mingħand l-ispiżjar bħall-aspirina, drogi preskritti bħala mediċini, kif ukoll it-te, il-kafè, it-tabakk u l-alkoħol u għandi ftit għarfien fuq l-effetti tagħhom u r-riskji marbuta magħhom.
21. Naf li xi sustanzi huma illegali u għandi xi għarfien fuq l-effetti tagħhom u r-riskji marbuta magħhom.
22. Kapaċi nitkellem fuq il-benefiċċji tad-drogi fuq is-soċjetà kif ukoll fuq il-problemi li jikkawżaw lis-soċjetà meta jintużaw ħażin.
    IL-BIDLA SOĊJALI
23. Kapaċi niddiskuti fuq il-benefiċċji u r-riskji possibbli meta taqsam informazzjoni onlajn.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
24. Naf kif għandek tissettja l-privacy settings meta nikkomunika onlajn.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
25. Naf l-importanza u kapaċi nissettja limitu għall-ħin li nqatta' fl-użu tat-teknoloġija.
    L-IMMANIĠĠJAR TAT-TAGĦLIM
26. Kapaċi nidentifika l-perikli għas-saħħa u s-sigurtà fid-dar, fl-iskola u fl-ambjent ta' madwari.
27. Kapaċi nagħraf ir-riskji f'sitwazzjonijiet differenti u nagħmel ġudizzji fuq l-imġiba u d-deċiżjonijiet marbuta mas-sigurtà personali.
    KONJITTIVA
28. Naf li siringi u labar mormija jistgħu jkunu perikolużi.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Iċ-Ċittadinanza

1. Kapaċi niddeskrivi l-fatturi li jgħinu u li jfixklu lin-nies milli jaħdmu f'timijiet.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Naf u kapaċi nuri kif għandi nġib ruħi f'sitwazzjonijiet differenti, *e.ż. fil-klassi, fil-bitħa tal-iskola, waqt ħarġiet tal-iskola, fid-dar, fil-knisja.*
3. Kapaċi nuri u naf il-valur tar-responsabbiltà għalija nnifsi u għall-oħrajn fl-iskola u barra, *e.ż. il-klassi, il-bitħa tal-iskola, ħarġiet tal-iskola.*
4. Naf u kapaċi niddiskuti r-regoli tal-iskola u tal-klassi u għaliex huma meħtieġa.
5. Kapaċi nikkontribwixxi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi grupp żgħir u naf il-ħiliet meħtieġa fit-teħid ta' deċiżjonijiet.
6. Kapaċi nieħu sehem f'diskussjonijiet fuq suġġetti marbuta ma' ħajti, *e.ż. l-ambjent tal-iskola, l-ibbuljar, trattament inġust mill-adulti.*
7. Kapaċi nagħraf u napprezza d-drittijiet tal-bniedem.
   IL-BIDLA SOĊJALI
8. Kapaċi nagħraf li l-persuni kollha għandhom l-istess bżonnijiet bażiċi u naf id-differenza bejn bżonnijiet u xewqat.
9. Kapaċi nispjega d-differenza bejn drittijiet u obbligazzjonijiet/dmirijiet.
   IL-BIDLA SOĊJALI
10. Kapaċi nagħraf li mad-drittijiet jiġu r-responsabbiltajiet. Naf fuq ir-responsabbiltajiet tiegħi lejn il-ħbieb, il-klassi u l-familja.
    IL-BIDLA SOĊJALI
11. Naf x'jiġifieri 'tpoġġi lilek innifsek fiż-żarbun ta' ħaddieħor', *e.ż. persuni li huma anqas fortunati minni, persuni li qed isofru, persuni li għaddejjin minn diffikultajiet f'ħajjithom.*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
12. Kapaċi nitkellem fuq ir-responsabbiltajiet tiegħi lejn ħbiebi, sħabi tal-klassi u l-familja.
13. Kapaċi nispjega numru differenti ta' reliġjonijiet oħra, kif inhuma differenti, kif ukoll dak li għandhom komuni.
    IL-BIDLA SOĊJALI

14. Kapaċi niddeskrivi regoli u liġijiet li jifformaw kif il-persuni jagħmlu l-affarijiet fil-komunità lokali tiegħi.
15. Kapaċi niddeskrivi x'jiġri meta l-persuni jiksru l-liġijiet u r-regoli.
16. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser 'tmexxija' u għaliex l-għażla ta' mexxej kultant hi meħtieġa; Kapaċi niddeskrivi liema huma l-karatteristiċi importanti għalija f'mexxej.
17. Kapaċi nitkellem fuq is-servizzi differenti, ħwienet u riklami li jaffettwaw lill-komunità, *e.ż. naf fuq il-kumditajiet: il-librerija, l-uffiċċju tal-kunsill lokali, il-knisja parrokkjali, ċentri ta' passatempi u mużewijiet.*
18. Kapaċi nagħraf u napprezza l-valuri tad-dar, tal-iskola u tal-komunità, *e.ż. napprezza u rrid nieħu ħsieb id-dar, il-klassi, il-binjiet tal-iskola, u żoni lokali.*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
19. Kapaċi nidentifika modi li bihom kollha nistgħu nagħtu kontribuzzjoni pożittiva lill-individwi u lill-komunità lokali.
20. Kapaċi nieħu deċiżjonijiet fuq l-użu ta' riżorsi skarsi.
    NITGĦALLEM KIF
21. Kapaċi nidentifika u niddeskrivi xi jfisser żvilupp sostenibbli.
    NITGĦALLEM KIF
22. Kapaċi nidentifika x'azzjonijiet jistgħu jittieħdu fl-iskola, fid-dar u fil-komunità lokali biex nikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.
23. Kapaċi nuża faċilitajiet lokali li huma sostenibbli għall-ambjent.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
24. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser u naf l-importanza tal-4R u nagħti eżempji kif dawn jistgħu jsiru b'mod prattiku, *e.ż. tipi differenti ta' riċiklar, kif jista' jitnaqqas il-konsum u kif jista' jerġa' jintuża jew jiġġedded materjal għal użu alternattiv.*
    NITGĦALLEM KIF
25. Kapaċi nagħraf meta l-għażliet ikunu affettwati mill-midja u influwenzi oħra.
26. Kapaċi niddiskuti kif kemm is-subien kif ukoll il-bniet jistgħu jagħmlu l-istess biċċiet xogħol u jgawdu l-istess affarijiet għalkemm midja differenti turi/tinkoraġġixxi l-isterjotipi.
27. Kapaċi nargumenta fuq kif valuri differenti jinfluwenzaw kif il-persuni jonfqu flushom, *e.ż. il-paga, il-flus fil-but (pocket money).*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
28. Kapaċi nevalwa għaliex it-tfaddil tal-flus huwa importanti; Kapaċi naħseb f'modi kif il-flus jistgħu jintefqu apparti minn fuqi.
29. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi x'jinfluwenzani biex nonfoq il-flus fuqi nnifsi u fuq ħaddieħor.
30. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser li tkun finanzjarjament responsabbli u nagħti eżempji ta' persuni li huma finanzjarjament responsabbli.
31. Kapaċi nuri kif id-deċiżjonijiet tiegħi marbuta mal-infiq jaffettwaw lili personalment, lill-ekonomija lokali, lill-ambjent u lil persuni f'partijiet oħra tad-dinja.
32. Naf l-importanza u kapaċi nuri kif għandek tieħu ħsieb l-annimali bl-akbar kura u sensittività.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
33. Kapaċi nagħraf li persuni oħra, l-annimali u l-pjanti għandhom il-bżonnijiet tagħhom.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
34. Kapaċi niddeskrivi kif il-bniedem u l-ambjent jistgħu jaffettwaw l-annimali f'pajjiżi u f'pajjiżi oħra fid-dinja.
    NITGĦALLEM KIF
35. Kapaċi niddiskuti kif gruppi differenti għandhom viżjonijiet differenti, *e.ż. sħabi, il-ġenituri, l-għalliema u persuni ta' twemmin u kulturi differenti.*
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Ippjanar tal-Karriera u l-Esplorazzjoni

1. Kapaċi niddiskuti kif jien nista' nkun ta' kontribut fil-komunità tiegħi permezz ta' attivitajiet li nipparteċipa fihom.
2. Kapaċi niddeskrivi x-xogħlijiet differenti u l-irwoli fuq il-post tax-xogħol tal-persuni viċin tiegħi, *e.ż. il-ġenituri, iz-ziju.*
3. Kapaċi nitkellem fuq l-aspirazzjonijiet tiegħi għall-futur.
4. Kapaċi nispjega l-interdipendenza bejn xogħlijiet differenti u l-irwoli fuq ix-xogħol.
5. Kapaċi niddiskuti d-drittijiet, l-obbligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-ħaddiem u min iħaddem.
6. Kapaċi nuri li l-attitudni tiegħi lejn l-iskola tista' taffettwa l-aspirazzjonijiet tiegħi għall-futur.
7. Kapaċi niddiskuti l-isterjotipi marbuta max-xogħol u l-karrieri.
8. Kapaċi nidentifika kif il-midja tista' tinfluwenza l-perċezzjonijiet tiegħi fuq rwoli differenti fuq ix-xogħol.

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Għeluq

1. Kapaċi nidentifika suġġetti li kienu ta' importanza partikolari għalija fil-PSCD u nispjega għaliex kienu ta' importanza għalija.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
2. Kapaċi nitkellem fuq dak li nixtieq nitgħallem is-sena d-dieħla fil-PSCD u naqsam dan ma' ħaddieħor.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
3. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi li bihom nista' ngħin lili nnifsi nagħmel l-almu tiegħi u lill-oħrajn jagħmlu l-almu tagħhom ukoll.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV

# LIVELL 7

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali

1. Kapaċi nitkellem b'mod kunfidenti fuq it-tranżizzjoni mis-settur primarju u l-isfidi li qed insib fis-settur sekondarju, *e.ż. nanalizza l-kisbiet sa issa, nirrifletti u niddiskuti fuq il-ħajja fl-iskola fil-livell primarju (it-tmiem) u l-ħajja fl-iskola fil-livell sekondarju.*
2. Kapaċi nidentifika l-emozzjonijiet tiegħi u dak li jġagħalni nħossni tajjeb u ħażin.
3. Kapaċi nagħraf kif nara u napprezza lili nnifsi jaffettwa l-kunfidenza fija nnifsi, l-istima fija nnifsi, kemm nagħti valur lili nnifsi u l-imġiba.
4. Kapaċi nidentifika u niddiskuti proċessi effettivi u xierqa ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
   INTERPERSONALI
5. Kapaċi nesprimi u nikkomunika opinjonijiet b'mod verbali u mhux verbali fuq affarijiet ta' interess għalija.
   INTERPERSONALI
6. Kapaċi nagħmel distinzjoni bejn imġiba assertiva, aggressiva u ubbidjenti.
7. Kapaċi ma naqtax qalbi u negħleb diffikultajiet b'mod pożittiv.
   KONJITTIVA
8. Kapaċi nagħmel għażliet informati u naf kif nikseb informazzjoni preċiża u ta' min joqgħod fuqha.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
9. Kapaċi nagħmel distinzjoni bejn l-irwoli differenti li jista' jkolli f'kuntesti soċjali differenti, *e.ż. student/a, iben/bint.*
10. Kapaċi nitkellem fuq abbiltajiet ta' studju, użanzi u l-metodi li nippreferi biex nitgħallem.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
11. Kapaċi nsegwi l-interessi tiegħi hekk kif dawn jgħinuni nirrifletti fuq jien min jien u l-għażliet tas-suġġetti li ser nitgħallem fl-iskola.
    PRATTIKA
12. Kapaċi nisma' u nitkellem ma' ħaddieħor fuq it-tagħlim.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
13. Kapaċi naħdem b'mod effettiv kemm waħdi kif ukoll ma' ħaddieħor, jiddependi mill-bżonn tas-sitwazzjoni.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
14. Naf li t-tagħlim jinvolvi proċessi differenti.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
15. Kapaċi nifhem li nista' nitgħallem mill-iżbalji tiegħi stess.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
16. Konxju/a li l-ħolm u l-aspirazzjonijiet tiegħi huma importanti għalija u li jistgħu jinbidlu mal-mogħdija taż-żmien u li għandhom effett fuq l-għażliet u d-deċiżjonijiet informati tiegħi, *e.ż. l-għażla tas-suġġett u l-karriera, edukazzjoni mhux formali.*
17. Kapaċi nuri determinazzjoni fil-konklużjoni ta' biċċiet ta' xogħol.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
18. Kapaċi nikkonsidra jekk il-valuri personali u l-attitudnijiet tiegħi għandhomx ikunu bħal ta' persuni oħra jew le.
    IL-BIDLA SOĊJALI
19. Nifhem l-importanza filwaqt li kapaċi nispjega kif nista' nuża opportunitajiet u esperjenzi partikolari fl-iskola u barra mill-iskola għal skop ta' tagħlim, *e.ż. ninvolvi lili nnifsi f'edukazzjoni mhux formali, xogħol volontarju.*
    PRATTIKA

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettabbli

1. Kapaċi nintroduċi lili nnifsi ma' studenti sħabi u l-għalliem/a u naqsam magħhom ftit mill-interessi tiegħi, xi nħobb u x'ma nħobbx; kapaċi nikseb informazzjoni fuq l-interessi u l-ideat tagħhom.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Kapaċi nidentifika l-emozzjonijiet permezz tal-komunikazzjoni mhux verbali.
3. Nifhem għaliex xi persuni jaħdmu tajjeb fi grupp u oħrajn le.
4. Kapaċi nikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' regoli bażiċi u kapaċi niddiskuti fuq il-konsegwenzi xierqa kemm-il darba jinkisru r-regoli, *e.ż. il-konsegwenzi marbuta mal-offiża, huma rispettabbli u raġunati u li jgħinuna nitgħallmu u nikbru.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
5. Kapaċi niddeskrivi kif l-aħjar taħdem fi grupp u kapaċi nispjega kif il-persuni jistgħu jieħdu rwoli differenti fi grupp, *e.ż. mexxejja, semmiegħa, jokers, segwaċi, osservaturi, uħud jisgħu jikkontrollaw/sottomessi/iparlaw.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
6. Kapaċi nipperċepixxi u nagħraf l-opinjonijiet u l-emozzjonijiet ta' ħaddieħor u nagħti u nirċievi rispons, *e.ż. il-ġenituri/min jieħu ħsiebi, ħbieb, għalliema.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
7. Kapaċi nispjega li l-individwi għandhom it-tajjeb u n-nuqqasijiet.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
8. Kapaċi nagħraf il-valur tal-kisbiet ta' ħaddieħor u naċċetta lil kulħadd bħala individwu.
9. Kapaċi nagħmel u nirċievi kritika kostruttiva.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
10. Kapaċi nidentifika l-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħi u ta' ħaddieħor u ta' dawk madwari.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
11. Kapaċi niddiskuti kif tipi differenti ta' relazzjonijiet huma importanti f'ħajti u fil-ħajja ta' ħaddieħor.
    IL-BIDLA SOĊJALI
12. Kapaċi niddeskrivi kif nista' nagħti kontribut pożittiv fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet interpersonali.
13. Kapaċi napprezza għaliex l-onestà, il-lealtà, ir-rispett u l-fehim huma attributi importanti fir-relazzjonijiet.
14. Nifhem x'jiġifieri fiduċja u kredibilità.
    INTERPERSONALI
15. Kapaċi niddeskrivi tipi differenti ta' relazzjonijiet ta' mħabba.
16. Kapaċi niddeskrivi kif il-persuni jistgħu juru l-imħabba tagħhom lejn persuni oħra.
17. Kapaċi nuri li hemm tipi differenti ta' relazzjonijiet u naf li hemm ħafna forom differenti ta' ħbiberiji.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
18. Kapaċi niddeskrivi tipi differenti ta' sigrieti u naf liema sigrieti għandi nżomm u liema sigrieti ma jistgħux jinqasmu ma' ħaddieħor.
19. Ngħożż il-ħbieb u kapaċi nesprimi l-emozzjonijiet tiegħi lejhom.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
20. Kapaċi nagħraf meta ħaddieħor għandu bżonn l-għajnuna u kapaċi nagħti s-sapport tiegħi.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
21. Kapaċi niddetermina l-kisbiet tiegħi u ta' ħaddieħor.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
22. Kapaċi nagħmel lista u ngħożż tipi differenti ta' familji.
    IL-BIDLA SOĊJALI
23. Nirrispetta l-fatt li l-ġenituri jħossu u jinkwetaw għal uliedhom.
24. Kapaċi niddeskrivi modi differenti ta' kif tista' tgħix fi ħdan familja.
    IL-BIDLA SOĊJALI
25. Kapaċi nidentifika l-alternattivi possibbli meta niġi wiċċ imb wiċċ ma' kunflitti jew nuqqas ta' ftehim.
    KONJITTIVA
26. Kapaċi niddiskuti l-ħiliet meħtieġa sabiex naffronta b'mod xieraq il-kunflitt.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV

27. Naf għaliex huwa ħażin li t-tfal jiġu bbuljati jew abbużati minn tfal oħra jew mill-adulti.
28. Kapaċi nitkellem fuq il-forom differenti ta' bbuljar: xi tħoss, għaliex jagħmluh, il-kodiċi ta' prattika tal-iskola u x'inhu mistenni mill-individwi.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
29. Kapaċi nipperċepixxi li r-rispons tal-persuni għall-ideat u l-avveniment jistgħu jiġu ddeterminati mill-età, ir-reliġjon, il-kultura.
    IL-BIDLA SOĊJALI
30. Kapaċi nagħti valur u nitkellem fuq id-diversità tal-istili ta' ħajja u l-għażliet li nagħmlu.
    IL-BIDLA SOĊJALI
31. Kapaċi niddeskrivi xi jfissru l-isterjotipi u l-preġudizzji.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
32. Kapaċi nagħraf u nagħti eżempji ta' modi kif subien/ġuvintur u bniet/tfajliet jiġu influwenzati biex iġibu ruħhom b'tali mod. .
    IL-BIDLA SOĊJALI

## L-Aspetti tas-Suġġett: Nfihem lili nnifsi jien u nikber

1. Kapaċi nimmaniġġja l-emozzjonijiet b'mod pożittiv u effettiv.
2. Naf modi differenti kif naffronta emozzjonijiet diffiċli, *e.ż. ir-rabja, il-biża', l-inkwiet, l-għira, l-uġigħ, id-diżappunt.*
3. Kapaċi nispjega għaliex l-emozzjonijiet huma importanti u li emozzjoni qatt ma tista' tkun ħażina, *e.ż. id-dwejjaq jgħinna ningħaqdu, il-ħtija tgħinna nsewwu l-imġiba.*
4. Kapaċi nistaqsi lill-oħrajn xi jħobbu u x'ma jħobbux f'persuni, postijiet u valuri differenti.
    IL-BIDLA SOĊJALI
5. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi l-importanza ta' aspetti differenti fis-saħħa sesswali.
6. Kapaċi niddeskrivi kif il-persuni jinbidlu minn meta jkunu trabi għal tfal għal adulti għal anzjani.
    IL-BIDLA SOĊJALI
7. Kapaċi nispjega l-bidliet li jkun hemm fil-pubertà, *eż bidliet fiżiċi, emottivi, konjittivi u sesswali.*
8. Qed nibda nikkonsidra suġġetti differenti minn perspettiva morali.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
9. Naf li s-sesswalità umana tista' tiġi espressa b'modi differenti, nifhem xi tfisser u għandi xi kliem biex niddeskriviha.
    IL-BIDLA SOĊJALI
10. Kapaċi niddefinixxi u nidentifika valuri li huma importanti għalija u għall-oħrajn madwari u naf li l-valuri tiegħi jaffettwaw l-imġiba tiegħi u l-viżjoni lejn il-ħajja.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
11. Kapaċi nieħu ħsieb ġismi, speċjalment l-iġjene personali u naf l-importanza tal-iġjene personali aktar ma nikber.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Is-saħħa, is-sigurtà u l-benessri

1. Kapaċi nispjega x-xebh u d-differenzi bejn xarbiet li jagħtu l-enerġija u xarbiet sportivi.
2. Kapaċi nispjega l-valur li nagħżel xarbiet li jżommuni f'saħħti u li jgħinuni nħossni aħjar.
3. Kapaċi nassessja u nispjega l-impatt tax-xarbiet li jagħtu l-enerġija fuq is-saħħa fiżika u mentali tiegħi u ta' ħaddieħor.
4. Naf x'jagħmilni kuntent/a u pożittiv/a għall-ħajja u kapaċi niddiskuti l-influwenza tal-eżerċizzju, il-ħin liberu u r-relazzjonijiet fuq is-saħħa mentali.
5. Kapaċi nagħti eżempji ta' problemi emozzjonali, fiżiċi u ta' saħħa soċjali.
6. Kapaċi nagħraf sinjali ta' stress personali u nuża strateġiji biex negħlibhom.
7. Kapaċi nispjega kif l-istress u sitwazzjonijiet stressanti jista' jkollhom effett fuq is-saħħa tiegħi u dik ta' ħaddieħor.

8. Kapaċi nifhem xi tfisser saħħa mentali u jien konxju/a li xi persuni jesperjenzaw stati mentali persistenti li jillimitawhom milli jagħmlu dak li jixtiequ.
IL-BIDLA SOĊJALI
9. Naf u kapaċi nispjega l-valur li nieħu deċiżjonijiet li jgħinuni u lil ħaddieħor inħossuna tajbin.
NITGĦALLEM INKUN JIEN
10. Kapaċi nikkonsidra l-benefiċċji ta' meta taċċetta l-għajnuna u l-gwida mingħand ħaddieħor u naf lil min għandi nkellem f'sitwazzjonijiet differenti, *e.ż. l-għalliema tas-suġġetti, guidance teachers, career advisor, counsellor, kap tal-iskola.*
IL-BIDLA SOĊJALI
11. Naf meta għandi nitlob is-sapport u lil min għandi nistaqsi fl-iskola u barra l-iskola.
12. Kapaċi nikkonsidra l-benefiċċji ta' pariri mingħand ħaddieħor.
13. Napprezza l-importanza tal-iżvilupp ta' attitudni pożittiva u motivazzjoni rigward sigurtà personali u t-teħid ta' riskju.
14. Naf li l-pressjoni biex nieħu sustanzi perikolużi jew illegali tista' tiġi minn persuni li naf bħall-ħbieb, persuni jiġu minni u ġirien.
15. Naf x'inku sigur li jintuża fuq jew ġol-ġisem.
16. Naf li s-sustanzi kollha jistgħu jkunu perikolużi jekk ma jintużawx b'mod xieraq.
17. Kapaċi nirreżisti l-pressjoni ta' ħaddieħor biex inġib ruħi b'tali mod li niskomoda lili nnifsi jew lil ħaddieħor.
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
18. Kapaċi nagħraf ir-riskju f'sitwazzjonijiet differenti u niġġudika fuq l-imġiba u d-deċiżjonijiet marbuta mas-sigurtà personali, *e.ż. nagħraf influwenza mhux mixtieqa u pressjoni mill-ħbieb speċjalment b'rabta mal-ibbuljar, imġiba aggressiva, it-tipjip, it-teħid ta' drogi u l-alkoħol, l-użu ħażin tal-internet u l-attività sesswali.*
PERSONALI
19. Kapaċi niddeskrivi l-impatt tal-użu tad-drogi fuq is-saħħa fiżika, emozzjonali, soċjali u finanzjarja tal-persuni.
20. Kapaċi niddiskuti u nesplora attitudnijiet u twemmin fuq tipi differenti ta' drogi u l-persuni li jistgħu jużawhom jew jużawhom ħażin, *e.ż. kapaċi nagħraf l-isterjotipi.*
21. Jiena konxju/a filwaqt li nagħraf li xi mudelli għaż-żgħażagħ jieħdu d-droga, *e.ż. fl-isport* u kapaċi nitkellem filwaqt li nesplora l-emozzjonijiet fuqhom.
22. Konxju/a li t-teknoloġija taf tirkbek u dan jista' jwassal għal prokrastinazzjoni u/jew vizzji.
IL-KOMUNIKAZZJONI
23. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi tipi ta' interazzjonijiet onlajn u kapaċi nanalizzahom bħala pożittivi u negattivi.
IL-MIDJA DIĠITALI
24. Kapaċi nispjega t-tifsira ta' 'sexting'.
25. Kapaċi nanalizza u niddeskrivi kemm il-fatturi pożittivi kif ukoll in-negattivi u l-konsegwenzi marbuta mal-użu tal-internet.
L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
26. Kapaċi niddeskrivi tipi differenti ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni u l-użu tagħhom, il-benefiċċji u l-problemi potenzjali.
L-IMMANIĠĠJAR TAL-INFORMAZZJONI
27. Kapaċi niddeskrivi kif ġeografikament u komunitajiet ta' interess jistgħu jibbenefikaw mit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni.
28. Kapaċi nagħmel għażliet għaqlin, *e.ż. fit-triq, fil-baħar, bil-logħob tan-nar u ma' sħabi.*
KONJITTIVA
29. Naf ir-regoli tal-iskola u tas-sigurtà marbuta mal- mediċini, l-alkoħol, it-tabakk, is-solventi u d-drogi illegali.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Iċ-Ċittadinanza

1. Konxju/a tad-dritt tiegħi li niddeċiedi u naf kif noħloq bilanċ bejn id-drittijiet tiegħi u ta' ħaddieħor.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
2. Kapaċi nispjega l-valur ta' li tagħmel riċerka biex tgħin lili u lil ħaddieħor nieħdu deċiżjonijiet informati.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
3. Irrid nipparteċipa u nagħmel differenza billi ninvolvi ruħi u lil ħaddieħor f'suġġetti li jittrattaw id-dinja reali sabiex inwasslu għal differenza pożittiva.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
4. Kapaċi nikkontribwixxi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi gruppi żgħar, *e.ż. l-issettjar tar-regoli għall-klassi u l-iskola, proġetti tal-iskola, attivitajiet fl-iskola.*
5. Kapaċi nispjega l-valur tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jgħinu lili u lil ħaddieħor inħossuna tajbin.
   IL-BIDLA SOĊJALI
6. Kapaċi nieħu sehem f'diskussjonijiet fuq suġġetti varji marbuta mal-ħajja tiegħi, *e.ż. l-ambjent tal-iskola, l-ibbuljar.*
7. Kapaċi nikkonsidra għaliex huwa importanti s-sens ta' ġustizzja meta nittratta lil sħabi u lil oħrajn fil-komunità.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
8. Kapaċi niddiskuti kif id-drittijiet jinvolvu wkoll responsabbiltajiet fid-dar, fl-iskola u fil-komunità, *e.ż. Għandi dritt għall-edukazzjoni iżda għandi d-dmir li nitgħallem, għandi dritt li nkun protett/a mill-ġenituri/min jieħu ħsiebi iżda għandi d-dmir li nikkoopera u nirrispetta r-regoli.*
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
9. Kapaċi niddiskuti kif 'id-drittijiet tal-bniedem' jistgħu jintużaw biex jgħinu persuni f'pajjiżi u f'pajjiżi oħra; naf li d-drittijiet jinvolvu r-responsabbiltajiet fid-dar, fl-iskola u fil-komunità, *e.ż. għandi dritt għall-edukazzjoni iżda għandi dmir li nitgħallem, għandi dritt li nkun protett/a mill-ġenituri/min jieħu ħsiebi iżda għandi d-dmir li nirrispetta r-regoli.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
10. Lest/a li nesplora r-relazzjoni bejn ir-rikkezza, il-faqar u s-sehem fis-soċjetà.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
11. Kapaċi nagħraf l-importanza ta' gruppi nazzjonali, reliġjużi u etniċi differenti u liema minnhom huma riflessi fil-komunità tal-iskola tiegħi.
    IL-BIDLA SOĊJALI
12. Kapaċi niddiskuti l-importanza li nkun membru attiv u impenjat tal-komunità fl-iskola, fil-komunità lokali u fil-komunità nazzjonali.
13. Kapaċi nżomm dibattitu fuq xi jtejjeb u xi jkisser l-ambjent lokali tiegħi u kif nista' nieħu ħsiebu, *e.ż. billi nuri interess fil-komunità lokali u billi nuri sens akbar ta' responsabbiltà soċjali.*
14. Kapaċi niddeskrivi l-importanza tat-tmexxija f'ċerti sitwazzjonijiet, *e.ż. meta mexxej huwa meħtieġ u/jew mhux meħtieġ, x'jagħmel mexxej tajjeb.*
15. Kapaċi nagħraf l-importanza tar-regoli tal-iskola u l-konsegwenzi meta tiksirhom, *e.ż. norbot dan mal-għarfien fuq il-liġi u nifhem li r-regoli u l-liġijiet huma maħsuba biex jipproteġu.*
16. Kapaċi niddiskuti l-prinċipji bażiċi tal-proċessi demokratiċi u kif dawn jistgħu jiġu applikati fl-iskola, fl-organizzazzjonijiet u fuq livell ta' gvern, *e.ż. regoli bażiċi fil-klassi, kunsilli tal-istudenti, politika fl-iskejjel, deċiżjonijiet f'organizzazzjonijiet u politika fil-livell ta' gvern; fehim li d-demokrazija tfisser li kulħadd huwa liberu jsemma' leħnu iżda mhux bilfors jagħmel li jrid.*
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
17. Kapaċi niddeskrivi liema huma l-karatteristiċi li nagħtihom valur f'mexxej u kapaċi mmexxi jekk ikun hemm bżonn.
18. Naf u kapaċi nitkellem fuq stili differenti ta' tmexxija u l-effetti tagħhom fuq l-individwi u s-soċjetà, *e.ż. stili ta' tmexxija demokratiċi, awtokratiċi u permissivi.*
19. Kapaċi nuża modi differenti biex nikkomunika u nesprimi l-ideat personali u ta' grupp fuq suġġetti soċjali u ambjentali.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

20. Kapaċi nevalwa informazzjoni fuq prijoritajiet fl-infiq: personali, mibnija fuq il-komunità, ambjentali.
21. Kapaċi nuri kif id-deċiżjonijiet tiegħi u dawk ta' oħrajn jistgħu jikkawżaw bidliet kemm għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin fl-ambjent tiegħi, *e.ż. l-ambjent immedjat tiegħi u fil-komunità inġenerali.*
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
22. Kapaċi nidentifika u niddeskrivi kif il-konsum ta' kuljum għandu effett dirett u indirett fuq l-ambjent.
23. Kapaċi nuri kif il-bżonnijiet differenti mill-ambjent għandhom impatt fuq l-iżvilupp sostenibbli.
24. Kapaċi niddeskrivi għaliex huwa importanti li tagħti valur lill-kontribuzzjoni ta' kull individwu għall-iżvilupp sostenibbli.
25. Kapaċi nidentifika u nuri kif jien u ħaddieħor fl-iskola, fid-dar u fil-komunità lokali nistgħu nikkontribwixxu aktar għal ambjent sostenibbli.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
26. Kapaċi nagħraf il-preġudizzju u l-messaġġ żbaljat fil-midja u r-reklamar.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
27. Kapaċi nagħraf u mmur kontra l-isterjotipi.
    IL-BIDLA SOĊJALI
28. Kapaċi nitkellem fuq l-importanza tal-flus u kapaċi nsemmi xi modi li jgħinuni nippjana l-infiq tiegħi sew.
29. Kapaċi nispjega r-relazzjoni bejn id-dħul finanzjarju u l-infiq.
30. Kapaċi nieħu deċiżjonijiet informati fuq kif nalloka l-flus miġbura.
31. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser għalija li tkun finanzjarjament responsabbli u kif nimmaniġġja l-finanzi tiegħi.
32. Kapaċi niddiskuti l-importanza li wieħed ikollu rispett lejn l-ambjent u kull ħaġa li tgħix, *e.ż. nirrispetta l-evidenza b'rabta ma' suġġetti soċjali u ambjentali.*
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
33. Kapaċi nsemmi l-gruppi u l-komunitajiet differenti li jien nagħmel parti minnhom u kapaċi niddiskuti l-interdipendenza ta' individwi, gruppi u komunitajiet, *e.ż. il-ħbieb, il-familja, l-iskola, lokali, nazzjonali, Ewropej u dinjin.*
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Ippjanar tal-Karriera u l-Esplorazzjoni

1. Kapaċi nintervista adulti biex insir naf fuq l-irwoli tax-xogħol u x'jinvolvu.
2. Kapaċi nżomm informazzjoni fuq interessi fil-preżent u għażliet li ser ikolli nagħmel fil-futur.
3. Kapaċi niddeskrivi kemm ix-xebh kif ukoll id-differenzi bejn xogħol u karriera.
4. Kapaċi nitkellem fuq il-firxa wiesgħa ta' xogħlijiet u rwoli fuq il-post tax-xogħol ta' persuni li naf u xi jħobbu/xi jdejjaqhom fix-xogħol tagħhom.
5. Kapaċi nsir naf u niddeskrivi numru differenti ta' ambjenti tax-xogħol li jeżistu għal xogħlijiet u karrieri differenti.
6. Kapaċi nagħti r-raġunijiet għaliex huwa importanti li tirrispetta x-xogħol ta' ħaddieħor u l-għażliet ta' karrieri ta' ħaddieħor, *e.ż. Naf li l-kontribut ta' kulħadd huwa bżonjuż u meħtieġ għall-aħjar tas-soċjetà.*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
7. Kapaċi nispjega kif il-maġġoranza tax-xogħlijiet/karrieri jinvolvu l-ħidma ma' persuni differenti.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
8. Kapaċi nidentifika l-kapaċitajiet tiegħi u l-punti li rrid naħdem fuqhom b'rabta mal-għażliet tal-karriera fil-futur.
9. Kapaċi niddeskrivi tipi differenti ta' 'xogħol' bħal xogħol bi ħlas, xogħol volontarju, xogħol ta' kura informali.
10. Kapaċi niġbor informazzjoni fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' ħaddiem u min iħaddem.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
11. Kapaċi niddeskrivi kif il-valuri u l-attitudnijiet tiegħi u ta' ħaddieħor jistgħu jinfluwenzaw ix-xogħol jew il-karriera fil-futur ta' individwu.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
12. Kapaċi nippreżenta lili nnifsi b'mod effettiv lil gruppi.
13. Kapaċi nuri li għandi l-kompetenzi biex inkun nista' nieħu deċiżjonijiet informati marbuta mal-għażla tas-suġġetti.

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Għeluq

1. Kapaċi nidentifika suġġetti li kienu ta' importanza partikolari għalija fil-PSCD u nispjega għaliex kienu ta' importanza għalija.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
2. Kapaċi nidentifika dak li tgħallimt b'rabta mal-PSCD f'din l-aħħar sena u x'għinni nitgħallem.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
3. Kapaċi nirrifletti fuq suġġetti li tgħallimt waqt il-PSCD u nidentifka sfidi u responsabbiltajiet b'rabta ma' numru minn dawn is-suġġetti.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
4. Kapaċi nidentifika x'suġġetti oħra nixtieq li nitgħallem dwarhom fil- PSCD.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
5. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi li bihom nista' ngħin lili nnifsi nagħmel l-almu tiegħi u lill-oħrajn jagħmlu l-almu tagħhom ukoll.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI

# LIVELL 8

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali

1. Kapaċi nagħraf l-importanza tad-determinazzjoni u l-perseveranza, *e.ż. l-importanza tal-perseveranza sabiex negħleb id-diffikultajiet u l-isfidi tal-ħajja.*
   PERSONALI
2. Kapaċi nuri b'mod kunfidenti l-importanza tal-kisbiet fuq l-istima tiegħi nnifsi u kif il-perċezzjoni tiegħi stess fuqi nnifsi tista' tinfluwenza l-għażliet li nagħmel f'ħajti.
   PRATTIKA
3. Kapaċi naħseb b'mod immaġinattiv u laterali sabiex insolvi problemi waħdi u flimkien ma' oħrajn.
   KONJITTIVA
4. Kapaċi nikkomunika l-ideat tiegħi u nippreżenta l-opinjonijiet tiegħi b'mod effettiv, *e.ż. permezz ta' diskussjonijiet informati, għarfien u informazzjoni xierqa u proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.*
   INTERPERSONALI
5. Kapaċi nieħu gost bit-tifħir tal-pubbliku għall-kisbiet tiegħi u nkun kuntent/a meta nirnexxi f'biċċiet ta' xogħol ġodda, differenti u diffiċli.
   PERSONALI
6. Kapaċi nippreżenta lili nnifsi b'mod kunfidenti f'okkażjonijiet differenti, *e.ż. naffronta b'aktar kunfidenza sitwazzjonijiet ġodda u persuni differenti.*
   PERSONALI
7. Kapaċi nqassam il-ħin u t-tagħlim b'mod effettiv, *e.ż. napprezza l-bżonn ta' mmaniġġjar tajjeb tal-ħin, nassessja l-abbiltajiet attwali ta' mmaniġġjar tal-ħin u niżviluppa modi ġodda kif nimmaniġġja l-ħin aħjar.*
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
8. Kapaċi nagħraf l-importanza tat-tagħlim u jien motivat/a biex niżviluppa u nitjieb.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
9. Kapaċi napplika l-għarfien u l-fehim tiegħi f'kuntesti differenti.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
10. Kapaċi naċċessa informazzjoni mingħajr għajnuna u nuża l-ġudizzju tiegħi sabiex nassessja informazzjoni b'mod xieraq.
    IT-TAGĦLIM KREATTIV
11. Kapaċi niddiskuti suġġetti varji u/jew temi fi grupp.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
12. Nifhem il-valur u nħossni kompetenti fl-immaniġġjar tat-tagħlim tiegħi stess.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
13. Konxju/a tal-metodi li nippreferi biex nitgħallem u nista' nużahom biex nippjana t-tagħlim tiegħi.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
14. Kapaċi nevalwa u naħdem fuq l-esperjenzi ġodda tiegħi ta' tagħlim b'rabta mal-għażla tas-suġġetti u l-ħolm u l-aspirazzjonijiet tiegħi.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
15. Kapaċi nagħraf u nimmaniġġja rispons pożittiv u negattiv, *e.ż. naf id-differenza bejn kritika kostruttiva u distruttiva u nkun kapaċi nimmaniġġja r-rispons negattiv b'mod xieraq.*
    IT-TAGĦLIM PERSONALI

16. Kapaċi nassessja l-ħiliet personali filwaqt li nissettja miri realistiċi.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
17. Kapaċi nagħraf l-importanza tal-immaniġġjar tal-għanijiet u tal-ħin b'mod effettiv.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
18. Kapaċi niddeskrivi u nuża l-ħiliet meħtieġa sabiex nimmaniġġja biċċa xogħol u nlestiha fiż-żmien mixtieq.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
19. Irrid nieħu l-aqwa possibbli mill-ħajja skolastika u kapaċi nispjega kif dan hu possibbli, *e.ż. Naf modi differenti kif il-ħajja fl-iskola kapaċi tkun interessanti, ta' gost u ta' sfida.*

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettabbli

1. Kapaċi nintroduċi lili nnifsi ma' studenti sħabi u l-għalliema u naqsam magħhom ftit mill-interessi tiegħi, xi nħobb u x'ma nħobbx; kapaċi nikseb informazzjoni fuq l-interessi u l-ideat tagħhom.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Kapaċi niddeskrivi modi differenti kif nista' nikkomunika b'mod effettiv mal-oħrajn.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
3. Kapaċi nispjega għaliex ir-rispett huwa importanti f'sitwazzjonijiet soċjali u nagħti eżempji ta' komunikazzjoni mibnija fuq ir-rispett.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
4. Kapaċi napprezza l-importanza tar-regoli bażiċi biex grupp jaħdem tajjeb u kapaċi nagħti l-kontribut tiegħi sabiex jitfasslu regoli għall-grupp, *e.ż. li nisma' b'attenzjoni u b'rispett meta membru mill-grupp ikun qed jitkellem, ma ninterrompix, ma ngħaddix ġudizzji, naċċetta l-valuri u l-viżjoni ta' ħaddieħor.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
5. Kapaċi niddiskuti fuq kif nista' nibni fuq it-tajjeb ta' ħaddieħor u kapaċi nagħti eżempji ta' dan.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
6. Kapaċi nispjega kif l-azzjonijiet tiegħi jistgħu jħallu effett fuq x'jagħmel, x'jaħseb u xi jħoss ħaddieħor, u li persuni oħra jaffettwaw dak li nagħmel, naħseb u nħoss jien.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
7. Kapaċi nsegwi l-ideat ta' ħaddieħor u nikkummenta fuq il-viżjoni tagħhom.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
8. Kapaċi ninnegozja u nikkontribwixxi sabiex jittieħdu deċiżjonijiet bħala parti minn grupp produttiv.
   INTERPERSONALI
9. Kapaċi nsegwi diskussjonijiet fi grupp, nikkollabora u nqassar dak li qed jingħad jew isir.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
10. Kapaċi napplika l-ħiliet personali għal xogħol fi grupp u individwali.
    INTERPERSONALI
11. Kapaċi nuri tħassib għal ħaddieħor filwaqt li niddefendi lil ħaddieħor billi mmur kontra l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni.
    IL-BIDLA SOĊJALI
12. Kapaċi nara lili nnifsi minn għajnejn ħaddieħor.
    IL-BIDLA SOĊJALI
13. Kapaċi nagħraf il-valur tad-differenzi fl-opinjonijiet, it-twemmin, il-kulturi ta' ħaddieħor,
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
14. Kapaċi nagħti u nirċievi s-sapport u kapaċi nfittex l-għajnuna mingħand sħabi u l-adulti.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
15. Kapaċi nistaqsi lill-oħrajn x'jaraw bħala pożittiv fihom u kapaċi nistaqsi lill-oħrajn x'jaraw tajjeb fija.
    PERSONALI
16. Kapaċi nifhem kif meta nħossni tajjeb miegħi nnifsi jaffettwa r-relazzjonijiet tiegħi.
17. Kapaċi nispjega xi jfissru relazzjonijiet importanti u niddiskuti l-importanza tagħhom għalija u għall-oħrajn.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI

18. Kapaċi nispjega kif relazzjonijiet importanti jinbnew maż-żmien u jibbażaw fuq il-valuri u t-tamiet tal-individwi.
19. Kapaċi niddeskrivi kif wieħed juri interess f'ħaddieħor, ma jagħtix kas jew ikollu relazzjonijiet li jagħmlu l-ħsara.
20. Kapaċi nidentifika l-pożittiv u l-partijiet li jeħtieġu żvilupp f'numru differenti ta' relazzjonijiet.
21. Kapaċi nagħti eżempji kif relazzjonijiet intimi jistgħu jibdew u jintemmu fi żminijiet differenti fil-ħajja tal-persuni.
22. Kapaċi nispjega xi nfisser bi mħabba u nista' nifhem x'jifhem ħaddieħor meta juża din il-kelma.
23. Kapaċi nitkellem ma' ħaddieħor fuq il-persuni li nħobb u nagħti r-raġunijiet tiegħi għaliex inħobbhom.
24. Kapaċi nagħti valur lil modi differenti ta' mħabba u l-importanza tal-imħabba fir-relazzjonijiet.
25. Kapaċi nuri l-importanza tat-tolleranza u r-rispett lejn ħaddieħor.
    IL-BIDLA SOĊJALI
26. Kapaċi nispjega kif il-fatt li jkollok tarbija jbiddel il-ħajja tal-individwu u jġib miegħu responsabbiltà kbira.
27. Kapaċi nagħmel u nibqa' ħbieb ma' persuni tal-istess sess u tas-sess oppost, *e.ż. il-ħiliet meħtieġa sabiex iżżomm ħbiberiji ma' persuni tal-istess sess jew tas-sess oppost.*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
28. Kapaċi nitkellem fuq il-pressjonijiet li jista' jkun hemm fir-relazzjonijiet u l-bidliet fin-natura tar-relazzjonijiet mal-ħbieb u l-familja.
    IL-BIDLA SOĊJALI
29. Kapaċi nuri l-importanza filwaqt li ngħaddi kummenti pożittivi lill-ħbieb u lill-membri tal-familja.
30. Kapaċi nevalwa l-emozzjonijiet personali fuq persuni li huma differenti u kapaċi nuri kif nista' ngħix kuntent miegħi nnifsi, mal-oħrajn u mad-dinja fuq numru ta' livelli minn dak lokali għal dak globali.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
31. Kapaċi nitkellem fuq l-uniċità tal-familja tiegħi u npoġġi lili nnifsi fiż-żarbun tal-ġenituri tiegħi jew ta' min jieħu ħsiebi.
32. Kapaċi nispjega kif iż-żwieġ u relazzjonijiet oħra stabbli huma ta' sapport għall-iżvilupp tat-tfal.
33. Kapaċi nsemmi fatturi li jikkontribwixxu għall-kwalità fil-ħajja tal-familja.
34. Kapaċi niddeskrivi u nsib modi kif il-persuni jistgħu jsolvu l-kunflitti jew in-nuqqas ta' qbil mingħajr il-bżonn ta' għajjat u storbju jew azzjonijiet mhux aċċettabbli.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
35. Kapaċi nsolvi kunflitti mingħajr inkwiet ma' ħadd, *e.ż. fid-dar, fl-iskola, mal-ħbieb u mal-adulti.*
    KONJITTIVA
36. Kapaċi niddibatti u niddefendi l-argument tiegħi mingħajr il-bżonn li ngħaddi ġudizzji u fl-istess ħin nuri empatija ma' ħaddieħor.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
37. Kapaċi niddiskuti fuq li ma naċċettax l-ibbuljar u l-pressjoni ta' sħabi.
    IL-BIDLA SOĊJALI
38. Napprezza u nagħraf li dak li hemm komuni u d-differenzi fil-persuni huma r-riżultat ta' ħafna fatturi.
    IL-BIDLA SOĊJALI
39. Kapaċi nagħraf xi jfisser il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni, u l-effett tagħhom fuq kulturi, ġens, sesswalità, diżabbiltà u età differenti.
    NITGĦALLEM KIF
40. Kapaċi nidentifika u nitkellem fuq l-inġustizzji u l-inugwaljanza.
41. Kapaċi niddiskuti fuq kif messaġġi sterjotipati jistgħu jinfluwenzaw il-perċezzjoni tal-persuni fuq l-oħrajn.
    IL-BIDLA SOĊJALI
42. Kapaċi nidentifika u nagħti eżempji ta' sessiżmu miftuħ u moħbi u kapaċi nidentifika modi biex immur kontrihom.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

## L-Aspetti tas-Suġġett: Nfihem lili nnifsi jien u nikber

1. Naf modi differenti kif nista' nimmaniġġja emozzjonijiet diffiċli, biżgħat u inkwiet.
2. Kapaċi niddeskrivi kif ir-rabja u emozzjonijiet diffiċli oħra jistgħu jimmanifestaw ruħhom b'modi li jagħmlu l-ħsara, *e.ż. aggressjoni, abbuż mid-droga, l-uġigħ fuq l-oħrajn u li tkun abbużiv/a.*
3. Kapaċi niddeskrivi modi xierqa u mhux xierqa ta' kif tesprimi emozzjonijiet pożittivi, *e.ż. il-ferħ, il-kuntentizza, l-eċċitament.*
4. Kapaċi nagħraf u nimmaniġġja emozzjonijiet qawwija f'sitwazzjonijiet differenti, inkluż it-telfa u l-bidla.
5. Kapaċi niddiskuti xi modi li fihom jien inbdilt b'mod emottiv, intellettwali, fiżiku u soċjali f'dawn l-aħħar snin.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
6. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi kif inħossni u x'naħseb fuq l-orjentazzjoni sesswali tiegħi u ta' ħaddieħor.
   IL-BIDLA SOĊJALI
7. Kapaċi niddeskrivi x'jagħmilni sigur/a u nsemmi x'qalu l-oħrajn fuq dak li jagħmilhom siguri, e.*ż. Kapaċi nitkellem mal-oħrajn fuq dak li persuni oħra jikkonsidraw xieraq jitkellmu fuqu u dak le.*
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
8. Kapaċi niddiskuti fuq ta' liema età ż-żgħażagħ ikunu lesti għal attività sesswali u kapaċi nitkellem fuq ir-relazzjoni bejn attività sesswali, rispett u responsabbiltà.
9. Kapaċi nispjega għaliex ir-rispett u r-responsabbiltà huma importanti meta jittieħdu deċiżjonijiet fuq l-imġiba sesswali.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
10. Kapaċi niddeskrivi x'jiġifieri esperimentazzjoni sesswali, meta tkun lest/a u r-riskji involuti.
11. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi l-importanza tal-aspetti differenti tas-saħħa sesswali.
12. Kapaċi nispjega kif il-valuri tiegħi u ta' ħaddieħor jista' jkollhom impatt fuq kif nippreżenta u nwassal is-sesswalità tiegħi.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
13. Kapaċi nitkellem fuq modi differenti kif tkun sesswali b'mod responsabbli u ma jagħmlux ħsara lili jew lill-oħrajn.
14. Naf li hemm firxa ta' stili ta' ħajja sesswali differenti.
    IL-BIDLA SOĊJALI
15. Kapaċi niddeskrivi modi differenti kif tkun sesswali u niddiskuti u nidentifika l-konsegwenzi ta' espressjonijiet sesswali differenti.
16. Naf li ma jeżisti l-ebda sess sigur kompletament, *e.ż. Naf li meta jissemma sess aktar sigur dan jimplika li tipprova tnaqqas ir-riskji bl-aktar mod possibbli iżda dejjem hemm element ta' riskju involut.*
17. Kapaċi nidentifika tipi differenti ta' STIs u niddeskrivi kif nipproteġi lili nnifsi u lill-oħrajn mill-STIs, *e.ż. kif tilbes kondom.*
18. Kapaċi nispjega l-mudell ABĊD.
19. Kapaċi niddefinixxi kemm huma effettivi u ta' min joqgħod fuqhom kull tip ta' kontraċettiv f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni tat-tqala u l-STIs.
20. Kapaċi niddeskrivi fejn jien/l-oħrajn nistgħu nfittxu l-għajnuna jekk jien/huma għandna xi mistoqsijiet fuq l-STIs, *e.ż. Kapaċi nsemmi aġenziji jew persuni li jistgħu jgħinu meta jien jew l-oħrajn ikollna bżonn l-għajnuna fuq suġġetti marbuta mas-sess - Il-Klinika Ġerjatrika (GU) f'Mater Dei.*
21. Kapaċi niddiskuti l-importanza tal-iġjene personali u check-ups fiżiċi regolari biex inżomm lili nnifsi u lil ħaddieħor f'saħħtu.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Is-saħħa, is-sigurtà u l-benessri

1. Naf l-effetti possibbli tal-istil ta’ ħajja fuq is-saħħa fiżika u mentali.
2. Ninkwieta fuq il-benesseri ta’ sħabi u ta’ ħaddieħor kif ukoll tiegħi.
3. Kapaċi nispjega xi tfisser benesseri, *e.ż. x’tip ta’ ikel jgħinni fiżikament u mentalment, x’jiġri lil moħħi u lil ġismi meta nagħmel eżerċizzju fiżiku, kif naffronta b’mod effettiv il-pressjoni u l-istress (alkoħol, inweġġa’ lili nnifsi).*
4. Naf l-importanza tal-benesseri fiżiku u mentali u kapaċi niddiskuti modi differenti kif nista’ nipprevjeni mard mentali u fiżiku.
5. Kapaċi nagħraf l-ewwel sinjali u s-sintomi ta’ stress fija nnifsi u f’ħaddieħor, u għandi strateġiji kif nista’ nipprevenihom u nnaqqashom.
6. Kapaċi nqabbel numru ta’ sitwazzjonijiet stressanti u kapaċi nuri liema huma l-aktar stressanti għalija u għal ħaddieħor.
7. Naf kif għandi nsib informazzjoni marbuta mas-saħħa, *e.ż. faċilitajiet ta’ ħin liberu, ċentri ta’ benesseri, kliniċi tas-saħħa.*
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
8. Naf għand min għandi mmur jekk inweġġa’ fiżikament jew emozzjonalment.
9. Naf kif għandi nfittex l-għajnuna u s-sapport minn aġenziji barra l-iskola, *e.ż. organizzazzjonijiet lokali u nazzjonali li joffru l-għajnuna u s-sapport tagħhom.*
10. Kapaċi nuri modi kif nirreżisti l-pressjoni li hija ta’ theddida għas-sigurtà tiegħi u kapaċi nassessja riskji potenzjali b’rabta ma’ relazzjonijiet abbużivi, alkoħol, u drogi illegali, imġiba sesswali.
11. Kapaċi niddeskrivi firxa ta’ drogi legali u illegali.
12. Nifhem u kapaċi niddeskrivi għaliex u kif firxa ta’ drogi legali u illegali jintużaw għall-gost.
13. Naf il-fatti u l-liġijiet fuq sustanzi illegali u l-perikli meta tuża ħażin drogi preskritti.
14. Kapaċi nilqa’ u mmur kontra pressjoni żejda.
    PERSONALI
15. Kapaċi nsemmi kemm l-aspetti pożittivi kif ukoll negattivi tal-internet, *e.ż. riċerka, aħbarijiet, divertiment, vizzji.*
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
16. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser ‘digital footprint’ u kif tista’ tfittex, tikkopja jew tgħaddi lil ħaddieħor informazzjoni personali fuq il-midja soċjali.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
17. Kapaċi nispjega x’inhu ‘sexting’ u meta mhux xieraq u nidentifika forom alternattivi biex naqsam informazzjoni personali.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
18. Kapaċi nispjega r-responsabbiltajiet tiegħi meta nuża l-midja diġitali biex inżomm lili nnifsi u lil ħaddieħor ‘il bogħod mill-periklu.
19. Kapaċi nsegwi istruzzjonijiet filwaqt li namministra proċeduri sempliċi tal-ewwel għajnuna.
20. Kapaċi nitkellem fuq it-tekniċi li jnaqqsu l-ħsara biex innaqqas ir-riskju ta’ STIs, tqala fost l-adolexxenti u problemi marbuta ma’ drogi.
21. Kapaċi nagħraf alternattivi u konsegwenzi għal żmien twil u għal żmien qasir meta nieħu xi deċiżjoni.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
22. Konxju/a kif il-mezzi tax-xandir jinfluwenzaw l-ideat b’rabta mas-saħħa u l-imġiba marbuta mas-saħħa.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Iċ-Ċittadinanza

1. Kapaċi nsolvi problemi/kunflitti b'mod demokratiku permezz tad-diskussjonijiet, billi jintużaw modi għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ilħuq ta' kunsens.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Kapaċi nempatizza filwaqt li nesprimi opinjonijiet li mhumiex tiegħi.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
3. Kapaċi nisma', inqassar u nżid ma' argument waqt diskussjoni fil-klassi jew fi grupp.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
4. Kapaċi ninduna bi preġudizzju u ommissjonijiet fl-argumenti ta' ħaddieħor.
5. Kapaċi nifhem xi jfissru indipendenza, interdipendenza, drittijiet u responsabbiltajiet u x'valur għandhom għalija.
   IL-BIDLA SOĊJALI
6. Kapaċi niddiskuti u nispjega d-differenza bejn il-bżonnijiet tiegħi u xi rrid, kif ukoll dawk ta' persuni oħra li qed jgħixu f'kuntesti differenti.
7. Kapaċi niddiskuti l-liġijiet ewlenin li jaffettwaw lili u lill-familja tiegħi u nifhem il-konsegwenzi tal-ksur tal-liġi, *e.ż. l-impatt li għandha fuqi u fuq il-komunità inġenerali.*
8. Infurmat/a fuq l-aspetti filwaqt li kapaċi niddiskuti l-aspetti differenti tal-liġi li taffettwa lil dawk tal-età tiegħi, *e.ż. xogħol fuq bażi part-time jobs, użu ħażin tal-internet, abbuż mill-alkoħol, drogi, abbuż sesswali.*
9. Naf l-importanza filwaqt li kapaċi nsemmi gruppi differenti volontarji u fil-komunità kemm fil-belt/raħal tiegħi u fuq livell nazzjonali; naf x'jagħmlu u l-impatt tagħhom fis-soċjetà; naf ukoll fuq il-benefiċċji fiżiċi u mentali tal-volontarjat.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
10. Kapaċi nipparteċipa f'attivitajiet fi grupp għall-ambjent lokali jew tal-komunità u kapaċi nargumenta b'mod kostruttiv fuq il-kunċett ta' ġustizzja permezz tar-regoli u s-sanzjonijiet tal-iskola.
    IL-BIDLA SOĊJALI
11. Kapaċi nargumenta fuq l-aspetti differenti tad-demokrazija u kapaċi norbothom ma' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-iskola u fil-gvern.
    IL-BIDLA SOĊJALI
12. Kapaċi nagħmel id-differenza bejn il-kunsilli lokali u l-gvern ċentrali, x'jagħmlu u kif inhuma marbutin flimkien.
13. Naf li kull individwu fil-komunità għandu d-dritt u d-dmir li jivvota fl-elezzjonijiet, *e.ż. il-vot jippermetti lill-individwu jieħu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet kemm waqt l-elezzjonijiet, fuq livell lokali u nazzjonali, u f'organizzazzjonijiet, i.e. l-importanza li wieħed jipprattika l-irwol sħiħ ta' ċittadin fil-proċess elettorali.*
14. Kapaċi niddiskuti kif nista' nieħu deċiżjonijiet fuq l-użu ta' riżorsi skarsi; nevalwa l-informazzjoni fuq il-prijoritajiet tal-infiq: personali, marbuta mal-komunità, ambjentali.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
15. Kapaċi noħloq argumenti razzjonali wara li nkun irriċerkajt suġġetti soċjali, morali u ambjentali.
16. Kapaċi nassessja l-istil ta' ħajja tiegħi u l-kontribuzzjoni għas-sostenibbiltà.
    NITGĦALLEM KIF
17. Kapaċi nuri għaliex għandna d-dmir li nikkontribwixxu biex l-ambjent jissaħħaħ fuq livell lokali u mondjali.
    NITGĦALLEM JIEN
18. Kapaċi nuri l-implikazzjonijiet ta' żvilupp mhux sostenibbli fuq l-ambjent lokali u mondjali u l-ġenerazzjonijiet tal-futur.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
19. Kapaċi nagħraf meta l-għażliet huma affettwati mill-midja u influwenzi oħra.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
20. Kapaċi nikkonsidra u nipprovdi eżempji ta' prodotti li huma reklamati biex jappellaw għal persuni differenti.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
21. Kapaċi nuri u nagħti eżempji kif il-messaġġi tal-midja jaffettwaw l-attitudnijiet u kapaċi joħolqu nuqqas ta' ugwaljanza fl-opportunitajiet.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
22. Kapaċi niddiskuti kif ir-reklamar jinfluwenza d-domanda u l-provvista.

23. Konxju/a filwaqt li kapaċi nispjega l-valuri li jiggwidawni fid-deċiżjonijiet marbuta mal-infiq.
24. Kapaċi niddeskrivi x'nonfoq u xi nfaddal kull ġimgħa jew kull xahar, meta nixtri prodotti.
25. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi x'jinfluwenzani biex nonfoq il-flus fuqi nnifsi u fuq ħaddieħor.
26. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser li tkun finanzjarjament responsabbli u nagħti eżempji ta' persuni li huma finanzjarjament irresponsabbli, *e.ż. il-ħlas jew le tat-taxxi.*
27. Naf l-impatt pożittiv tal-attività tal-bniedem fuq pjanti, annimali u l-ambjent u kapaċi nagħti valur lill-kwalitajiet estetiċi tal-ambjent ta' madwari.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
28. Kapaċi niddiskuti l-irwol tal-UE, il-Commonwealth u n-NU u r-relevanza tagħhom f'ħajti, *e.ż. id-'Drittijiet tat-Tfal' tan-NU.*

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Ippjanar tal-Karriera u l-Esplorazzjoni

1. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi l-preġudizzji tiegħi fuq min jagħmel ċertu xogħol.
2. Kapaċi nitkellem fuq il-firxa ta' għarfien, ħiliet u kwalitajiet personali meħtieġa għal tipi differenti ta' xogħlijiet/professjonijiet.
3. Kapaċi nirriċerka informazzjoni b'mod indipendenti, speċjalment b'rabta ma' pjanijiet ta' karriera.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
4. Kapaċi nitkellem fuq l-għażla wiesgħa ta' kategoriji ta' xogħol, attitudnijiet u kwalifiki bażiċi meħtieġa għal karrieri differenti.
5. Kapaċi nagħti eżempji ta' sfidi fuq il-post tax-xogħol u niddiskuti kif dawn jistgħu jiġu indirizzati b'mod etiku.
6. Kapaċi niddeskrivi kif rutini u prattiċi tax-xogħol jinbidlu u naf ftit mill-fatturi li jaffettwaw dan.
   NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
7. Kapaċi nsib u nirrapporta fuq kif il-preġudizzji tal-individwu jistgħu jnaqqsu l-opportunitajiet ta' xogħol/karriera kemm għall-individwu nnifsu kif ukoll għal ħaddieħor.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
8. Kapaċi nevalwa b'mod kritiku u nirrapporta fuq modi li jmorru kontra l-isterjotipi f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol li jagħmlu ċerti nies u l-progress tagħhom fuq il-post tax-xogħol.
   IL-BIDLA SOĊJALI
9. Kapaċi niddiskuti u nispjega xi nħobb, x'ma nħobbx u l-aspirazzjonijiet tiegħi.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
10. Kapaċi nuri li lest/a għal esperjenzi ta' orjentament ta' karriera jew żjajjar fuq postijiet ta' xogħol.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
11. Kapaċi nirrifletti u nevalwa b'mod kritiku l-esperjenzi tiegħi fuq il-post tax-xogħol.
12. Kapaċi nuri li jien konxju/a ta' modi differenti ta' studju *e.ż. full time, part time, taħriġ fuq ix-xogħol, study leave.*
13. Kapaċi nidentifika xi rrid nagħmel biex l-udjenza tara l-preżentazzjoni tiegħi bħala waħda effettiva.
    INTERPERSONALI
14. Kapaċi nispjega l-importanza tal-abbiltajiet tiegħi billi nippreżenta ruħi lil udjenzi differenti billi nuża l-ittri u s-CVs.
15. Kapaċi niddeskrivi kif ittra għal xogħol u CV jistgħu jkunu miktubin biex tinforma lill-oħrajn.
16. Kapaċi nipprepara CV u ittra ta' applikazzjoni għal xogħol li tippermetti lil sħabi tal-klassi joħorġu l-punti importanti fuqi għall-oħrajn.
17. Kapaċi nidentifika x'inhu mistenni minni meta nattendi intervista għal xogħol.
18. Kapaċi nuri lill-oħrajn kif għandek iġġib ruħek u x'ma għandekx tagħmel waqt intervista għal xogħol.

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Għeluq

1. Kapaċi nidentifika suġġetti li kienu ta' importanza partikolari għalija fil-PSCD u nispjega għaliex kienu ta' importanza għalija.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
2. Kapaċi niddiskuti u nidentifika l-ħiliet tiegħi u setturi fejn għandi bżonn niżviluppa fuqhom b'rabta mal-PSCD.
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
3. Kapaċi nirrifletti fuq suġġetti li tgħallimt waqt il-PSCD u nidentifika sfidi u responsabbiltajiet b'rabta ma' numru minn dawn is-suġġetti.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
4. Kapaċi nidentifika x'tgħallimt b'rabta mal-PSCD matul din is-sena u kapaċi nidentifika dak li nixtieq nitgħallem is-sena d-dieħla fil-PSCD filwaqt li naqsam dan mal-oħrajn.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
5. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi li bihom sita' ngħin lili nnifsi nagħmel l-almu tiegħi u lill-oħrajn jagħmlu l-almu tagħhom ukoll.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI

# LIVELL 9

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali

1. Kapaċi nispjega kif meta nagħmel l-almu tiegħi f'setturi varji tal-ħajja jtejjeb l-istima tiegħi nnifsi, *e.ż. nifhem li l-istima fil-persuna nnifisha tista' tkun marbuta ma' setturi varji fil-ħajja ta' persuna.*
   PERSONALI
2. Nagħraf l-importanza tax-xbieha tal-persuna nnifisha (self-image), l-istima fil-persuna nnifisha u l-kunfidenza tal-persuna fiha nnifisha.
   PERSONALI
3. Kapaċi nipperċepixxi l-importanza li nidentifika l-problemi jew sfidi u nirrifletti b'mod kritiku u kreattiv fuq numru ta' għażliet.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
4. Kapaċi nidentifika l-prijoritajiet f'setturi varji tal-ħajja u nevalwa l-konsegwenzi potenzjali ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet differenti.
   PRATTIKA
5. Kapaċi nidentifika l-ħiliet meħtieġa għall-edukazzjoni postsekondarja u/jew it-tranżizzjoni għax-xogħol.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
6. Kapaċi nagħraf l-importanza tal-ħiliet soċjali li tgħallimt permezz ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet formali u mhux formali.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
7. Nifhem il-bżonn u kapaċi nispjega l-importanza li nkun kapaċi naddatta ruħi għal sitwazzjonijiet differenti.
   NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
8. Jien pożittiv/a fuq il-kisbiet personali u kapaċi nassessjahom b'mod oġġettiv.
   PRATTIKA
9. Kapaċi niddeskrivi l-istrateġiji ta' tagħlim li nippreferi u nużahom biex inkompli bl-istudji tiegħi.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
10. Kapaċi nagħti valur lit-tagħlim fih innifsu u nħossni kompetenti fl-immaniġġjar tat-tagħlim tiegħi.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
11. Kapaċi nassessja lili nnifsi hekk kif dan jgħinni nifhem dak li naf u jien min jien u dak li nixtieq nagħmel fil-futur.
    PRATTIKA
12. Kapaċi nanalizza informazzjoni li nsir naf b'mod kritiku u kostruttiv.
    KONJITTIVA
13. Kapaċi ngħaqqad informazzjoni ġdida mal-għarfien eżistenti tiegħi u nassessja lili nnifsi, sabiex nanalizza u nkompli niżviluppa l-ideat tiegħi.
    PRATTIKA
14. Kapaċi nidentifika l-għajnuna u r-riżorsi li għandi bżonn biex nitgħallem, nikber u niżviluppa emozzjonalment, soċjalment u fiżikament.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
15. Kapaċi nargumenta fuq l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja fis-soċjetà tal-lum.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
16. Nuża esperjenzi u kompetenzi differenti tat-tagħlim sabiex nindirizza sfidi ġodda, nieħu deċiżjonijiet informati u nevalwa l-konsegwenzi.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
17. Kapaċi nbiddel l-ideat kreattivi tiegħi f'azzjonijiet.
    PRATTIKA

18. Kapaċi naħseb b'mod kritiku u kreattiv f'sitwazzjonijiet differenti.
    KONJITTIVA
19. Kapaċi nindirizza disfatti u sfidi u nitgħallem minnhom, *e.ż. niffoka fuq l-isforzi u t-tagħlim aktar milli f'min ser inwaħħal.*
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
20. Kapaċi norganizza xogħli u nżomm mad-dati fix-xogħol tal-iskola u r-reviżjoni.
    IT-TAGĦLIM PERSONALI
21. Kapaċi nissettja għanijiet personali għall-futur billi nirrifletti fuq ir-riżultati ta' deċiżjonijiet tal-passat.
    NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
22. Kapaċi ninnegozja mal-adulti fuq l-għażliet postsekondarji u nagħmel għażliet realistiċi u informati.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
23. Kapaċi nagħraf u nimmaniġġja l-influwenzi pożittivi u l-pressjoni negattiva, *e.ż. sapport tal-għalliema u stress riżultat tal-eżamijiet.*
    NITGĦALLEM KIF
24. Naf kemm hu importanti li jkollok skop fil-ħajja.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettabbli

1. Kapaċi nintroduċi lili nnifsi ma' studenti sħabi u l-għalliema u naqsam magħhom ftit mill-interessi tiegħi, xi nħobb u x'ma nħobbx; kapaċi nikseb informazzjoni fuq l-interessi u l-ideat tagħhom.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
2. Kapaċi naħdem ma' varjetà ta' persuni differenti minni.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
3. Naħem tajjeb ma' persuni tal-istess età tiegħi u mal-adulti kemm fl-iskola u fil-komunità, *e.ż. esperjenza ta' xogħol u xogħol fil-komunità u volontarju.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
4. Kapaċi ninterpreta u nispjega t-ton tal-vuċi u nirreaġixxi b'mod xieraq għat-tipi differenti ta' tonijiet.
5. Kapaċi niddiskuti kif ir-regoli jmexxu l-komunikazzjoni miktuba u kapaċi nagħti eżempji kif tista' tikteb ittri elettroniċi, posts, messaġġi u tweets b'mod rispettabbli u meta għandi nuża lingwaġġ formali u mhux formali.
   NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
6. Kapaċi nagħti kontribut u naqbel ma' sett ta' regoli bażiċi li jenfasizzaw l-importanza tal- kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni fi grupp, *e.ż. il-ħiliet meħtieġa biex taħdem bħala grupp, bħall-paċenzja, it-tolleranza, il-fehim u l-aċċettazzjoni.*
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
7. Kapaċi niddiskuti kif il-valuri tiegħi jinfluwenzaw il-ħsibijiet tiegħi u l-modi kif naħdem ma' ħaddieħor.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
8. Kapaċi nanalizza u nagħmel taqsira tat-tipi differenti ta' dikjarazzjonijiet fuqi nnifsi u nidentifika liema jistgħu jagħmluli l-ħsara jew lil persuni oħra, *e.ż. l-importanza li nsib bilanċ bejn li nkun ġenwin u nesprimi l-emozzjonijiet tiegħi bil-miftuħ jew inżomm il-privatezza.*
   PERSONALI
9. Kapaċi nirrifletti fuq l-esperjenza tat-tagħlim, kemm b'mod individwali kif ukoll fi grupp.
   IT-TAGĦLIM KREATTIV
10. Kapaċi nisma', nagħmel taqsira u nikkontribwixxi f'argument waqt diskussjonijiet fil-klassi jew fi grupp.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
11. Kapaċi nikkollabora ma' studenti oħra u mal-adulti bħala parti mill-proċess tiegħi ta' tagħlim.
    IT-TAGĦLIM SOĊJALI
12. Kapaċi nagħraf u nindirizza l-fatt meta persuni oħra jieħdu vantaġġ minni.
13. Nipperċepixxi r-rilevanza li ngħix u naħdem ma' persuni differenti minni.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

14. Kapaċi nipperċepixxi l-importanza filwaqt li nuri rispett lejn kulturi differenti, stili ta' għajxien, twemmin u opinjonijiet.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
15. Kapaċi nidentifika l-importanza tar-rispett lejn l-emozzjonijiet ta' persuni differenti, *e.ż. persuni ta' kulturi, sess, orjentazzjoni sesswali, etniċità, nazzjonalità, ideoloġiji, twemmin politiku u reliġjuż differenti.*
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
16. Kapaċi nuri u nindirizza mġiba offensiva jew mhux ġusta, inġustizzji u trattamenti preferenzjali fil-ħajja ta' kuljum.
    IL-BIDLA SOĊJALI
17. Kapaċi niddibatti b'mod effettiv fuq l-inġustizzji u l-inugwaljanza, *e.ż. lokalment u f'kulturi differenti madwar id-dinja: il-faqar, il-ġuħ, l-inugwaljanza sesswali, ir-razziżmu, l-abbuż, it-traffikar għas-sess, ix-xjuħija, l-orfni, it-trattament ħażin tal-annimali, il-qerda tal-ambjent.*
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
18. Kapaċi nassessja kemm nista' u kemm għandi nkun responsabbli għal ħaddieħor.
19. Kapaċi nidentifika numru ta' karatteristiċi f'relazzjonijiet importanti u kapaċi nispjega kemm ir-relazzjonijiet huma importanti meta mibnija fuq il-valuri tal-individwi.
20. Kapaċi nagħraf u nifhem għaliex kwalitajiet pożittivi bħall-imħabba, is-sapport, ir-rispett, ir-responsabbiltà u l-kura huma importanti fir-relazzjonijiet.
    IL-BIDLA SOĊJALI
21. Kapaċi nikkonsidra l-benefiċċji u r-riskji meta tafda persuni oħra.
22. Kapaċi niddeskrivi tipi ta' relazzjonijiet u niddiskuti t-tipi ta' emozzjonijiet li wieħed jesperjenza permezz tagħhom.
23. Kapaċi nipperċepixxi u nirrispetta l-fatt li l-persuni għandhom bżonnijiet differenti fir-relazzjonijiet.
    IL-BIDLA SOĊJALI
24. Kapaċi nuri kif nimmaniġġja relazzjonijiet li jinbidlu billi nuża numru ta' strateġiji.
    INTERPERSONALI
25. Kapaċi nirrifletti fuq kif l-imġiba u l-komunikazzjoni f'relazzjoni jistgħu jvarjaw skont l-emozzjonijiet ta' impenn u intimità.
26. Kapaċi nanalizza l-viżjonijiet tiegħi u ta' ħaddieħor fuq x'inhu aċċettabbli u x'mhux f'relazzjoni intima.
    IL-BIDLA SOĊJALI
27. Kapaċi nipperċepixxi differenzi emottivi, mit-ton tal-vuċi u l-lingwaġġ tal-ġisem.
28. Kapaċi niddiskuti u nidentifika x'tista' tfisser relazzjoni 'emozzjonalment diffiċli' u kif din tista' taffettwa lil min jinsab f'din ir-relazzjoni.
29. Kapaċi nagħraf meta persuni oħra qed jieħdu vantaġġ minni u kapaċi mmur kontriha.
    KONJITTIVA
30. Kapaċi nidentifika u niddeskrivi sinjali ta' relazzjoni abbużiva.
31. Kapaċi nidentifika xi konsegwenzi ta' nuqqas ta' kura, aggressjoni u relazzjonijiet abbużivi u kif għandi nġib ruħi f'ċirkostanzi simili.
32. Kapaċi nsemmi liema postijiet/servizzi u/jew liema persuni nista' nikkonsulta għall-għajnuna jekk jiena nesperjenza, jew inkun xhud ta' relazzjoni abbużiva.
33. Kapaċi niddiskuti fuq kif il-fatt li jkollok tarbija jġorr miegħu responsabbiltà kbira u kif dan jaffettwa r-relazzjonijiet.
34. Kapaċi napprezza li hemm numru ta' modi kif subien/ġuvintur u bniet/tfajliet jista' jkollhom relazzjoni mill-qrib flimkien.
35. Kapaċi nfisser xi tfisser l-esplojtazzjoni fir-relazzjonijiet, *e.ż. dominanza, pussess, intimità, abbuż.*
36. Kapaċi nitkellem fuq ir-relazzjonijiet, inkluż relazzjonijiet sesswali, ma' ġenitur/ħabib/a.

37. Nifhem xi tfisser esplojtazzjoni f'relazzjoni, *e.ż. qalb il-ħbieb u relazzjonijiet romantiċi abbużivi.*
38. Kapaċi niddiskuti assunzjonijiet personali fuq persuni li huma differenti u kapaċi nuri kollaborazzjoni ma' persuni li għandhom perspettivi differenti, dilemmi, problemi, tensjoni u kunflitti ġejjin minn dixxiplini, postijiet, kulturi u ġenerazzjonijiet differenti.
NITGĦALLEM KIF
39. Kapaċi napprezza r-responsabbiltajiet ta' li tkun ġenitur filwaqt li nagħti valur lill-ħajja tal-familja tiegħi.
40. Kapaċi napprezza r-responsabbiltajiet tal-ġenituri, il-ġenituri tar-rispett u n-nanniet u l-irwoli tagħhom fit-trobbija tat-tfal.
41. Kapaċi nanalizza l-impatt tas-separazzjoni, id-divorzju u l-mewt fil-familji.
42. Kapaċi niddiskuti l-benefiċċji u l-ispejjeż ta' żwieġ stabbli jew unjoni fit-trobbija tat-tfal.
43. Kapaċi nqabbel l-ispejjeż u l-benefiċċji li tkun indipendenti mill-ġenituri.
44. Kapaċi nispjega kif insolvi n-nuqqas ta' qbil b'mod paċifiku.
NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
45. Kapaċi naffaċċja differenzi fl-opinjonijiet u kunflitti ta' interess permezz ta' djalogu u l-kunsens; fejn dan ma jirnexxix, lest/a li nirrikorri għall-medjazzjoni.
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
46. Kapaċi ngħin lill-oħrajn sabiex ikollhom idea aktar ċara fuq viżjonijiet globali permezz tad-djalogu u nagħraf li jeżistu strutturi alternattivi oħra.
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
47. Kapaċi ninnegozja b'mod pożittiv u effettiv mal-ġenituri sabiex ikolli aktar indipendenza.
48. Kapaċi nuri t-tipi differenti ta' bbuljar espliċitu u mhux espliċitu, *e.ż. omofobija, razzjali, reliġjuż* u naf fuq l-effett tal-ibbuljar fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-individwi, *e.ż. ansjetà, dipressjoni, uġigħ fiżiku.*
IL-BIDLA SOĊJALI
49. Nirrispetta, nagħraf u nagħti valur lid-diversità filwaqt li mmur kontra l-inġustizzji soċjali.
NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
50. Kapaċi nitkellem fuq il-benefiċċji filwaqt li lest/a li ninvolvi ruħi b'mod attiv, ma' gruppi differenti minn ġenerazzjonijiet, kulturi, postijiet u dixxiplini differenti.
NITGĦALLEM KIF
51. Naf u kapaċi nispjega d-diversità fi gruppi etniċi differenti.
IL-BIDLA SOĊJALI
52. Nifhem u kapaċi niddiskuti d-dinamiċità u l-effetti tal-preġudizzju.
NITGĦALLEM KIF
53. Kapaċi nispjega kif persuna tista' tiġi trattata b'mod differenti minħabba t-twemmin, l-identità kulturali, l-identità sesswali, l-etniċità jew id-diżabbiltà tagħha.
NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
54. Kapaċi nagħraf l-inġustizzji u t-trattamenti preferenzjali f'sitwazzjonijiet mill-ħajja ta' kuljum inkluż imġiba razzista, sessista u lingwaġġ omofobiku.
NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
55. Kapaċi nisfida b'mod xieraq u prudenti espressjonijiet ta' preġudizzju u nuqqas ta' tolleranza lejn minoritajiet, bħal aġġettivi, aneddoti u kummenti razzisti, sessisti u omofobiċi.
IL-BIDLA SOĊJALI
56. Kapaċi nispjega li komunitajiet differenti għandhom il-kodiċi tagħhom ta' mġiba.
IL-BIDLA SOĊJALI
57. Kapaċi nitkellem fuq id-diversità fl-orjentazzjoni sesswali.
IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

## L-Aspetti tas-Suġġett: Nfihem lili nnifsi jien u nikber

1. Kapaċi niddeskrivi emozzjonijiet differenti li nesperjenza f'tipi differenti ta' relazzjonijiet.
2. Jiena pożittiv/a fuq il-kontroll li għandi fuq l-emozzjonijiet u l-imġiba tiegħi.
3. Naf l-istadji tal-emozzjonijiet marbuta mat-telfa u l-bidla riżultat ta' mewt, divorzju u separazzjoni u membri ġodda fil-familja.
4. Kapaċi nagħraf u nirrispondi għal varjetà ta' emozzjonijiet fija nnifsi u f'ħaddieħor, bħall-għira, ir-rabja, l-eċċitament.
5. Kapaċi nistaqsi mistoqsijiet u nitkellem b'kunfidenza mal-adulti u ma' sħabi fuq l-ideat u l-emozzjonijiet tagħhom.
6. Kapaċi niddeskrivi x-xebh u d-differenzi bejn persuni ta' orjentazzjoni sesswali differenti.
   IL-BIDLA SOĊJALI
7. Kapaċi niddiskuti u nispjega kif forom differenti ta' diskriminazzjoni sesswali bħall-omofobija u l-eterosessiżmu jaffettwaw lili u lill-oħrajn.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
8. Nifhem il-bidliet li jkun hemm fil-ħajja tal-bniedem mal-mogħdija taż-żmien: it-tqala, it-tfulija, l-adolexxenza, l-irġulija, meta ssir ġenitur, il-mewt, il-formazzjoni ta' relazzjonijiet; u l-isfidi/suċċessi marbuta mal-istadji varji.
   IL-BIDLA SOĊJALI
9. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi kif il-valuri personali jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tiegħi u tal-oħrajn biex inkun sesswali u kapaċi nifhem l-importanza tar-rispett lejn il-viżjoni ta' ħaddieħor, e.*ż. xi persuni mhumiex lesti li jkollhom attività sesswali.*
   NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
10. Kapaċi niddiskuti kif ċerta prattiċi sesswali jistgħu jkunu ta' ħsara u kapaċi nidentifika modi kif innaqqas din il-ħsara, e.*ż. l-astinenza mis-sess, li nkun monogamu/a, nuża l-kondoms u ma niħux drogi.*
11. Kapaċi nidentifika t-tipi differenti ta' kontraċettivi, *e.ż. Kapaċi niddeskrivi kif tuża kondom tal-irġiel jew tan-nisa b'mod effettiv, l-użu tal-pill, sess sigur, livelli differenti ta' attività sesswali, astinenza.*
12. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi tipi differenti ta' pornografija u nidentifika l-effett tagħhom fuq il-benesseri tal-individwu, *e.ż. nidentifika numru ta' modi kif il-pornografija tikkawża ħsara fuqi nnifsi u fuq l-oħrajn, taffettwa lill-persuni f'relazzjoni, l-effett tagħha fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-individwu.*
13. Kapaċi niddiskuti kif il-persuni jistgħu jħossuhom fuq tqala mhux pjanata u kif din tista' taffettwalhom ħajjithom, *e.ż. Nifhem il-bidliet li jkun hemm meta mara tkun tqila, ir-responsabbiltajiet taż-żewġ ġenituri, l-effett li din għandha fuq ir-relazzjoni, il-possibbiltà li tkun ġenitur waħdek.*
14. Kapaċi nsir naf u nagħmel taqsira fuq l-għajnuna li teżisti għal-persuni li jkunu ser isiru ġenituri, *e.ż. Kapaċi niddiskuti u nsir naf fuq l-aġenziji li joffru s-sapport/l-għajnuna lil ġenituri weħidhom/ġenituri żgħar, l-għażliet li jeżistu.*
15. Kapaċi niddeskrivi x'teħtieġ tarbija u kif dawn il-ħtiġijiet jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod possibbli.
16. Kapaċi nagħraf li l-abort huwa illegali f'Malta u kapaċi niddiskuti alternattivi oħra floku.
17. Naf l-importanza tal-kura ta' ġismi u kapaċi nifhem ir-relazzjoni bejn il-ġisem u l-moħħ.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Is-saħħa, is-sigurtà u l-benessri

1. Kapaċi niddeskrivi x-xebh u d-differenzi bejn stil ta' ħajja f'saħħtu u dak li mhux, *e.ż. għarfien fuq l-influwenza tal-mezzi tax-xandir fuq suġġetti relatati ma' saħħa, disturbi fl-ikel.*
2. Kapaċi nagħraf u nimmaniġġja influwenzi pożittivi u pressjonijiet negattivi, *e.ż. sapport tal-għalliema, il-ġenituri, il-ħbieb u stress kawża tal-eżamijiet, il-ħbieb, avvenimenti, sitwazzjonijiet.*
   PERSONALI
3. Kapaċi nagħraf u nitkellem fuq id-differenzi bejn il-pressjoni pożittiva u negattiva ta' sħabi u kif dawn il-pressjonijiet jibqgħu preżenti tul il-ħajja tal-bniedem.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
4. Nagħraf li l-mard mentali jista' jkollu effett fuq il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
5. Kapaċi nitkellem fuq is-sinjali u l-kawżi tad-dipressjoni u naf minn fejn nikseb l-għajnuna u s-sapport.
6. Naf x'hemm li jgħaqqad id-disturbi fl-ikel, l-ikel mhux tajjeb għas-saħħa u l-immaġni negattiva tal-individwu nnifsu.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
7. Kapaċi niddeskrivi kif persuni jistgħu jużaw strateġiji differenti biex jaffrontaw sitwazzjonijiet stressanti.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
8. Kapaċi nirrifletti fuq l-attitudnijiet tiegħi personali marbuta mas-saħħa mentali.
   NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
9. Naf l-organizzazzjonijiet volontarji u dawk mhux volontarji u strutturi li joffru s-sapport f'sitwazzjonijiet ta' saħħa mentali u relazzjonijiet umani.
10. Kapaċi nitkellem fuq l-importanza li nżomm bilanċ f'ħajti, *e.ż. nżomm ma' termini ta' żmien u nagħmel id-doveri tiegħi, l-użu effettiv tal-ħin liberu, li nieħu gost.*
    PERSONALI
11. Naf li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħin liberu u r-relazzjonijiet pożittivi jippromwovu s-saħħa mentali.
12. Kapaċi nikkonsidra l-benefiċċji tal-ħin liberu għas-saħħa u għax-xogħol.
13. Naf l-importanza tal-pożittività meta tħares lejn id-dinja tal-adulti.
14. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi kif il-valuri u l-ħiliet tiegħi jgħinuni niddeċiedi fuq l-imġiba f'sitwazzjonijiet differenti, *e.ż. li nieħu sehem f'attività sesswali taħt l-effett tal-alkoħol u drogi illegali, influwenza negattiva ta' sħabi.*
    INTERPERSONALI
15. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi kif inġib ruħi f'relazzjoni sesswali li nħoss li huma ta' sapport.
16. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi kif inġib ruħi f'relazzjoni sesswali li nħoss li huma ta' periklu.
17. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi kif l-alkoħol jista' jwassal għal relazzjonijiet sesswali jew laqgħat li huma ta' periklu għalija jew għal ħaddieħor u kapaċi niddeskrivi x'jistgħu jkunu dawn il-perikli.
18. Kapaċi niddeskrivi għaliex u kif is-soċjetà tiegħi u ta' ħaddieħor jipprojbixxu l-użu ta' ċerti drogi.
    IL-BIDLA SOĊJALI
19. Kapaċi niddiskuti kif id-drogi jista' jkollhom konsegwenzi antiċipati.
20. Kapaċi niddeskrivi kif drogi legali u illegali jistgħu jkunu perikolużi għalija u għal ħaddieħor personalment, soċjalment u ekonomikament.
21. Kapaċi nidentifika kif nista' ngħin lili nnifsi u lil ħaddieħor biex inkunu siguri jew aktar siguri f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tad-drogi f'kuntesti u sitwazzjonijiet differenti.
22. Kapaċi niddiskuti u nidentifika alternattivi għad-drogi illegali u mġiba riskjuża.
23. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi l-importanza tal-kuntest meta npoġġi jew nara stampi onlajn.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
24. Kapaċi nagħti eżempji kif nipproteġi l-privatezza tiegħi u ta' ħaddieħor onlajn.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
25. Kapaċi niddeskrivi meta interazzjoni onlajn tista' tkun potenzjalment perikoluża għalija nnifsi u għal ħaddieħor.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET

26. Kapaċi niddeskrivi kieku x'nagħmel jew għand min immur, li kieku nkun involut/a jew inkun xhud ta' interazzjoni pożittiva onlajn.
    L-IMMANIĠĠJAR TAL-UŻU TAL-INTERNET
27. Kapaċi nassessja r-riskju b'mod informat u kawt.
    KONJITTIVA
28. Naf ir-regoli tal-iskola u l-proċeduri b'rabta ma' inċidenti marbuta ma' droga.
29. Kapaċi niddiskuti l-benefiċċji u l-ħsara tal-użu ta' drogi rikreattivi.
30. Kapaċi niddiskuti l-iżvantaġġi ta' attività sesswali bikrija.
31. Naf fuq ir-riproduzzjoni umana, il-kontraċezzjoni, prattiċi sesswali siguri u r-riskji ta' attività sesswali bikrija.
32. Naf fuq il-livelli siguri ta' meta nixxemmex.
33. Kapaċi nitkellem fuq l-isfidi meta tieħu riskju, inkluż l-effetti fuq il-ħajja ta' ħaddieħor.
34. Naf fuq il-konsegwenzi meta ma nobdix il-liġi.

## L-Aspetti tas-Suġġett: Iċ-Ċittadinanza

1. Kapaċi nidentifika modi kif jien u ħaddieħor nistgħu nagħtu kontribuzzjoni pożittiva li individwi u lill-komunità.
2. Kapaċi nikkonsulta ma' persuni fuq l-ideat u x-xewqat tagħhom.
   IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
3. Kapaċi nagħraf u nipperċepixxi illi li tikber tinvolvi kemm il-libertà kif ukoll ir-responsabbiltà.
4. Kapaċi nippreżenta opinjonijiet, valuri u twemmin b'mod kunfidenti, ċar u konċiż.
5. Kapaċi nippreżenta ideat lil udjenzi differenti u kapaċi nargumenta fuq suġġetti morali u etiċi b'mod kunfidenti.
6. Kapaċi niddiskuti kif id-drittijiet tal-bniedem jistgħu jiġu infurzati u x'jista' jiġri meta dawn ma jiġux infurzati, *e.ż. xi jfissru d-drittijiet tal-bniedem b'rabta ma' x'jiġri fil-kuntest mondjali.*
   IL-BIDLA SOĊJALI
7. Kapaċi nempatizza filwaqt li nesprimi kif jista' jħossni, jekk inkun persuna li qed tgħix f'pajjiż li għadu qed jiżviluppa ekonomikament, jew f'pajjiż fejn id-drittijiet tal-bniedem huma mhedda jew ma jeżistux.
   IL-BIDLA SOĊJALI
8. Kapaċi nispjega l-benefiċċji tad-donazzjoni tad-demm u tal-organi u kapaċi niddeskrivi kif nista' nsir donatur tad-demm u/jew tal-organi.
   L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
9. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi kif u għaliex il-bżonnijiet bażiċi tal-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tad-dinja mhumiex milħuqa.
10. Kapaċi niddiskuti d-drittijiet legali b'rabta ma' persuni tal-età tiegħi.
11. Kapaċi niddiskuti l-faċilitajiet terapewtiċi eżistenti, *e.ż. L-Unità li toffri Servizzi ta' Rijabilitazzjoni lil Aggressuri Żgħar (Y.O.U.R.S.), il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF), L-Unità Terapewtika mill-Abbuż tas-Sustanzi, il-Valletta Lock-Up u l-Unità Forensika (fl-Isptar Monte Karmeli).*
12. Konxju/a tal-leġiżlazzjoni u d-drittijiet b'rabta max-xogħol, *e.ż. il-leġiżlazzjoni fuq opportunitajiet indaqs, il-politika fuq l-ibbuljar u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.*
13. Kapaċi nikkritika u nirrifletti fuq dak li tippreżenta l-midja.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
14. Kapaċi niddiskuti xi tfisser iċ-ċensura u nsemmi l-forom differenti ta' ċensura.
15. Kapaċi niddiskuti ftit mill-konsegwenzi għad-demokrazija, u n-nuqqas tal-libertà tal-espressjoni.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
16. Kapaċi niddibatti fuq l-importanza li jkollok libertà tal-istampa u s-saħħa tagħha biex twassal l-opinjoni nazzjonali.
    IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ

17. Konxju/a u kapaċi nagħraf ir-responsabbiltà li ġġorr magħha l-ħatra ta' membru elett f'kumitati, organizzazzjonijiet u l-parlament.
18. Kapaċi nipperċepixxi kif id-deċiżjonijiet tiegħi marbuta mal-infiq jaffettwaw lili personalment, l-ekonomija lokali, l-ambjent u lill-persuni f'partijiet oħra tad-dinja.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
19. Kapaċi nifforma argumenti bbilanċjati u raġunati fuq suġġetti soċjali u ambjentali għal dibattiti fil-klassi; kapaċi nfittex u niddiskuti t-tipi u l-għanijiet tal-Miri għall-Iżvilupp tal-Millennju u l-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli (MDGs, SDGs).
    NITGĦALLEM KIF
20. Kapaċi nsemmi r-rabta li teżisti bejn il-komunità, l-ekonomija u l-ambjent.
21. Kapaċi nispjega l-kunċett ta' 'Kummerċ Ġust'; Naf modi kif individwi u organizzazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli lokalment u mondjali u naf fuq Aġenda 21.
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
22. Naf xi tfisser pajjiż bi dħul baxx, medju u għoli.
23. Kapaċi nargumenta b'mod effettiv fuq it-tipi differenti ta' għajnuna mogħtija lil pajjiżi bi dħul baxx u medju u niddiskuti xi vantaġġi u żvantaġġi tal-għajnuna internazzjonali.
24. Kapaċi nargumenta għaliex id-drittijiet tal-konsumatur huma importanti.
    L-GĦARFIEN TIEGĦI NNIFSI
25. Kapaċi nargumenta b'mod effettiv fuq kif il-midja għandha influwenza kbira fuq l-opinjoni pubblika, *e.ż. il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja differenti, is-sess, il-materjaliżmu, il-bżonnijiet, ix-xewqat.*
26. Kapaċi nuri kif inqassam il-flus għal avvenimenti differenti, *e.ż. insiefer, nixtri laptop, nixtri l-ħwejjeġ, flus għad-divertiment, ngħix waħdi.*
27. Kapaċi nsemmi modi differenti ta' tfaddil, *e.ż. nimmaniġġja l-flus b'mod sensibbli permezz ta' kontijiet ta' tfaddil* u naf kif nuża ATMs u l-banek.
28. Kapaċi niddibatti b'mod effettiv fuq il-valur tal-flus u l-effetti tat-tberbiq tal-flus.
    NITGĦALLEM INKUN JIEN
29. Kapaċi niddeskrivi kif organizzazzjonijiet ta' negozju u finanzjarji jaffettwaw il-ħajja tiegħi ta' kuljum.
30. Kapaċi nagħraf u niddeskrivi x'jinfluwenzani biex nonfoq il-flus fuqi nnifsi u fuq l-oħrajn.
31. Nifhem u kapaċi nispjega r-rabta bejn id-dħul u l-infiq finanzjarju.
32. Kapaċi niddeskrivi xi tfisser li tkun finanzjarjament responsabbli u kif kapaċi nimmaniġġja l-finanzi tiegħi.
33. Kapaċi nispjega l-valur tar-riċerka biex tgħin lili u lil ħaddieħor nieħdu deċiżjonijiet informati meta nixtru prodotti.
    IT-TAGĦLIM KONJITTIV
34. Kapaċi nispjega l-konsegwenzi legali u morali meta ma tħallasx taxxi.
35. Kapaċi nispjega kif it-taxxi jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' governanza u s-servizzi pubbliċi.
36. Kapaċi nikkonsidra d-dilemmi etiċi u soċjali riżultat tal-użu xjentifiku u sperimentali tal-annimali, *e.ż. numru ta' suġġetti etiċi fuq l-użu tal-ittestjar fuq l-annimali.*
    NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
37. Naf li tkun parti mill-UE toffri opportunitajiet kif ukoll responsabbiltajiet.
    IL-BIDLA SOĊJALI

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Ippjanar tal-Karriera u l-Esplorazzjoni

1. Kapaċi niddiskuti minn fejn nista' naċċessa l-informazzjoni fuq xogħlijiet differenti, professjonijiet u edukazzjoni professjonali ogħla.
2. Kapaċi nuri l-għarfien tiegħi fuq fejn insib aġenziji u/jew ċentri li jipprovdu servizzi marbuta mal-karrieri u informazzjoni fuq edukazzjoni ogħla, *e.ż. E.T.C., kunsilli lokali, servizzi tal-istudenti, unions.*
3. Kapaċi nippjana u niddiskuti għażliet possibbli ta' karriera.
4. Kapaċi nispjega għaliex in-nies ifittxu xogħol.
5. Kapaċi nargumenta b'mod effettiv fuq x'jistennew min- nies fuq il-post tax-xogħol.
6. Għandi fehim profond u kapaċi nispjega setturi ta' interessi fuq xogħol li jista' jwassal għal karriera fil-futur.
7. Kapaċi nidentifika numru ta' xogħlijiet u karrieri u niddiskuti l-interessi tiegħi u ta' ħaddieħor fix-xogħol u fil-karriera partikolari.
8. Kapaċi nispjega xi jfisser approċċ professjonali lejn ix-xogħol.
9. Kapaċi nirrifletti b'mod kritiku fuq kif inbiddel valuri u attitudnijiet negattivi fuq ix-xogħol u niddeskrivi modi kif il-persuni jistgħu jimpjegaw ruħhom.

KONJITTIVA

10. Kapaċi nsir naf filwaqt li niġbor flimkien id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem.
11. Kapaċi niddiskuti u nuri x'azzjonijiet jistgħu jittieħdu biex jiġu indirizzati problemi marbuta max-xogħol.
12. Kapaċi nsir naf fuq numru ta' trade unions, niddeskrivi l-għan tagħhom u nispjega l-funzjonijiet tagħhom.
13. Kapaċi niddiskuti l-interessi u l-valuri tiegħi marbuta max-xogħol u kif dawn jistgħu jaffettwaw l-għażliet tiegħi għal karriera.
14. Kapaċi nidentifika valuri speċifiċi, għarfien u ħiliet li jfittex min iħaddem u nispjega għaliex dawn jistgħu jkunu importanti għalihom.
15. Kapaċi niddiskuti kif il-ħiliet tiegħi u tal-oħrajn jistgħu jiġu addattati għal kuntesti differenti marbutin max-xogħol.
16. Kapaċi niddiskuti u nispjega kif il-valuri tiegħi kif ukoll kodiċi ta' mġiba organizzattiva jistgħu jgħinuni biex nieħu deċiżjonijiet etiċi fuq il-post tax-xogħol.
17. Konxju/a tal-għażliet tiegħi postsekondarji u kapaċi nagħmel għażliet realistiċi, *e.ż. edukazzjoni ogħla, taħriġ vokazzjonali u impjieg.*
18. Kapaċi nivverifika l-ħiliet u l-interessi tiegħi sabiex nikkonsidra għażliet għal futur akkademiku jew karriera vokazzjonali.

PRATTIKA

19. Kapaċi nagħraf l-importanza tal-integrità u l-valuri etiċi.
20. Kapaċi naħdem filwaqt li nippreżenta lil sħabi tal-klassi preżentazzjoni u nuża r-rispons tagħhom biex nidentifika l-ħiliet tiegħi u setturi li għandi niżviluppa.

IT-TAGĦLIM PERSONALI

21. Kapaċi nagħti rispons kostruttiv lil sħabi tal-klassi fuq il-preżentazzjonijiet tagħhom.
22. Nifhem l-importanza filwaqt li kapaċi niddiskuti fuq l-impatt pożittiv li jista' jkollu portafoll tal-karriera żviluppat tajjeb fuq min iħaddem.

## L-Aspetti tas-Suġġett: L-Għeluq

1. Kapaċi nidentifika suġġetti li kienu ta' importanza partikolari għalija fil-PSCD u nispjega għaliex kienu ta' importanza għalija.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI
2. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi firxa ta' suġġetti li tgħallimt fuqhom permezz tal-PSCD u nispjega x'għinni nitgħallem fuq dawn is-suġġetti
   IT-TAGĦLIM SOĊJALI
3. Kapaċi nirrifletti fuq suġġetti li tgħallimt waqt il-PSCD u nidentifika sfidi u responsabbiltajiet b'rabta ma' numru minn dawn is-suġġetti.
   IT-TAGĦLIM KONJITTIV
4. Kapaċi niddiskuti u niddeskrivi modi li bihom nista' ngħin lili nnifsi nagħmel l-almu tiegħi u lill-oħrajn jagħmlu l-almu tagħhom ukoll.
   IT-TAGĦLIM PERSONALI



# Il-Pedagoġija

## A. IL-PEDAGOĠIJA U PRATTIKI GĦAT-TAGĦLIM

L-edukaturi għandhom iżommu ruħhom aġġornati mal-istrateġiji pedagoġiċi u l-kunċetti l-aktar riċenti sabiex ikunu jistgħu jifhmu aħjar u jirrispondu għall-bżonnijiet tal-istudenti. L-istrateġija Ewropea *Education and Training 2020* tpoġġi enfasi partikolari fuq ir-rwol tal-għalliema fil-ħajja tal-istudenti tagħhom. L-għalliema għandhom rwol kruċjali fil-gwida tal-istudenti sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom filwaqt li jifformulawlhom il-perċezzjonijiet tagħhom (European Commission, 2015).

L-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karrieri (il-PSCD) huwa suġġett li jippermetti lill-istudenti jsiru membri tas-soċjetà aktar b'saħħithom, indipendenti u responsabbli. Il-PSCD iħaddan is-setgħa tal-istudenti f'kull stadju tat-tagħlim, u b'hekk jgħinhom jesperjenzaw il-proċess tad-demokrazija, isiru ċittadini responsabbli u japprezzaw il-kwalità tal-ħajja fi ħdan il-komunità. Il-PSCD jinkoraġġixxi wkoll lill-istudenti jkollhom rwol attiv fil-kunsill tal-iskola, f'attivitajiet skolastiċi u jgħinu jtejbu l-ambjent tagħhom billi l-ambjent tal-iskola huwa riflessjoni ta' x'jiġri fil-komunità usa'.
L-Iżvilupp Personali, Soċjali u tal-Karrieri għandu l-għanijiet li ġejjin:

- Li jipprovdi ambjent ta' tagħlim sigur u ta' sapport fejn l-istudenti jistgħu jiżviluppaw il-kunfidenza biex jagħmlu mistoqsijiet, jisfidaw l-informazzjoni li tingħatalhom, jużaw l-esperjenza tagħhom, jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jqiegħdu dak li tgħallmu fil-prattika fil-ħajja tagħhom stess.
- Li jinkoraġġixxi lill-istudenti jirriflettu fuq it-tagħlim tagħhom u l-progress li għamlu, u biex jittrasferixxu dak li tgħallmu jgħidu u jagħmlu minn suġġett wieħed għal ieħor, u mill-iskola għall-ħajja tagħhom fil-komunità usa'.
- Li jippermetti lill-istudenti jlaħħqu b'mod kunfidenti mal-bidla u jsiru membri indipendenti u responsabbli fi ħdan l-iskola u l-komunità, billi jipprovdi opportunitajiet biex jaqsmu u jaħdmu flimkien.
- Li jgħin lill-istudenti jifhmu l-identità, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet soċjali tagħhom fi ħdan il-komunità lokali u internazzjonali.
- Li jipprovdi lill-istudenti b'opportunitajiet biex jiżviluppaw ħiliet ta' komunikazzjoni tajba, jibnu relazzjonijiet b'saħħithom u jirriflettu fuq l-għażliet u d-deċiżjonijiet li għandhom jagħmlu marbuta mas-saħħa u s-sesswalità tagħhom, mad-drogi u mal-ambjent.
- Li jipprovdi lill-istudenti bl-opportunità li jesploraw l-għarfien, jiddiskutu u jiċċaraw il-valuri u l-attitudnijiet fuq għadd ta' suġġetti u temi.
- Li jippermetti lill-istudenti jtejbu l-motivazzjoni tagħhom, jgħollu l-aspirazzjonijiet tagħhom u jiżviluppaw il-ħiliet, l-għarfien u l-attitudnijiet biex jippjanaw u jagħmlu deċiżjonijiet infurmati fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u għażliet tal-karriera.
- Li jipprepara lill-istudenti għall-opportunitajiet, ir-responsabbiltajiet u l-esperjenzi tal-ħajja permezz tal-ħiliet ta' żvilupp marbuta mas-soluzzjoni tal-problemi, analiżi kritika u riflettiva u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti.

Il-PSCD għandu tliet fergħat ta' tagħlim kontinwu li jħaddnu l-prinċipji 1, 2 u 3 tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF):
***Fergħa 1. L-Identità u r-Relazzjonijiet Personali:*** "L-Identità u r-Relazzjonijiet Personali" tiffoka fuq l-aspetti soċjali u emozzjonali tat-tagħlim effettiv, bħall-għarfien tagħhom infushom, l-istima tagħhom infushom, l-immaniġġjar tas-sentimenti, l-empatija u l-ħiliet soċjali – inklużi l-komunikazzjoni, l-assertività, il-kollaborazzjoni u d-djalogu – f'kuntesti differenti.

***Fergħa 2. Stil ta' Ħajja b'Saħħtu u r-Responsabbiltà Soċjali:*** "Stil ta' Ħajja b'Saħħtu u r-Responsabbiltà Soċjali" tiffoka fuq l-abbiltà li jibqgħu b'saħħithom billi jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli li jkunu ta' benefiċċju għalihom u għal ħaddieħor. L-edukazzjoni tas-saħħa hija kkonċernata ma' aspetti soċjali u emozzjonali ta' tagħlim, u hija marbuta ma' kwistjonijiet li huma reali u relevanti għal ħafna żgħażagħ, inklużi s-sesswalità u r-relazzjonijiet, l-immaġni tal-ġisem, l-użu tal-internet, l-użu ta' sustanzi – inklużi l-alkoħol u t-tabakk – u vizzji oħra.

***Fergħa 3. L-Esplorazzjoni u l-Immaniġġjar tal-Karriera:*** "L-Esplorazzjoni u l-Immaniġġjar tal-Karriera" tiffoka fuq l-iżvilupp tal-ħiliet, l-għarfien u l-attitudnijiet tajba li jgħinu lill-istudenti jimmaniġġjaw il-mogħdijiet tat-tagħlim u tal-karriera fi u lil hinn mill-iskola.

It-tliet friegħi jinqasmu f'Aspetti tas-Suġġett kif insibuhom fil-*Learning Outcomes Framework*, u huma elenkati fi ħdan il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (SLOs).

**L-importanza tal-PSCD**

Il-PSCD huwa essenzjali għax jipprovdi lill-istudenti b'opportunità li jitgħallmu, jiksbu u jiżviluppaw il-litteriżmu emozzjonali, il-kunfidenza fihom infushom u l-istima tagħhom infushom. Il-PSCD joffri wkoll lill-istudenti l-opportunità li jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw it-tagħlim tagħhom, ħajjithom u l-mogħdijiet tal-karriera tagħhom fi u lil hinn mill-iskola. Il-PSCD jgħammar lill-istudenti bl-għarfien, il-fehim, il-ħiliet u l-attitudnijiet biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja f'saħħitha, sigura, produttiva u responsabbli. L-edukazzjoni tal-PSCD tippermetti lit-tfal u liż-żgħażagħ jirriflettu fuq u jiċċaraw il-valuri u l-attitudnijiet tagħhom, u jesploraw il-firxa ta' valuri u attitudnijiet kumplessi u xi drabi kunfliġġenti li jiltaqgħu magħhom issa u fil-futur. L-iżvilupp personali, l-esplorazzjoni tal-karriera u l-immaniġġjar tal-karriera jgħinu lill-istudenti jiżviluppaw l-interessi u l-kompetenzi tagħhom, biex ikunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet infurmati u jsiru ċittadini involuti u attivi.

Is-suġġett iħaddan l-aħħar dokumenti tal-politika tal-Istat, jiġifieri:
- *A career guidance policy and strategy for compulsory schooling in Malta* (Ministry of Education, Youth and Employment, 2007).
- *Guidelines for Sexuality and Relationships Education in Maltese Schools* (Ministry for Education and Employment, 2013).
- *National Employment Policy* (Ministry for Education and Employment, 2014e).
- *A Strategic plan for the prevention for early school leaving in Malta* (Ministry for Education and Employment, 2014b).
- *Respect for All Framework* (Ministry for Education and Employment, 2014a).
- *Addressing Attendance in School Policy* (Ministry for Education and Employment, 2014d).
- *Substance abuse prevention and interventions in state schools* (Ministry for Education and Employment, n.d).
- *National Sexual Health Strategy* (Ministry for Health, Elderly and Community Care, 2011).

**Affarijiet li għandhom isiru u ma jsirux f'dan is-Suġġett: Approċċ għat-tagħlim tal-PSCD**

Il-metodoloġija tal-PSCD għandha għeruq demokratiċi u valuri umanistiċi b'saħħithom, u tħaddan is-setgħa f'kull stadju tat-tagħlim. Fil-kuntest lokali hija mibnija fuq żewġ pilasti: iċ-Ċiklu tat-Tagħlim mill-Esperjenza (ELC) u l-Ipproċessar.

L-ELC huwa t-tagħlim li jsir permezz ta' proċess u involviment attiv tal-persuna kollha. Fis-sessjonijiet tal-PSCD l-edukaturi jipprovaw iwasslu d-dinja lill-istudenti u, għall-inqas f'dak il-punt, l-istudenti jaraw mod naturali ta' tagħlim. L-azzjoni, riflessjoni u ppjanar ta' proċess interattiv huma fil-qalba tal-lezzjonijiet kollha tal-PSCD.

Minħabba n-natura tiegħu l-PSCD jeħtieġ jassumi li l-attitudnijiet u l-ħiliet huma miksuba permezz tal-ELC. Dawn huma ħiliet li nużaw kuljum biex ngħixu aħjar f'komunità demokratika b'saħħitha. Is-sessjonijiet jinżammu fi gruppi ta' mhux aktar minn 16-il student biex jiżguraw li l-istudenti kollha jkollhom ambjent fejn jistgħu verament jitgħallmu mill-esperjenza. Il-klassi tkun irranġata f'ċirku jew nofs ċirku biex il-parteċipanti kollha jkunu jistgħu jaraw lil xulxin u l-professjonist tal-PSCD ikun jista' jindirizza u jattendi għall-bżonnijiet kollha individwali.

Il-PSCD jaqa' taħt żewġ Oqsma ta' Tagħlim ewlenin (l-Edukazzjoni tas-Saħħa u Fiżika u l-Edukazzjoni għad-Demokrazija). L-esperjenzi ta' tagħlim li jsiru waqt l-edukazzjoni tas-sesswalità u r-relazzjonijiet u l-edukazzjoni fuq id-drogi jgħammru lill-istudenti bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati favur is-saħħa. Ir-riflessjoni fuq il-valuri u l-attitudnijiet tagħhom jgħinu lill-istudenti jifhmu kif l-azzjonijiet tagħhom ikollhom impatt fuqhom infushom u fuq ħaddieħor. Min-naħa l-oħra, l-esperjenzi ta' tagħlim li jsiru fi ħdan unitajiet differenti li jinkorporaw fihom aspetti tal-edukazzjoni taċ-ċittadinanza jgħinu lill-istudenti jiksbu attitudnijiet pożittivi lejn l-ambjent, l-aċċettazzjoni ta' ħaddieħor u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-għan huwa li l-istudenti jkunu inkuraġġiti jsiru ċittadini attivi.

L-adozzjoni taċ-Ċiklu tat-Tagħlim mill-Esperjenza u l-użu tal-Ipproċessar wara kull attività jippermettu lill-edukaturi jassessjaw b'mod kontinwu jekk l-istudenti humiex qed jifhmu u jitgħallmu. Dan il-proċess interattiv ta' azzjoni u riflessjoni jimplika li hemm ħafna xogħol li qed isir fi ħdan il-komunità tal-klassi għax l-istudenti qegħdin kontinwament u direttament ikunu involuti fil-proċess ta' tagħlim.

L-edukaturi għandhom għalhekk jużaw il-'ħiliet tat-twettiq'; *eż. ħiliet tal-ħsieb, ħiliet tal-komunikazzjoni, ħiliet ta' tmexxija, ħiliet biex jipprovokaw diskussjoni, tekniki tal-interrogazzjoni, ħiliet tal-għajnuna*, biex jindagaw, jagħmlu parafrażi u jipprovokaw djalogu biex jassessjaw jekk hux qed isir it-tagħlim. Permezz ta' dan il-proċess l-istudenti jkunu qed jagħtu s-setgħa lilhom infushom permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet tal-komunikazzjoni, ħiliet tal-ħsieb u l-ħiliet tan-negozjar, li jwasslu għal sens ta' kompetenza ogħla, kunfidenza fihom infushom, stima tagħhom infushom u li jkunu kontinwament sfidati biex jirrevedu l-attitudnijiet tagħhom.

**L-Istrateġiji Nitgħallem biex Nitgħallem**

Dawn li ġejjin huma eżempji tal-istrateġiji li jagħmlu parti mill-'proċess nitgħallem biex nitgħallem', wieħed mit-tmien kompetenzi li jissemmew fid-dokument *European Reference Framework Key Competencies for Lifelong Learning (European Commission, 2006)*:

- Diskussjonijiet pedagoġiċi bejn l-istudenti fejn, fuq bażi volontarja, l-istudenti jispjegaw kif għamlu biċċa xogħol u kif irnexxielhom jegħlbu d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom, li jwasslu għal skambju ta' strateġiji u teknikalitajiet f'ambjent ta' kooperazzjoni.
- L-istudenti jitgħallmu użaw il-punteġġjatura, l-istampi, l-informazzjoni addizzjonali minbarra t-test, bħal spjegazzjoni tal-kliem diffiċli u l-identifikazzjoni ta' kliem importanti waqt biċċa xogħol ta' qari/taħriġ il-fehem.
- It-tagħlim u l-gwida fi stadji differenti tal-kitba ta' komponiment u l-għodod differenti u l-metodi li jistgħu jintużaw f'kull stadju.

Il-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett (SLOs) inkitbu b'tali mod li l-edukaturi jużaw approċċi li jaddottaw it-tagħlim li jinvolvi, li juri ħila u jinvolvi lill-istudenti b'mod attiv f'numru ta' kuntesti sabiex iħeġġu filwaqt li jippermettu tagħlim li jiffoka fuq l-istudenti u l-istrateġiji tat-tagħlim. F'kull stadju, dawk li jippjanaw il-kurrikulu għandhom jikkonsidraw fuq bażi regolari l-opportunitajiet li jiġu ppreżentati permezz tal-SLOs sabiex jiżviluppaw tagħlim attiv matul il-livelli fil-Qafas tal-Kisbiet tat-Tagħlim. L-ippjanar għandu jieħu ħsieb, filwaqt li jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-istudenti, li dan jista' u għandu jkun ta' influwenza filwaqt li jikkontribwixxi fil-proċess.

Sabiex jissaħħaħ l-ippjanar tal-kurrikulu, filwaqt li jkun assigurat li l-istudenti kollha jkollhom aċċess b'mod attiv u jinvolvu ruħhom fl-ambjent tat-tagħlim, hemm bżonn ta' approċċ koerenti fl-ippjanar tat-tagħlim, fit-tagħlim u l-assessjar, u fil-qsim ta' informazzjoni fuq il-progress u l-kisbiet milħuqa. Meta jiġi addottat dan it-tip ta' ppjanar tal-kurrikulu huwa importanti li ma narawx l-SLOs bħala fatturi li jillimitaw il-potenzjal tat-tagħlim tal-istudenti u li ma jippermettux li jkun hemm devjazzjoni tat-tagħlim lil hinn minn dak imsemmi fl-SLOs. Din l-idea tinjora l-iskop u l-flessibiltà li jipprovdi l-approċċ tal-kisbiet mit-tagħlim. Kif, fejn u meta jiġu mgħallma dawn il-kisbiet huma fid-diskrezzjoni tal-edukatur. L-SLOs qegħdin hemm sabiex jiċċaraw il-proċess ta' assessjar billi jelenkaw b'mod sempliċi l-aspettattivi tat-tagħlim. B'dan il-mod, l-assessjar huwa marbut li juri li dawn l-aspettattivi ntlaħqu.

Ladarba jiġu ssettjati l-aspettattivi tat-tagħlim, l-edukaturi jistgħu jibdew jintroduċu l-flessibiltà fid-disinn tal-kurrikulu u fil-metodu ta' tagħlim li s'issa kien diffiċli li jsir. L-approċċ tar-riżultati tat-tagħlim jippermetti lill-edukaturi jduru lejn tagħlim li jiffoka fuq l-istudenti u l-istrateġiji tat-tagħlim. Dan ifisser li jsiru jafu l-ħafna modi li bihom l-istudenti huma differenti minn xulxin, liema mill-ħafna metodi jagħmlu sens fit-tagħlim attwali, u kif għandhom jaffrontaw din il-varjanza b'tali mod li joffru sapport lill-istudenti fuq bażi individwali filwaqt li jgħinuhom jipprogredixxu. Taqsima Ċ: *It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell* toffri gwida fuq kif dan jista' jsir.

## B. L-*EMBEDDING* FIT-TAGĦLIM TAT-TEMI KROSSKURRIKULARI

Fl-Ewropa kien hemm bidla minn approċċ li jittratta b'mod esklussiv is-suġġett għal approċċ li jiffoka fuq temi krosskurrikulari, tematiku, interdixxiplinarju u kollaborattiv, li jirrifletti s-sitwazzjonijiet reali tal-ħajja ta' kuljum filwaqt li jħeġġeġ it-trasferiment tal-ħiliet minn settur tat-tagħlim għal ieħor. Permezz tal-approċċ krosskurrikulari, ħafna mis-setturi tal-kurrikulu ngħataw profil ogħla filwaqt li ssaħħu numru ta' kompetenzi trasversali (European Commission, 2012). Is-CCTs jgħaqqdu flimkien is-suġġetti billi jidentifikaw l-għanijiet tat-tagħlim komuni li huma riflessi wkoll fit-twemmin tal-iskola (Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 31, 39).

It-Temi Krosskurrikulari (CCTs) ġew introdotti fl-LOF sabiex jassiguraw li l-istudenti kollha, huma u jipprogredixxu matul il-livelli, jiġu f'kuntatt kontinwu mat-tipi ta' għarfien, ħiliet u fehim li huma meħtieġa sabiex huma jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv, filwaqt li jirnexxu u jikkontribwixxu fis-soċjetà Maltija.

L-*embedding* tas-CCTs fil-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett joffri aċċess għal identità ġdida tat-tagħlim li jmur lil hinn mis-suġġett, u l-istudenti ser jagħtu valur lit-tagħlim tas-CCT meta jaraw li dawn huma parti integrali mill-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim u li huma vitali sabiex jgħinuhom biex isiru studenti olistiċi.

Kull CCT qed jiġi ppreżentat bħala sett ta' riżultati addizzjonali tat-tagħlim liż-żgħażagħ sabiex huma jiffaċċjaw u jiżviluppaw għarfien u fehim tagħhom meta qed jipprogredixxu matul il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim.

### It-Temi Krosskurrikulari huma:

**il-Litteriżmu Diġitali**



**l-Edukazzjoni għad-Diversità**



**l-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni**



**l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli**



**it-Tagħlim biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv**



**il-Litteriżmu**



It-Temi Krosskurrikuluari jinsabu fl-Appendiċi onlajn fuq
http://www.schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/category/cross-curricular-themes

Is-CCTs għandhom jiġu infilsati matul il-vjaġġ ta' tagħlim u l-esperjenzi tal-istudenti, fejn il-punt ewlieni għandu jkun li l-għarfien u l-fehim tas-CCT jiġi mgħallem, ikkonsolidat u kkuntestwalizzat. Il-kuntest huwa importanti bil-għan li jżid it-tifsira u l-iskop biex jiġi msaħħaħ l-użu tas-CCT. Ma hemm l-ebda mod effettiv biex jiġi organizzat u nfilsat it-tagħlim tas-CCTs. Madankollu, meta CCT tingħaqad b'mod dirett ma' biċċa xogħol partikolari fi ħdan l-SLO imbagħad ikun assigurat li jkun hemm opportunità għall-użu tas-CCT f'dik il-biċċa xogħol partikolari, huwa mod effettiv ħafna kif tiġi infilsata CCT.

L-*embedding* ma jinkludix biss l-għaqda ta' kurrikula differenti. L-ippjanar ta' fejn ser jiddaħħal il-kontenut tas-CCT biex jagħmel parti mill-SLOs jew mill-Aspett tas-Suġġett huwa biss il-bidu. L-edukaturi għandhom jistabbilixxu kif il-kontenut tas-CCT jżid il-valur tal-SLOs li qed jiġu mgħallma u kif tista' tinkiseb xi ħaġa akbar minn sempliċement għaqda flimkien tal-partijiet differenti. Fuq kollox, it-tagħlim tas-CCT ser iżid il-valur fit-trasferiment tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-fehim billi jippreżenta  sitwazzjonijiet fattwali li jagħmlu sens għall-istudenti.

## L-*Embedding* bħala proċess

Hemm tliet modi ewlenin sabiex jiġu mgħallma l-għarfien, il-ħiliet u l-fehim li hemm indirizzati fis- CCTs tul il-proċess tat-tagħlim. Dawn huma:

- permezz ta' metodi ta' tagħlim u t-tagħlim innifsu marbut mal-SLOs;
- billi jiġu magħżula metodi u strateġiji partikolari tat-tagħlim minn oħrajn biex jiġu mgħallma l-SLOs;
- billi jsiru attivitajiet krosskurrikulari mibnija b'mod speċifiku jew attivitajiet li jinvolvu lill-iskola kollha.

Dan il-proċess jimplika bidla importanti fil-mod kif l-għalliema jħarsu lejn it-tagħlim tal-kontenut tas-suġġett fil-klassi. L-integrazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim krosskurrikulari fit-tagħlim ta' suġġetti differenti teħtieġ li l-għalliema jmorru lil hinn mill-iskemi tradizzjonali u jaħdmu f'kollaborazzjoni flimkien sabiex jiżviluppaw l-approċċ tagħhom għas-CCTs filwaqt li jkun hemm skambju ta' informazzjoni fuq l-iżvilupp tat-tagħlim ta' studenti speċifiċi b'rabta mas-CCTs (European Commission, 2012:25).

## It-tagħlim tas-CCTs permezz tal-SLOs

L-ewwel approċċ għat-tagħlim tal-kontenut tas-CCT huwa permezz tal-integrazzjoni tat-tagħlim tas-CCT ma' dak tal-SLOs partikolari. Il-qafas jipprovdi gwida fuq l-aħjar opportunitajiet biex isir dan.  Fejn SLO partikolari tippreżenta opportunità tajba li tindirizza tagħlim marbut mat-Tema Krosskurrikulari tidher l-istampa tas-CCT wara l-SLO. Din turi li l-SLO:

- qed toffri opportunità sabiex wieħed jibda jħares lejn l-iżvilupp tat-tagħlim u l-ħiliet marbuta ma' aspett partikolari tas-CCT;
- tista' tiġi msaħħa billi jiġi introdott aspett partikolari ta' wieħed mis-CCTs.

Bħala gwida għall-edukaturi, fejn il-kisbiet speċifiċi mit-tagħlim tas-CCT li l-aktar huma relevanti, l-istampa tas-CCT li jkun hemm flimkien mal-SLO partikolari tinkludi wkoll titlu sabiex jiġi identifikat liema hu l-aspett partikolari tas-CCT li 'joqgħod l-aktar', i.e. il-parti tal-kontenut tas-CCT li hija l-aktar marbuta mal-għarfien, il-fehim u/jew il-ħiliet indirizzati fl-SLO partikolari.

Għalkemm qed tiġi identifikata CCT waħda, dan ma jfissirx li CCTs oħra ma jkunux relevanti. L-identifikazzjoni ta' tema partikolari sempliċement tissuġġerixxi li l-edukaturi jistgħu jsibu dik il-parti identifikata bħala l-aktar relevanti, l-aktar xierqa jew l-aktar faċli li tiġi integrata f'dak il-punt partikolari, filwaqt li tippermetti lill-edukaturi jgħallmu s-suġġett u s-CCT b'mod integrat.

Eżempji ta' dan it-tip ta' *embedding* fil-PSCD jinkludu:

- Kapaċi nintroduċi lili nnifsi mal-għalliem/a tiegħi u mal-istudenti sħabi u naqsam magħhom ftit mill-interessi tiegħi, xi nħobb u x'ma nħobbx.
  IL-KOMUNIKAZZJONI GĦAD-DIVERSITÀ
  Meħuda minn Livell 6, Aspett tas-Suġġett: L-iżvilupp ta' relazzjonijiet b'saħħithom u rispettabbli.

- Kapaċi niddefinixxi u nidentifika valuri li huma importanti għalija u għall-oħrajn madwari, u naf li l-valuri tiegħi jaffettwaw l-imġiba tiegħi u l-viżjoni lejn il-ħajja.
  NITGĦALLEM BIEX INSIR NAF
  Meħuda minn Livell 7, Aspett tas-Suġġett: Nifhem lili nnifsi jien u nikber

- Kapaċi nqassam il-ħin u t-tagħlim b'mod effettiv, *eż. napprezza l-bżonn ta' mmaniġġjar tajjeb tal-ħin, nassessja l-abbiltajiet attwali ta' mmaniġġjar tal-ħin u niżviluppa modi ġodda kif nimmaniġġja l-ħin aħjar*.
  IT-TAGĦLIM SOĊJALI
  Meħuda minn Livell 8, Aspett tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali.

**Eżempju: Is-sejba ta' opportunitajiet biex jiġi indirizzat it-tagħlim tas-CCT fl-SLOs tal- PSCD**

- **Kapaċi nikkomunika l-ideat tiegħi u nippreżenta l-opinjonijiet tiegħi b'mod effettiv, *eż. permezz ta' diskussjonijiet informati, għarfien u informazzjoni xierqa u proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.***
  **INTERPERSONALI**
  **Meħuda minn Livell 8, Enfasi tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali.**

L-opportunità tal-embedding għas-CCT hawnhekk hija tali li jekk l-ECI: L-għarfien u l-ħiliet intrapersonali huma żviluppati qabel u pprovati u żviluppati u rfinati aktar waqt it-tagħlim ta' dan l-SLO, ir-riżultat ikun esperjenza ta' tagħlim imtejjeb għall-istudent, u prestazzjoni mtejba fil-wiri tal-kisbiet tal-SLO. Ir-riżultati tas-CCT tal-ECI huma partikolarment addattati:

- Naf nikkomunika l-istrateġiji proposti tiegħi lil ħaddieħor b'mod effettiv.
- Kapaċi nikkontribwixxi f'tim.
- Kapaċi mmexxi.

**L-indirizz tas-CCTs permezz tal-użu ta' metodi u strateġiji partikolari tat-tagħlim**

Is-CCTs jistgħu jintużaw biex jinformaw il-ħolqien ta' *policies* u strateġiji, pereżempju billi jiġi strutturat it-tagħlim biex jimmassimizza l-użu tat-teknoloġiji diġitali. F'livell dipartimentali s-CCTs li ġejjin jistgħu jkunu addattati sabiex jgħinu fl-għażliet tal-pedagoġija u stili ta' tagħlim magħżula biex jimmassimizza l-flessibbiltà bl-introduzzjoni tal-LOF:

Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv

Il-Litteriżmu Diġitali

L-Edukazzjoni għad-Diversità

L-edukaturi jistgħu jsibu li s-CCTs li ġejjin għandhom rwol importanti fl-għażla tas-suġġett biex jistimolaw l-interess u d-dibattitu:

L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni.

Huwa evidenti li xi wħud mis-CCTs jintegraw ruħhom b'mod naturali għal stili partikolari ta' tagħlim. Taqsima Ċ *It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell* toffri gwida fuq kif CCTs partikolari jistgħu jgħinu lill-istudenti jirnexxu f'ambjenti ta' tagħlim partikolari. L-għażla b'mod deliberat ta' strateġiji partikolari tat-tagħlim li jinvolvu tagħlim attiv u/jew sperimentali u approċċi għat-tagħlim ta' kif jistgħu jissolvew il-problemi, fejn jeħtieġ li jkun hemm livell ta' awtonomija tal-istudenti kif ukoll xogħol fi gruppi, ser jgħinu sabiex it-tagħlim ikun wieħed li jwassal għall-introduzzjoni tas-CCTs tal-Litteriżmu Diġitali u Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv.

Pereżempju, is-CCT Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv tinkludi kategorija ta' kisbiet mit-tagħlim fuq it-Tagħlim Personali u, billi jiġi indirizzat it-tagħlim marbut ma' din il-kategorija tas-CCT, l-istudenti ser jiżviluppaw il-ħiliet tat-tagħlim meħtieġa sabiex f'biċċa xogħol partikolari jkunu awtonomi filwaqt li jimmaniġġjaw lilhom infushom. Simili ta' din, il-kategorija tat-Tagħlim Soċjali fi ħdan l-istess CCT tista' tgħin lill-istudenti jiżviluppaw qafas ta' ħiliet, attitudnijiet u mġiba li jgħinhom jieħdu kemm jistgħu mix-xogħol fi grupp jew f'tim u minn strateġiji oħra ta' tagħlim soċjali.

Is-CCT tat-Tagħlim Diġitali ser tgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-kompetenzi marbuta mal-immaniġġjar tat-tagħlim, is-sors minn fejn tinġabar l-informazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni. Meta jkun hemm dawn it-tipi ta' ħiliet tat-tagħlim infilsati fit-tagħlim qabel ma jibdew jintużaw ta' spiss ser jgħinu lill-istudenti jaffrontaw il-biċċiet tax-xogħol b'aktar kunfidenza kemm fil-proċessi tat-tagħlim fuq l-SLOs kif ukoll fil-kisbiet infushom.

### L-indirizz tas-CCTs f'attivitajiet krosskurrikulari jew f'attivitajiet li jinvolvu lill-iskola kollha

Is-CCTs kollha jistgħu jintużaw bħala strateġiji għall-iskola kollha sabiex jinħoloq ambjent ta' tagħlim ta' kwalità għolja li jagħti valur lill-istudenti kollha filwaqt li jissettja għanijiet għoljin għal kulħadd. L-iskejjel jistgħu jaraw il-benefiċċju meta jkollhom *policies* li jinkludu lill-iskola kollha fuq il-progress fil-:

- Litteriżmu
- Litteriżmu Diġitali
- Edukazzjoni għad-Diversità
- Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

Dawn it-tipi ta' CCTs jistgħu jintużaw sabiex ikun hemm *policies* infurmati għall-iskola kollha kif ukoll iżidu l-valur tat-tagħlim fi ħdan il-klassi. Madankollu, CCTs oħra jistgħu jintużaw sabiex jiffurmaw il-bażi tal-attivitajiet għal sena sħiħa ta' grupp partikolari jew, aktar minn hekk, inizjattivi li jinvolvu lill-istudenti kollha fl-iskola fuq suġġetti ambjentali. Pereżempju:

- Is-CCT tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tista' tintuża biex tifforma l-bażi għal attivitajiet ekstrakurrikulari għall-iskola kollha marbuta mat-tip ta' inizjattivi bħal Eko-Skola jew inizjattivi fuq l-użu minimu tal-enerġija. Attivitajiet ta' ġbir ta' fondi jistgħu jgħinu attivitajiet tal-iskola ta' sorsi ta' enerġija li jistgħu jerġgħu jintużaw permezz tat-tagħlim f'din is-CCT flimkien ma' dak tas-CCT marbuta mal-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni.
- Is-CCT tal-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni tista' tintuża biex issaħħaħ it-tagħlim u l-esperjenzi marbuta ma' attivitajiet li jvarjaw minn *tuck shop* immexxi mill-istudenti għal avveniment skolastiku jew inizjattivi li jinvolvu lill-iskola kollha fuq id-dinja tax-xogħol.

# Ċ. IT-TAGĦLIM TA' STUDENTI DIFFERENTI F'KULL LIVELL

Waħda mill-benefiċċji li taħdem b'Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim (u fl-istess ħin waħda mill-isfidi) hija l-abbiltà li tippermetti lill-istudenti jipprogredixxu bil-pass tagħhom u li tkun kapaċi taddatta l-metodoloġija tat-tagħlim u l-kurrikulu sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom. L-SLOs juru b'mod ċar fejn huwa t-'tmiem' tat-tagħlim f'kull livell għal kull student iżda l-edukaturi għandhom jirrikonoxxu filwaqt li jippjanaw għal dawk l-istudenti li ser jilħqu dan il-punt qabel l-oħrajn kif ukoll għal dawk li forsi jkollhom bżonn aktar żmien u aktar għajnuna sabiex jilħqu l-livell mixtieq.

L-Aspetti tas-Suġġett mhumiex riġidi u lanqas restrittivi u ma hemmx bżonn li jiġu mgħallma f'xi sekwenza partikolari jew bħala kontenut meħud f'iżolament. L-aspetti tas-suġġett jistgħu jidħlu fuq xulxin u jitħalltu fi programmi tat-tagħlim akbar (jew iżgħar). L-edukaturi jistgħu jippreferu li jaffrontaw il-kuntesti tat-tagħlim f'ordni differenti skont is-sitwazzjoni, jew li jgħallmu aspetti tat-tagħlim permezz ta' topiks tal-għażla tagħhom.

**Id-diversità tal-istudenti**

L-NCF iħaddan id-diversità u jitlob li din tiġi mħeġġa f'ambjent inklussiv.

L-NCF jindirizza l-bżonnijiet ta':

- studenti tajbin ħafna u b'talent li għalihom il-proċess tat-tagħlim jeħtieġ li joffri sfida sabiex huma jieħdu sehem u jkunu motivati li jiżviluppaw it-talenti tagħhom;
- studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali li għalihom il-kurrikulu għandu jkun miktub b'tali mod li jippermetti lill-għalliema japprezzaw kif l-istudenti kollha jistgħu jaċċessaw l-istess kurrikulu f'kull settur tat-tagħlim u jippermetti assessjar ta' firxa ta' ħiliet;
- studenti b'diżabiltajiet severi li għalihom il-kurrikulu għandu joffri edukazzjoni mibnija fuq firxa ta' ħiliet imfissra f'termini ta' fażijiet ta' żvilupp;
- studenti minn ambjenti soċjali żvantaġġati li għalihom l-iskola, flimkien mal-imsieħba lokali u istituzzjonali l-aktar importanti fis-soċjetà, għandhom jgħallmu aktar ħiliet filwaqt li joffru sapport lill-familji tagħhom u l-komunità lokali sabiex jipprovdu ambjent edukattiv b'saħħtu u stabbli;
- studenti minn ambjenti soċjali, kulturali u lingwistiċi differenti, inkluż it-tfal ta' refuġjati u persuni li qed ifittxu l-ażil, li għalihom il-kurrikulu jinkludi aċċess għal programm edukattiv li hu infilsat f'ambjent li joffri sapport emozzjonali u psikoloġiku li jirrispetta ċ-ċirkostanzi tal-individwi.

*Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:41)

Il-klassijiet kollha, anke fejn qed jiġi mħaddem is-*setting*, ser ikunu magħmula minn firxa ta' abbiltajiet. Dan għaliex l-istudenti jkollhom ħiliet u diffikultajiet differenti u jiżviluppaw b'rati differenti. Sabiex tiġi definita klassi 'b'abbiltajiet differenti' sempliċement bħala grupp ta' studenti b'firxa ta' abiltajiet hija superfiċjali wisq. Xi ngħidu għall-firxa ta' stili u preferenzi tat-tagħlim, livelli ta' interessi u l-ambjenti tad-dar, li kollha kemm huma jħallu impatt fuq l-esperjenza tat-tagħlim? L-istudenti kollha juru ħiliet differenti fi żminijiet differenti skont is-suġġett studjat u l-istil tat-tagħlim li jkun qed jintuża. Meta jkunu barra miż-żona ta' tagħlim l-aktar komda għalihom ser imorru anqas tajjeb. Mhix reali li tistenna minn grupp ta' studenti, hi x'inhi l-abiltà tagħhom, li jipprogredixxu matul il-biċċiet tax-xogħol bl-istess pass. Żewġ terzi tal-istudenti fil-klassi ser ikunu qed jaħdmu barra l-istil tat-tagħlim li jippreferu sakemm il-biċċa tax-xogħol ma tkunx varjata.

Wieħed mill-aktar modi effettivi li jassigura li l-istudenti differenti jintlaħqu f'kull livell matul l-LOF huwa li tgħallem lill-istudenti jaħsbu għalihom infushom. Ftit mis-CCTs jipprovdu l-għodda tal-għarfien u l-ħiliet għall-istudenti sabiex ikunu kapaċi jsiru studenti aktar effettivi, li jaddattaw malajr, mimlija bir-riżorsi, u awtonomi.

### Il-Progress u d-diverġenza fit-tagħlim

Il-prinċipju tad-diversità u l-inklużjoni li jiffurmaw il-bażi tal-NCF jimplikaw li f'kull stadju l-istudenti ta' kull livell u kompetenza għandhom jesperjenzaw is-suċċess, l-isfidi, u s-sapport meħtieġ sabiex isaħħu l-impenn tagħhom. Jeħtieġu programmi flessibbli ta' tagħlim li jipprovdu esperjenzi ta' tagħlim differenti għal spettru wiesa' ta' studenti filwaqt li jippermettu li jkun hemm rati differenti ta' progress hekk kif it-tfal u ż-żgħażagħ iqattgħu ż-żmien fl-iskola. Hemm bżonn approċċi differenti li jindirizzaw il-bżonnijiet differenti tat-tagħlim. Bil-punt fokali dejjem jikber fuq l-istudenti, u b'aktar klassijiet b'abbiltajiet differenti fl-iskejjel, l-approċċi li joffru diverġenza qed isiru aktar importanti u l-għalliema għandhom jaddottaw strateġiji li jibnu fuq it-tagħlim tal-passat tat-tfal u taż-żgħażagħ filwaqt li jgħinuhom jipprogredixxu.

*Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:40)

### Strateġiji għat-tagħlim ta' klassijiet b'abbiltajiet differenti

L-għalliema fil-klassi għandhom jibdew billi joħolqu relazzjoni personali ma' kull student/a fil-klassi tagħhom billi jitgħallmu u jużaw isimhom filwaqt li jsiru jafu x'jinteressahom. Li jiġu inklużi setturi ta' interess fit-tagħlim huwa mod tajjeb ħafna biex l-istudenti jkunu involuti. Fl-istess ħin, li jintuża dan it-tip ta' tagħlim meta jkun qed jiġi ssettjat ix-xogħol għad-dar jew xogħol individwali fil-klassi jista' jservi ta' motivazzjoni u jista' jgħin sabiex l-istudenti jżommu ruħhom involuti fit-tagħlim.

### It-tagħlim Personali:

- Kapaċi nidentifika s-sapport u r-riżorsi li għandi bżonn biex nitgħallem.
- Konxju/a tal-mod li nippreferi kif nitgħallem u kapaċi nużah biex nippjana t-tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nimmaniġġja l-għanijiet u l-ħin b'mod effiċjenti fit-tagħlim.
- Inħossni kompetenti fl-immaniġġjar tat-tagħlim tiegħi.
- Naċċetta r-rispsons tal-oħrajn u nikkonsidrah.
- Nagħraf lili nnifsi billi nbiddel is-suppożizzjonijiet tiegħi maż-żmien.
- Kapaċi nsegwi l-interessi tiegħi peress li dawn jgħinuni nirrifletti fuq 'jien min jien'.
- Nieħu gost meta nirnexxi f'xogħlijiet diffiċli.

Meħuda mis-CCT Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv

### Modi kif tagħti s-setgħa lill-istudenti filwaqt li tgħinhom jirnexxu fi ħdan l-LOF

Il-ħolqien ta' ambjent dinamiku tat-tagħlim permezz ta':

- L-immaniġġjar tal-klassi u l-ħolqien ta' opportunitajiet għall-istudenti biex jaħdmu b'mod individwali, f'pari jew fi gruppi.
- Il-bidla fit-tqassim tal-klassi skont it-tagħlim li jkun qed isir.
- Il-provvista ta' attivitajiet differenti, li jippermettu lill-istudenti jagħżlu l-livell ta' involviment u sfida. Din ser tgħin fis-sens ta' 'dritt ta' pussess' imsemmi 'l quddiem.
- L-użu ta' għażla ta' riżorsi differenti bi ħsieb.
- Il-preżentazzjoni ta' modi differenti kif tista' tiġi mgħallma l-istess ħaġa.

L-involviment tal-istudenti permezz ta':

- Il-ħolqien ta' sens ta' 'dritt ta' pussess' min-naħa tal-istudenti tal-proċess tat-tagħlim billi, pereżempju, l-istudenti jkollhom ċans jagħżlu l-proġett tagħhom.
- L-għajnuna lill-istudenti sabiex juru l-fehim tagħhom b'modi differenti, pereżempju permezz ta' mezzi li jagħżlu huma stess, sew jekk preżentazzjoni viżiva, orali jew preżentazzjoni fiżika.
- Il-bini ta' ħiliet għolja ta' ħsibijiet bl-użu tat-tassonomija ta' Bloom (f'kull livell) u l-ħidma permezz tal-SLOs sabiex it-tagħlim ikun wieħed interessanti, li jkun utli u joffri sfidi kif jindikaw l-SLOs, tant li l-SLOs jingħataw dimensjoni usa' jew jintużaw b'modi differenti. Dan jista' jsir billi l-istudenti jingħataw xogħol li jinvolvi s-soluzzjoni ta' problemi filwaqt li jingħataw l-opportunità li jittrasferixxu u japplikaw l-għarfien għal kuntest ġdid.

Il-bidla tal-istudenti fi studenti li kapaċi jinbidlu billi:

- minn età bikrija l-istudenti jiġu introdotti għall-istrateġiji ewlenin tat-tgħlim li jagħmlu parti mis-CCT Nitgħallem biex Nitgħallem u t-Tagħlim Kooperattiv;
- jiġu diksussi l-għanijiet tat-tagħlim f'kull lezzjoni mal-istudenti, u b'hekk isiru konxji ta' x'inhu mistenni li jitgħallmu mat-tmiem tal-lezzjoni. L-SLOs (mitkuba fl-ewwel persuna) huma indirizzati lejn l-istudenti;
- l-istudenti jkunu konxji tal-istili differenti tat-tagħlim; l-istudenti jiġu mgħallma t-teknikalitajiet biex jitgħallmu kontenut ġdid bl-użu ta' metodi viżivi, ta' smigħ u kinestetiċi għat-tagħlim bl-użu ta' strateġiji varji tat-tagħlim bil-għan li jipprovdu għall-bżonnijiet tal-istudenti li jitgħallmu aktar b'mod viżiv, ta' smigħ u kinestetiku;
- l-istudenti jitgħallmu kif ikunu anqas dipendenti fuq l-għalliema, pereżempju, kif ser 'jinqalgħu' mill-problema meta jeħlu?

Uża x-xogħoli fi gruppi sabiex:

- ikun hemm tisħiħ u estensjoni (bl-użu ta' gruppi flessibbli);
- tħeġġeġ lill-istudenti biex jinvolvu ruħhom f'Tagħlim Soċjali u biex japprezzaw ideat u personalitajiet differenti; iżidu l-kunfidenza meta jiddiskutu l-ideat tagħhom ma' oħrajn; jikkollaboraw ma' studenti oħrajn bħala parti mit-tagħlim tagħhom; ifittxu l-għajnuna u s-sapport mingħand studenti oħra; jitkellmu mal-oħrajn fuq it-tagħlim; jisimgħu lill-oħrajn jitkellmu fuq it-tagħlim tagħhom filwaqt li jiddiskutu suġġetti varji u strateġiji ta' tagħlim ma' sħabhom (billi jintużaw gruppi ta' abbiltajiet differenti).

Għandu jkun assigurat approċċ inklussiv tat-tagħlim u l-ippjanar tal-kurrikulu. Filwaqt li l-iskola tkun trid toħloq is-sens ta' twemmin tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżultati għall-istudenti kollha, u tapprezza firxa wiesgħa ta' talenti, ħiliet u riżultati, l-għalliema għandhom jaraw kif jistgħu jattwaw dan fil-klassi tagħhom. Fuq livell bażiku dan jibda permezz ta' promozzjoni tas-suċċess u l-apprezzament tagħhom infushom billi jieħdu azzjoni biex jeliminaw dak kollu li jillimita t-tagħlim, u għalhekk jassiguraw li l-istudenti kollha f'kull grupp jirnexxu fil-klassi. L-għalliema jistgħu jħeġġu l-fehim u l-apprezzament għad-diversità tal-individwi fil-klassijiet tagħhom u jużaw is-CCT tad-Diversità bħala katalist għal dan l-approċċ li jestendi sabiex jinkludi lill-istudenti b'mod dirett.

**Edukazzjoni mibnija fuq il-valuri**

L-edukazzjoni tiffoka kemm fuq il-bini tal-karattru kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-istudenti b'ħiliet speċifiċi. Id-direzzjoni 'l quddiem għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas hija permezz ta' edukazzjoni mibnija fuq il-valuri. Edukazzjoni mibnija fuq il-valur tirreferi għal kwalunkwe attività kemm espliċita kif ukoll impliċita fl-iskola li tħeġġeġ il-fehim u l-għarfien tal-istudenti tal-valuri u li jiżviluppaw il-ħiliet u l-ħajra tal-istudenti sabiex ikunu jistgħu jirrappreżentaw valuri partikolari bħala individwi u bħala membri mis-soċjetà inġenerali. Dan jassigura li dawk li ser joħorġu mill-iskola jkollhom il-kwalitajiet u l-kunfidenza fihom infushom, stima għolja tagħhom infushom, ottimiżmu u impenn għal suċċess personali bħala l-bażi għar-rwoli potenzjali fil-ħajja bħala membri minn familja, mill-komunità u bħala impjegati. Barra minn hekk, għandhom ikunu kapaċi jagħmlu ġudizzju u jkunu responsabbli f'għażliet etiċi u soċjali.

Addattat minn *Respect for All Framework*, Ministry for Education and Employment (2014:10)

L-iskejjel għandu jkollhom kultura vibranti u progressiva, li tħeġġeġ il-benesseri u r-rispett, bl-ambizzjoni u r-riżultati bħala l-punti fokali għal kull student/a. Dan it-tip ta' approċċ għandu jintuża f'kull klassi. Skola tajba hija skola li tieħu ħsieb l-individwi u li tagħti s-sapport tagħha lil kull individwu, irrispettivament mill-isfond u l-bżonnijiet tat-tagħlim. Dawn l-iskejjel jaħdmu f'atmosfera ta' pożittività assoluta. Dawn jaħdmu bla waqfien sabiex jippromwovu attitudnijiet b'saħħithom u produttivi għat-tagħlim, għall-ħajja u għax-xogħol. L-iżvilupp ta' sens ta' twemmin ta' ambizzjoni jiddefinixxi n-natura ta' ispirazzjoni ta' skejjel ta' suċċess, fejn issir l-għaqda bejn l-aspettattivi u s-suċċess – suċċess li jinkludi l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja, għax-xogħol u għat-tagħlim – timbru ta' eċċellenza.

Mill-perspettiva tal-klassi, l-approċċ inklussiv jindirizza l-bżonnijiet tal-istudenti permezz ta' varjetà ta' approċċi li jinkludu: strateġiji ta' interventi bikrija u kurrikulu u approċċi għat-tagħlim li huma ddisinjati li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-istudenti kollha. L-edukaturi għandu jkollhom aspettattivi għoljin għall-istudenti tagħhom għaliex dawn għandhom jiġu mħeġġa sabiex ikollhom aspettattivi u miri għoljin għalihom infushom. Huwa importanti ferm li l-edukaturi jassiguraw li l-istudenti tagħhom ikunu jafu fejn jinsabu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tagħlim tagħhom u kif jistgħu jitjiebu. L-istudenti għandhom jiġu mfaħħra fuq bażi regolari, b'mod selettiv u effettiv biex jibqgħu motivati.

Hekk kif l-istudenti jipprogredixxu matul u bejn il-livelli huma għandhom ikunu inkuraġġuti jirriflettu fuq u jieħdu aktar dritt tal-pussess ta' u jassumu aktar responsabbiltà għat-tagħlim tagħhom. L-edukaturi għandhom jibdew jintroduċu tekniki biex jippermettu lill-istudenti jagħmlu aktar użu mill-awtoassessjar biex jidentifikaw is-saħħiet tagħhom u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tagħhom mill-evidenza tal-isforzi tagħhom u jaġixxu fuq il-*feedback* mogħti mill-pari kif ukoll mill-edukaturi biex jippjanaw il-passi li jmiss.

L-edukaturi jistgħu jiġbru evidenza tal-progress bħala parti mit-tagħlim ta' kuljum waqt attivitajiet individwali u kollaborattivi, pereżempju meta l-ipproċessar isir wara attività li tkun diġà saret.
Metodi oħra ta' assessjar biex jiġbru evidenza tat-tagħlim u l-progress jinkludu preżentazzjonijiet tagħhom stess u fi gruppi, riflessjonijiet miktuba u l-użu tal-ICT skont il-każ. Assessjar speċifiku ser ikun ta' valur fl-assessjar tal-progress. Approċċi għall-assessjar għandhom jidentifikaw l-estent sa fejn l-istudenti jistgħu japplikaw dawn il-ħiliet fit-tagħlim u fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, u fil-preparazzjoni għad-dinja tax-xogħol.

**Attività tal-PSCD għaż-żgħar**
Din l-attività taħdem tajjeb jekk ikun hemm tensjoni bejn l-istudenti fi klassi. L-għalliem/a jibda/tibda billi jiddiskuti/tiddiskuti xi kwalitajiet qed infittxu fil-ħbieb, bħal tjubija u li jaqsmu ma' xulxin. L-għalliem/a mbagħad jorganizza/torganizza bord ta' *Atti Każwali ta' Tjubija*, u jispjega/tispjega li kull darba li student jagħmel att ta' tjubija l-istudenti jridu *jirrappurtawh* lill-għalliem/a li jikteb/tikteb isem l-istudent fuq il-bord.

Imbagħad l-għalliem/a jitlob/titlob lill-istudent joqgħod f'nofs iċ-ċirku u jispjega/tispjega li kulħadd għandu kwalitajiet pożittivi. Kull student imbagħad jgħid ħaġa waħda li togħġbu jew jammira fl-istudent fiċ-ċentru taċ-ċirku. Imbagħad jirrepeti/tirrepeti dan l-eżerċizzju sakemm kulħadd ikollu l-opportunità joqgħod bilqiegħda fiċ-ċentru. Gradwalment l-istudenti jitgħallmu li l-għalliem/a huwa/hija interessat/a jisma'/tisma' l-pożittiv, mhux in-negattiv, kwalitajiet li se jgħinu lill-istudenti japprezzaw lil xulxin aktar.

Addattat minn *Can I describe the impact of kindness?*, Jenkins (2015)

## D. IT-TAGĦLIM TA' LIVELLI DIFFERENTI FL-ISTESS SENA

F'kull klassi ser ikun hemm studenti li jkollhom bżonn aktar żmien biex jilħqu t-tagħlim meħtieġ u b'hekk jilħqu l-livell tal-SLOs. Mal-progress tal-istudenti fil-mixja tagħhom ta' tagħlim huma jistgħu jgħaddu għal sena ġdida u jibdew livell ġdid iżda jkun għad fadlilhom partijiet fejn ikun hemm xi nuqqasijiet fit-tagħlim mil-livell preċedenti. L-aktar fattur importanti hawn huwa li l-informazzjoni fuq il-progress tkun waħda kemm jista' jkun ċara li tinforma lill-għalliema l-ġodda bl-għajnuna jew bix-xogħol addizzjonali li jkollhom bżonn l-istudenti sabiex ikunu żguri li dan il-progress fil-livell il-ġdid ikun attwat.

Taqsima Ċ *It-tagħlim ta' studenti differenti f'kull livell* tirreferi għall-użu ta' firxa ta' strateġiji maħsuba biex jirrispondu għall-preferenzi ta' tagħlim differenti tal-istudenti kollha. Meta jkun hemm studenti fil-klassi li jeħtieġu aktar sapport biex jilħqu xi aspetti mil-livell preċedenti huwa importanti li:

- ikun hemm informazzjoni ċara fuq l-oqsma li fihom jeħtieġu s-sapport;
- ikun ċar kif dawn l-oqsma jintrabtu mal-progress u l-kisba ta' riżultati fil-livell il-ġdid;
- ikun hemm firxa ta' strateġiji u metodi ta' tagħlim li jistgħu jintużaw biex jgħinu u jirfdu l-istil ta' tagħlim mal-preferenza tal-istudenti għal skop ta' progress bikri;
- il-konverżazzjoni mal-istudenti fuq l-oqsma li jeħtieġu sapport jew infurzar tibqa' waħda pożittiva u kostruttiva.

Wieħed mill-benefiċċji tal-istruttura tal-LOF huwa li Livelli 7 u 8 jiġu mgħallma b'kurrikulu li jifrex fuq sentejn u għalhekk ikun hemm żmien biżżejjed għal żvilupp ta' programmi ta' tagħlim u l-użu ta' firxa ta' metodi ta' tagħlim li jgħinu lill-istudenti jipprogredixxu u jiksbu r-riżultati mixtieqa.

Hemm numru ta' mudelli li wieħed jista' jikkonsidra bħala miżura introduttorja għal numru ta' studenti sabiex jiksbu l-ħiliet tal-SLOs fiż-żmien stipulat marbut mal-livell partikolari. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw li:

- jesploraw l-SLOs b'mod aktar miftuħ/fil-fond, forsi billi jittrasferixxu jew japplikaw it-tagħlim marbut mal-SLOs f'kuntesti ġodda;
- jużaw testi aktar speċifiċi u li joffru sfida akbar;
- jissettjaw xogħol li joffri sfida akbar u li hu aktar kumpless bil-għan li jippreżenta lill-istudenti b'testi u vokabularju li joffru sfida akbar jew li jintroduċuhom għal Aspetti ġodda tas-Suġġett jew oqsma ġodda tal-Aspetti eżistenti tas-suġġett, filwaqt li jżommu f'moħħhom li l-SLOs ma jistipulawx il-livell massimu tat-tagħlim li jista' jintlaħaq;
- iħarsu lejn l-opportunitajiet li joffru s-CCTs bħala sorsi ta' ispirazzjoni għall-introduzzjoni ta' oqsma ġodda ta' kontenut li jipprovdu kontenut addizzjonali għall-kurrikulu li jsaħħaħ kemm l-esperjenza tat-tagħlim tas-suġġett filwaqt li jaraw il-kontenut tas-CCT x'aktarx b'mod differenti jew b'modi li joffru sfida akbar.

Sors ewlieni ieħor ta' materjal marbut mal-provvista ta' sfida addizzjonali jew żieda huwa l-Aspett tas-Suġġett u l-SLOs mil-livell aktar għoli. Filwaqt li mhux dejjem ikun addattat sabiex dawn jiġu indirizzati b'mod dirett, l-edukaturi forsi jkunu jixtiequ li jaraw it-tagħlim kuntestwalizzat jew ix-xogħol preparat li jservi ta' introduzzjoni tajba għat-tagħlim fil-livell li jmiss. Hawnhekk il-punt fokali huwa li nħarsu lejn l-għaqda bejn it-tagħlim f'kull livell u kif l-istudenti jistgħu jibdew jaċċessaw dan it-tagħlim. F'dan it-tip ta' approċċ, bħal f'kull settur ta' xogħol ieħor, huwa importanti li jinżamm rekord aġġornat tar-riżultati sabiex l-għalliema jkunu preparati biex jaħdmu mal-istudenti li ser ikunu qed jitilgħu b'mod formali għal-livell li jmiss.

Għalkemm is-suġġerimenti msemmija hawn fuq jistgħu jgħinu lill-edukaturi jindirizzaw l-isfidi marbuta ma' tagħlim divrenzjali, wieħed ta' min japprezza li mhux faċli jiġi implimentat tagħlim divrenzjali fi klassi eteroġenja, speċjalment jekk l-edukaturi ma jingħatawx is-sapport jew ma jkunux jafu x'qed jiddiverenzjaw – il-kurrikulu jew il-metodi ta' tagħlim li jintużaw. Għaldaqstant huwa importanti li jkun hemm gwida ċara u sapport fuq it-tagħlim divrenzjali filwaqt li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet tal-istudenti kollha billi jikkonsidraw x'qed jgħallmu u lil min qed jgħallmu. Għandu jkun hemm ukoll ħin biżżejjed sabiex l-għalliema jassessjaw il-bżonnijiet, l-interessi u l-ħerqa tal-istudenti tagħhom, u biex jippjanaw u jiddisinjaw attivitajiet addattati għall-istudenti kollha. Dan it-tħassib għandu jiġi indirizzat permezz ta' żvilupp professjonali u effettiv li jinkoraġġixxi lill-għalliema japplikaw il-ħiliet tagħhom sabiex jipprovdu gwida matul proċess li fih hemm divrenzja fl-approċċ għat-tagħlim.

# E. IT-TAGĦLIM TA' LIVELL WIEĦED FUQ SENTEJN

Fi ħdan l-LOF, il-Livelli 7 u 8 għandhom livell ta' sfida addizzjonali fl-ippjanar u d-disinn tal-kurrikulu minħabba li ż-żewġ livelli jiġu mgħallma f'sentejn differenti. Pereżempju, l-SLOs ta' Livell 8 jifirxu fuq id-9 u l-10 sena. Dan ifisser li l-edukaturi għandhom jikkonsidraw kif jistgħu jistrutturaw il-programmi ta' tagħlim meħtieġa sabiex jintlaħqu l-SLOs li jippermettu tagħlim b'mod li jagħmel sens u koerenti fuq sentejn li jsarrfu f'opportunitajiet ta' progress fil-livell. Madankollu, din il-viżjoni wiesgħa biex jintlaħaq l-istandard tal-livell jgħin ukoll biex jiġu affrontati l-isfidi diskussi fil-kapitlu preċedenti.

Meta wieħed jara l-kontenut trattat mill-SLOs f'dan il-livell, l-edukaturi jistgħu jidentifikaw l-SLOs li huma kkonsidrati bħala prerekwiżiti għal oħrajn fl-istess livell u b'hekk jistrutturaw il-kurrikulu skont dawn. Xi Aspetti tas-Suġġett jistgħu jiġu mgħallma b'mod faċli qabel oħrajn, jew l-edukaturi jistgħu jiddeċiedu li jiddisinjaw u jimplimentaw kurrikulu li għandu aktar sens ta' progress mibni fuq spiral. L-edukaturi jistgħu jħossu wkoll li hemm modi differenti kif jistgħu jaħdmu bl-Aspetti tas-Suġġett, jiġbruhom flimkien u jindirizzaw l-SLOs billi joħolqu oqsma ġodda tas-suġġett li jinkorporaw l-Aspetti tas-Suġġett.

Idealment l-edukaturi jsegwu s-sekwenza tal-*Learning Outcomes Framework*, barra meta jkun hemm kwistjoni immedjata li teħtieġ tiġi indirizzata u xi proġetti għaddejjin li l-edukaturi tal-PSCD jistgħu jkunu involuti fihom, bħat-Teatru fl-Edukazzjoni marbuta mal-Edukazzjoni fuq id-Drogi fil-livell 8, Sena 9, jew l-esperjenza tal-espożizzjoni għall-karrieri (ġimgħa ta' *job shadowing*) fil-livell 8, Sena 10, fejn l-edukaturi tal-PSCD huma mistennija jippreparaw lill-istudenti għall-esperjenza u jagħmlu sessjonijiet ta' segwitu.

Hemm minn tal-anqas tliet approċċi potenzjali li l-edukaturi jistgħu jikkonsidraw:

- L-iżvilupp ta' perijodu għal xogħol minn qabel jew il-preparazzjoni tal-istil tat-tagħlim qabel jipproċedu fuq il-kurrikulu li hu marbut direttament mal-SLOs.
- L-iżvilupp ta' approċċ ta' żvilupp fl-SLOs eżistenti fejn jiġu indirizzati Aspetti tas-Suġġett xierqa marbuta mal-SLOs qabel oħrajn magħhom li jagħtu sapport lit-tagħlim tal-SLOs li għandhom jiġu mgħallma fit-tieni sena.
- L-iżvilupp ta' approċċ ta' programm ta' tagħlim u tal-kurrikulu li juri taħlita taż-żewġ approċċi msemmija hawn fuq.

Jeżistu wkoll approċċi aktar ambizzjużi fejn l-Aspetti tas-Suġġett u l-SLOs jiddaħħlu f'approċċ iddisinjat lokalment li jissodisfa aħjar il-ħiliet u l-interessi tal-istaff u tal-istudenti. L-edukaturi huma liberi li jiddeċiedu jekk ikun hemm mod aktar integrat biex jgħallmu s-suġġett. L-LOF jippermettu lill-edukaturi jkejlu l-kontroll u l-innovazzjoni tal-benefiċċju tal-istudenti tagħhom. Hu x'inhu l-metodu magħżul, l-ippjanar tal-kurrikulu, l-għażla tar-riżorsi u l-għażla tal-istrateġiji tat-tagħlim huma kollha importanti.



# L-Assessjar

## A. METODOLOĠIJI LI JASSIGURAW ASSESSJAR XIERAQ

L-edukazzjoni tal-PSCD tista' tkun devalwata għaliex mhijiex assessjata formalment bħas-suġġetti akkademiċi l-oħra. L-għan tal-assessjar huwa li jipprovdi *feedback* għall-istudenti u l-edukaturi fuq it-tagħlim ta' kuljum fil-livell tal-klassi u tal-iskola. Din l-evidenza tiddeskrivi x'kiseb l-istudent f'termini tal-kisbiet mit-tagħlim, u tippermetti lill-edukaturi jaġġustaw il-programm ta' tagħlim tagħhom biex itejbu l-kwalità tat-tagħlim.

Ix-xogħol u l-proċeduri tal-assessjar għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' kull fergħa tas-suġġett u mal-attivitajiet li jsiru fil-klassi biex jiksbu l-għanijiet ta' kull lezzjoni. B'dan il-mod l-assessjar ikun parti vitali u integrali tal-proċess u l-programm ta' tagħlim. L-edukaturi jeħtieġ li jaħsbu dwar ix-xogħol tal-assessjar li jagħti evidenza ta' x'tgħallmu l-istudenti, x'hemm bżonn isir iżjed, il-pass ta' tagħlim li jmiss għall-istudent kif ukoll awtoevalwazzjoni u awtomonitoraġġ. Fil-fatt, *Assessment for Learning* huwa definit bħala l-proċess li jfittex u jinterpreta l-evidenza għall-użu mill-istudenti u l-edukaturi tagħhom biex jiddeċiedu fejn waslu l-istudenti fit-tagħlim tagħhom, fejn jeħtieġ imorru u l-aħjar mod biex jaslu hemm.

L-għanijiet tal-PSCD huma li jassessjaw it-tliet komponenti li ġejjin:

- L-għarfien, jiġifieri l-għanijiet konjittivi li jindirizzaw il-kisba ta' informazzjoni korretta.
- Il-ħiliet, jiġifieri l-abbiltà miksuba permezz tal-prattika u l-isforz biex iwettqu attivitajiet kumplessi, biex jagħmlu u jimplimentaw sekwenza ta' għażliet sabiex jiksbu l-għan mixtieq.
- L-attitudnijiet, jiġifieri mod ta' ħsieb li jinfluwenza l-imġiba ta' individwu.

Dawn li ġejjin huma xi wħud mill-għodda tal-assessjar li jistgħu jintużaw biex jassessjaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet fil-PSCD:

**Qabel it-tests**

- *Brainstorming*
- Tekniki ta' mistoqsijiet, inklużi mistoqsijiet miftuħin
- Organizzazzjoni Grafika tal-Informazzjoni (GOIs)
- Evalwazzjoni u *feedback*

**Assessjar għaddej jew interim:**

- Rikapitulazzjoni
- Tekniki ta' mistoqsijiet, inklużi mistoqsijiet miftuħin
- Kwestjonarji djanjostiċi
- Assessjar tal-pari
- Logħob edukattiv
- Studji tal-każi
- *Role-plays*
- Eżerċizzju ta' *continuum*
- Użu tajjeb ta' kliem muftieħ
- Kwiżż

- Kaxxa għall-mistoqsijiet u s-suġġerimenti
- Vjaġġ ta' fantasija
- Proċessar
- Ħidma fi gruppi wara t-test
- Awtoriflessjoni
- *Logbook* Riflessiv tal-Esperjenza tal-Espożizzjoni tal-Karriera
- Portafoll tal-Iddisinjar tal-Karriera
- Ġurnali
- Eżerċizzji Miktuba/Mitbuqa

**L-Assessjar**

L-assessjar huwa parti integrali mill-proċess tat-tagħlim, fejn jipprovdi lill-istudenti u lill-ġenituri tagħhom *b'feedback* kontinwu, fil-ħin u kwalitattiv fuq il-progress tat-tfal, filwaqt li jwassal informazzjoni fuq il-prattika tal-għalliema u jipprovdi lill-iskejjel u lill-kulleġġi b'informazzjoni fuq l-ippjanar tal-kurrikulu u t-tagħlim.

L-assessjar *għat*-tagħlim (assessjar għal skopijiet formattivi) huwa proċess li jsir fl-istess ħin tat-tagħlim. L-istudenti u l-għalliema tagħhom jużaw ir-riżultati biex isiru jafu x'jafu l-istudenti u jistgħu jagħmlu dan b'rabta mat-tagħlim.

L-assessjar *tat*-tagħlim (assessjar għal skopijiet summattivi) isir mat-tmiem ta' kull unità, f'nofs is-sena jew fl-aħħar tas-sena.

L-assessjar *bħala* tagħlim (assessjar kontinwu) huwa l-użu ta' assessjar kontinwu tal-istudenti nfushom minnhom stess bil-għan li jsir monitoraġġ tat-tagħlim tagħhom stess.

F'suġġetti li jiġu mgħallma bħala moduli, l-assessjar tat-tagħlim isir mat-tmiem tal-modulu. L-informazzjoni u l-ġudizzji fuq it-tagħlim jinġabru flimkien bħala sommarju għal skop ta' rappurtaġġ għall-għalliema u għal skambju ta' informazzjoni ma' għalliema oħra fi klassijiet jew skejjel oħra. Jekk l-istudenti jkunu jafu eżatt x'inhu mistenni minnhom (l-iskopijiet tat-tagħlim) u l-kriterji ta' suċċess li ser jidentifikaw it-tagħlim tagħhom, huma jiżviluppaw ħiliet ta' evalwazzjoni personali li ser jgħinuhom isiru studenti li kapaċi jitgħallmu weħidhom.

Il-proċessi ta' assessjar fil-klassi li huma ddisinjati b'mod tajjeb u xieraq jistgħu:

- jagħtu sapport lill-istudenti sabiex permezz tal-assessjar tagħhom infushom ikunu kapaċi jkejlu t-tagħlim tagħhom, filwaqt li jidentifikaw il-ħiliet, il-bżonnijiet tat-tagħlim u xi jmiss li jitgħallmu;
- iħeġġu lill-istudenti jgħinu lil xulxin fit-tagħlim tagħhom permezz ta' assessjar li jsir minnhom stess;
- jgħinu lill-għalliema jifhmu aħjar kif l-istudenti jitgħallmu aħjar, jużaw l-evidenza biex jimmonitorjaw il-progress tal-istudenti, jirriflettu fuq il-prattika tagħhom filwaqt li jaddattaw jew iqabblu t-tagħlim tagħhom skont il-bżonnijiet tal-istudenti;
- jgħinu lill-għalliema jippjanaw fuq it-tagħlim ta' individwi u gruppi sabiex jassiguraw li t-tfal kollha jingħataw l-attenzjoni xierqa;
- jagħtu sapport lill-ġenituri sabiex dawn jaqsmu l-esperjenzi ta' tagħlim tat-tfal tagħhom, jinterpretaw l-informazzjoni tal-assessjar, u jsegwu l-iżvilupp edukattiv tat-tfal tagħhom;
- jippromwovu r-rappurtaġġ fuq il-progress individwali u l-ħiliet miksuba b'mod li jiżdiedu waħda mal-oħra.

Il-kulleġġi u l-iskejjel huma mitluba jiżviluppaw politika ta' assessjar. Din il-politika għandha tindirizza l-kwantità u l-kwalità tal-prattiki tal-assessjar kif ukoll ir-rappurtaġġ lill-ġenituri u msieħba oħra interessati.

Addattat minn *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:41-42) u *Assessments as Learning*, Lam (2015:1)

L-istudenti u persuni oħra involuti fit-tagħlim, jeħtieġu *feedback* fil-ħin u bl-eżatt fuq dak li tgħallmu kif ukoll kemm tgħallmu u kemm tgħallmuh b'mod tajjeb. Dan jgħin fl-identifikazzjoni ta' xi jmisshom jagħmlu u min jista' jgħinhom biex iżidu mal-għarfien, il-fehim u l-ħiliet tagħhom. Il-progress tal-istudenti għandu jiġi assessjat permezz ta' modi u fi żminijiet xierqa għall-bżonnijiet tat-tagħlim tagħhom. Il-ġudizzji li jsiru fuq dan it-tagħlim għandhom ikunu msejsa fuq evidenza minn firxa wiesgħa ta' sorsi, kemm fl-iskola kif ukoll barra mill-iskola u b'referenza għall-progress tal-istudenti fuq perijodu ta' żmien u f'firxa ta' attivitajiet.

Permezz ta' ppjanar ta' opportunitajiet ta' assessjar kontinwu u testijiet perjodiċi, b'mod speċjali fejn l-istudenti jużaw il-ħiliet tagħhom b'mod integrat, l-edukaturi ser ikunu qed jippermettu lill-istudenti juru, fuq perijodu ta' żmien, *kemm u kemm* tajjeb ikunu tgħallmu.

Bilanċ bejn opportunitajiet ta' assessjar kontinwu u perjodiku jitlob li l-istudenti juru qafas ta' tagħlim mibni fuq perijodu ta' żmien filwaqt li japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'kuntesti differenti. It-taħlit ta' firxa ta' opportunitajiet ta' assessjar formattiv immexxi mill-istudenti jippermettu lill-istudenti nfushom ikejlu l-progress tagħhom meta mqabbel ma' SLOs partikolari jew grupp ta' SLOs.

L-edukaturi għandhom jiġbru firxa ta' evidenza ta' kwalità biex juru l-progress fit-tagħlim minn opportunitajiet ta' assessjar formattiv fuq bażi regolari u assessjar perjodiku u kumulattiv. L-ammont u l-firxa ta' evidenzi għandha tkun biżżejjed biex tibni profil tal-kisbiet tal-istudent. L-evidenza għandha turi li l-istudenti fehmu sew, wieġbu tajjeb u b'mod kostanti għall-esperjenzi ta' tagħlim ta' sfida u kienu kapaċi japplikaw dak li tgħallmu f'kuntesti ġodda u mhux familjari.

It-tagħlim u l-assessjar għandhom ikunu ddisinjati b'modi li jirriflettu kif studenti differenti jipprogredixxu biex jimmotivawhom u jinkoraġġuhom fit-tagħlim tagħhom. Biex jappoġġjaw dan, l-istudenti kollha għandhom ikunu involuti fl-ippjanar u jirriflettu fuq it-tagħlim tagħhom stess, permezz ta' assessjar formattiv, evalwazzjoni proprja u tal-pari u l-ippjanar tat-tagħlim personali. Ladarba l-istudenti jingħataw l-opportunità jinteraġixxu mal-pari tagħhom u jkollhom *feedback* kontinwu mill-edukaturi tagħhom, huma finalment ikunu ggwidati biex jagħmlu deċiżjonijiet dwar kif itejbu l-kisba tagħhom tal-kontenut tas-suġġett. L-istudenti b'hekk jingħataw l-opportunità jkollhom rwol attiv fl-awtoassessjar, li jinkoraġġihom isibu l-għanijiet personali għat-tagħlim. Dawn it-tipi ta' assessjar jistgħu jiġu ppjanati f'punti partikolari, bħal fit-tmiem ta' unità tematika fejn l-istudenti jistgħu jiġġudikaw u jirrevedu l-prestazzjoni tagħhom stess.

L-edukaturi jeħtieġ ikollhom fehim ċar ta' kif l-istudenti tagħhom qed jipprogredixxu fir-rigward ta' ħaddieħor fl-iskola tagħhom u fi skejjel oħra f'Malta, meta mqabbla mar-riżultati u l-esperjenzi f'livelli differenti. Opportunitajiet regolari u ppjanati għal djalogu huma ffaċilitati mill-Uffiċjali Edukattivi biex jgħinu lill-edukaturi jaslu għal interpretazzjoni ta' tifsira kondiviża u konsistenti hekk kif japplikaw l-SLOs.

F'kull ħila, l-istudent m'għandux għalfejn ikun sigur f'kull riżultat f'livell wieħed biex jimxi għal li jmiss. Meta xieraq, l-istudenti għandu jkollhom l-opportunità jinvolvu rwieħhom f'esperjenza ta' tagħlim fil-livell li jmiss. L-edukaturi għandhom jagħtu lill-istudenti esperjenza tar-riżultati kollha iżda b'mod ħolistiku. Meta l-istudenti jkollhom esperjenza ta' tagħlim profonda f'livell wieħed, għandhom jimxu għal li jmiss.

L-edukaturi jridu jiżguraw li l-opinjonijiet tagħhom ta' x'kiseb student ikunu appoġġati minn evidenza soda. L-evalwazzjoni tagħhom ta' din l-evidenza jeħtieġ tkun konsistenti mal-evalwazzjoni ta' kollegi fid-dipartiment tagħhom jew f'dipartiment jew ċentru ieħor. Iċ-ċentri għandhom jippjanaw flimkien u jużaw il-ġudizzju professjonali tagħhom biex jaslu għal fehim konġunt ta' xi jfisser li jintlaħaq livell. Il-gwida nazzjonali li ħierġa ser tappoġġa dan il-proċess. Il-moderazzjoni hija partikolarment importanti fi żminijiet ta' tranżizzjoni minn livell għal ieħor u fit-tranżizzjoni bejn is-Snin Medji u Sekondarji.

It-tagħlim assoċjat mas-CCTs u l-assessjar assoċjat huwa r-responsabbiltà tal-edukaturi kollha.

It-titjib tal-kwalità tat-tagħlim jimplika wkoll il-promozzjoni ta' kultura li tassigura t-trasparenza fil-kwalità tar-riżultati tal-assessjar filwaqt li jinħolqu approċċi, strutturi u rwoli kemm interni kif ukoll esterni f'sistemi ta' evalwazzjoni mill-iskejjel.

> *Il-garanzija tal-kwalità fl-edukazzjoni tista' tinftiehem bħala policies, pro*ċeduri, u pratti*ki li huma ddisinjati sabiex tinkiseb, tinżamm jew tissaħħaħ il-kwalità f'setturi speċifiċi, u li jiddependu fuq il-proċess ta' evalwazzjoni … [jiġifieri] proċess ġenerali ta' analiżi sistematika u kritika ta' suġġett definit li jinkludi l-ġabra tad-dejta relevanti li twassal għal ġudizzji u/jew rakkomandazzjonijiet għal titjib. L-evalwazzjoni tista' tiffoka fuq numru ta' suġġetti: l-iskejjel, il-kapijiet tal-iskejjel, l-għalliema u staff edukattiv ieħor, l-awtoritajiet lokali, jew l-andament tas-sistema edukattiva sħiħa.*
>
> *Assuring Quality in Education: Policies and Approaches to School Evaluation in Europe,* European Commission (2015a:13)

L-iskejjel jeħtieġu jibdew jiżviluppaw proċeduri ġodda ta' garanzija tal-kwalità, filwaqt li jsaħħu dawk eżistenti, sabiex jgħinu fl-introduzzjoni tal-LOF u jassiguraw li l-implimentazzjoni tagħhom fil-klassijiet tkun waħda ta' suċċess. Dan jeħtieġ jagħmel parti mill-implimentazzjoni sħiħa tal-iskola u l-istrateġija ta' kwalità li tista' tinkludi opportunitajiet ta':

- Timijiet ta' Maniġment Superjuri li jieħdu interess attiv fis-CPD tal-għalliema, jimmonitorjaw il-livelli ta' kunfidenza tal-għalliema u l-progress tal-istudenti, eż. it-tqassim tax-xogħol tal-istudenti u t-tmexxija ta' evalwazzjonijiet tal-iskejjel infushom.
- Kapijiet tal-Iskejjel li joħolqu ħin flimkien għall-preparazzjoni u l-ippjanar sabiex jiffaċilitaw xogħol kollaborattiv.
- Il-qsim ta' standards u l-istennija permezz tal-wiri tax-xogħol tal-istudenti skont il-livelli biex jidher il-progress, pereżempju, xogħol esebit fuq 'ħajt tat-tagħlim'.
- L-istaff jinvolvi lit-tfal u liż-żgħażagħ f'diskussjonijiet fuq il-progress u l-issettjar ta' għanijiet bħala parti mill-ippjanar sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tagħhom tat-tagħlim.
- L-iżvilupp ta' approċċi għall-iskola kollha għat-tagħlim u l-assessjar tas-CCTs.
- Strateġiji ċari ta' rappurtaġġ għall-*feedback* fuq il-progress fi ħdan l-iskola u barra mill-iskola, eż. il-ġenituri u l-kustodji tat-tfal.

Fid-Dipartimenti tal-PSCD (apparti l-attivitajiet elenkati hawn fuq), l-edukaturi jeħtieġ ikunu involuti fi:

- laqgħat tad-dipartiment fuq bażi regolari sabiex jippjanaw it-tagħlim u l-assessjar b'mod koerenti flimkien mal-kollegi tagħhom, billi jaqsmu strateġiji effettivi li huma jħossu li jistgħu jgħinu t-tagħlim u l-ħiliet tal-istudenti.
- pjanar kollaborattiv ma' għalliema oħra, *review* mill-kollegi u diskussjonijiet fuq standards u dak li jkunu qed jistennew mit-tagħlim tal-istudenti fl-istess livell.
- id-disinn ta' materjali tal-assessjar, skemi ta' marki u strateġiji ta' rappurtar b'kollaborazzjoni ma' għalliema oħra fi ħdan id-dipartiment jew ma' membri tal-istaff minn skejjel oħra.
- l-adozzjoni ta' strateġiji biex jiġu evitati ġudizzji qabel jiġu assessjati l-ħiliet, pereżempju l-korrezzjoni ta' xogħol ta' studenti mingħajr ma jkunu jafu min huma l-istudenti nfushom.
- Komunitajiet ta' Prattika għall-qsim u/jew tisħiħ tal-prattika professjonali tagħhom, li jiffokaw fuq l-assessjar, il-konsistenza fl-interpretar tal-SLOs, ir-rappurtaġġ tal-progress lill-għalliema, il-ġenituri u l-kustodji u għalliema oħra.

Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) ser jassigura li:

- l-Uffiċjali Edukattivi ser iżuru l-iskejjel biex jivvalidaw kull evidenza ta' evalwazzjoni li ssir mill-iskejjel stess filwaqt li jieħdu kampjun tal-konsistenza tat-tagħlim u l-assessjar;
- membri tal-istaff jiġbru flimkien u janalizzaw firxa ta' dejta lokali u nazzjonali sabiex tintuża bħala l-bażi ta' diskussjonijiet mal-Kapijiet tal-Iskejjel, il-Viċi Kapijiet u l-Kapijiet tal-Fakultà/il-Prinċipali sabiex jippjanaw għat-titjib fil-kisbiet tal-istudenti;
- fejn tiġi identifikata prattika tajba, l-Uffiċjali Edukattivi, it-Timijiet tal-Maniġment tal-Iskejjel u membri oħra jorganizzaw attivitajiet li jittrattaw prattiki tajbin għall-membri tal-istaff fl-iskejjel li jaqgħu taħt l-awtorità tagħhom sabiex tixtered l-idea ta' prattika tajba.

Għaldaqstant kull *feedback* li jasal mill-iskejjel, inkluż dak li jirriżulta mill-assessjar, għandu jirrifletti l-għanijiet aktar wesgħin tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet fuq il-Garanzija tal-Kwalità mhux ser iħallu impatt awtomatiku fuq l-effiċjenza tal-iskejjel. L-iskejjel jeħtieġu aktar minn informazzjoni fuq l-effiċjenza tagħhom – jeħtieġu wkoll gwida fuq kif jitjiebu u sapport, filwaqt li jaħdmu għal dan it-titjib. L-għan aħħari tal-proċeduri għall-garanzija tal-kwalità għandhom ikunu li joffru lill-iskejjel l-istrateġiji ta' evalwazzjoni xierqa, koerenti u komprensivi li jħallu impatt pożittiv fuq it-tim tat-tmexxija tal-iskola u fuq il-kwalità tat-tagħlim.

## B. METODOLOĠIJI TA' ASSESSJAR INKLUSSIV

Sabiex klassijiet mimlija ħajja u differenti jirnexxu, filwaqt li juru potenzjal ta' tagħlim, l-edukaturi għandhom jassiguraw li l-assessjar fil-klassi jkun ġust u inklussiv, li jippermetti lill-istudenti kollha juru xi jkunu kisbu u kif qed jipprogredixxu. L-edukaturi għandhom jassiguraw li l-assessjar jilħaq il-bżonnijiet tal-istudenti kollha billi jipprovdu lill-istudenti kollha bis-sapport xieraq, jużaw firxa ta' metodi ta' assessjar u għażliet u, permezz ta' dawn, joffru l-aqwa ċans ta' suċċess lill-istudenti kollha. Dan ifisser li għandhom jużaw informazzjoni fuq l-effiċjenza u l-assessjar minn varjetà ta' sorsi sabiex isir monitoraġġ tal-progress u jsiru jafu x'għandu jsir fil-vjaġġ tat-tagħlim.

L-edukaturi għandhom ikunu konxji, filwaqt li jaħdmu skont l-oqfsa leġislattivi relevanti, li jagħtu sapport lil dawk l-istudenti li jesperjenzaw limitazzjonijiet fit-tagħlim. Il-limitazzjonijiet jistgħu jkunu riżultat ta' ċirkostanzi familjari, diżabiltà jew bżonnijiet ta' saħħa u fatturi soċjali jew emozzjonali. Fejn ikun hemm dawn il-limitazzjonijiet, l-istudenti għandhom jingħataw sapport addizzjonali sa mill-istadju l-aktar bikri possibbli – mill-iskola, mill-awtoritajiet edukattivi u/jew mill-Istat. L-istrateġiji tal-assessjar ikunu effettivi meta l-edukaturi jużaw firxa ta' approċċi ta' assessjar flessibbli biex jiġu identifikati l-ħiliet, it-tagħlim u s-sapport meħtieġ għal dawk l-istudenti vulnerabbli, mhux interessati, u li huma diffiċli biex jirrilataw magħhom fil-klassijiet tagħhom.

**Is-sapport lil studenti vulnerabbli**

Li jingħata sapport lil studenti vulnerabbli jista' jfisser li jintużaw mezzi ta' ppjanar bħal proġetti ta' tagħlim personali jew proġetti ta' sapport ikkoordinati minn numru ta' aġenziji. L-edukaturi għandhom ipoġġu lill-istudenti bħala ċ-ċentru sabiex jassiguraw li l-istudenti kollha bi bżonnijiet addizzjonali jew differenti jistgħu jiksbu riżultati edukattivi pożittivi u sostenibbli.

L-għalliema fil-klassi joħolqu u huma responsabbli tal-ambjent tat-tagħlim fejn l-istudenti ser jitgħallmu s-suġġett tagħhom. Dan ifisser li għandhom jikkonsidraw b'mod attiv il-bżonnijiet differenti li ser jaffaċċjaw. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw jekk ir-repertorju tal-approċċi tat-tagħlim li ser jużaw hux ser jilħaq l-għanijiet u l-iskopijiet tal-LOF li jkunu aċċessibbli għall-istudenti kollha.

L-inklużjoni tfisser ukoll li tkun inkluż fil-prattika tal-klassi. It-tagħlim huwa kkunsidrat bħal funzjoni ta' parteċipazzjoni (Wenger, 1998). Il-parteċipazzjoni hija proċess attiv li tinvolvi lill-persuna kollha u tgħaqqad "l-għemil, il-taħdit, il-ħsieb, is-sentimenti u l-appartenenza" (Wenger, 1998, p. 56).

**L-ippjanar għat-tagħlim inklussiv jikkonsisti fi:**

- ġbir ta' informazzjoni dwar l-istudenti għal ippjanar aħjar,
- addattament tal-għanijiet u l-prattika għall-istudenti b'diffikultajiet fit-tagħlim,
- ippjanar ta' attivitajiet addattati – l-edukatur ikollu repertorju ta' riżorsi u strateġiji li jirrispondu għall-bżonnijiet individwali tal-istudenti,
- strateġiji ta' tagħlim li jindirizzaw il-ħtiġijiet differenti tal-istudenti, li b'hekk jippromwovu t-tagħlim inklussiv.
- inkorporazzjoni ta' ħafna opportunitajiet biex jinkoraġġixxu attivitajiet, applikazzjonijiet u r-raġunamenti prattiċi biex ikun iffaċilitat il-fehim.
- komunikazzjoni effettiva, li twassal għal għarfien ta' stil ta' ħsieb u tagħlim, u għarfien tal-limitazzjonijiet bħall-ħiliet fil-lingwi (li jmorru lil hinn mill-abbiltà li jaqraw il-kliem iżda l-abbiltà li jifhmu l-Matematika), memorja qasira ħażina jew ħidma aktar kajmana.

Addattat minn *The Trouble with Maths: A Practical Guide to Helping Learners with Numeracy Difficulties, Chinn* (2011)

Filwaqt li l-iskejjel għandhom jikkonsidraw liema approċċi ser ikunu l-aktar effettivi fl-għajnuna biex jiġu eliminati l-limitazzjonijiet għat-tagħlim li huma riżultat ta' ċirkostanzi soċjali u emozzjonali inkluż, pereżempju, imġiba diffiċli, l-edukaturi għandhom jikkonsidraw kif dawn il-policies li jaffettwaw lill-iskola kollha ser jiġu atwati b'mod prattiku fil-klassi.

L-ippjanar tal-assessjar u l-approċċi li ser jintużaw (kif ukoll l-istrumenti u l-metodi użati) għandhom jassiguraw li l-istudenti kollha jkollhom opportunità ndaqs li juru xi jkunu tgħallmu u x'kapaċi jagħmlu. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw ukoll 'x'aġġustament raġonevoli' għandu jkun hemm għall-approċċi tal-assessjar ta' studenti b'diżabbiltà fl-assessjar tal-abbiltà. Dan jista' jinkludi l-użu proprju ta' teknoloġiji ta' assistenza. Ladarba l-prattika ta' assessjar tajjeb hija l-fattur ewlieni fit-tagħlim, l-approċċi li jintużaw sabiex jassessjaw il-progress tal-istudenti fuq bażi individwali għandhom ikunu kemm jista' jkun konsistenti ma' dawk li jintużaw fit-tagħlim innifsu.

Il-prinċipju ta' sekwenza ta' kisbiet għandu jkun tali li jippermetti lill-istudenti jagħżlu l-aħjar triq li tippermettilhom li jilħqu l-massimu tal-potenzjal tagħhom – irrispettivament jekk humiex studenti tajbin ħafna, għandhomx ħiliet medji, bażiċi u/jew diżabbiltà. F'dan ir-rigward, l-NCF fittex li jistabbilixxi qafas li jassigura li, fejn hu possibbli, l-ebda student ma jispiċċa vittma ta' sistema edukattiva li mhijiex kapaċi tidentifika dawk l-istudenti li jeħtieġu inkoraġġiment u gwida. Importanti wkoll li l-NCF jippermetti l-introduzzjoni ta' toroq differenti li verament jippermettu lill-istudenti jiżviluppaw l-abbiltajiet tagħhom bl-aħjar mod possibbli għalihom.

Addattat minn *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012:5)

## Ċ. MODI TA' ASSESSJAR TA' MIN JOQGĦOD FUQHOM U VALIDI

L-assessjar ser jinvolvi l-ippjanar ta' interazzjonijiet għolja mal-istudenti u ser ikun ibbażat fuq mistoqsijiet ta' ħsieb u li jidħlu fil-fond meħuda mill-SLOs u ddisinjat li jassigura kemm il-kisbiet mit-tagħlim ikunu ntlaħqu. L-istudenti jkollhom idea ċara fuq it-tip u l-kwalità tax-xogħol mistenni sabiex jilħqu b'suċċess l-SLOs. Il-metodi ta' assessjar li jintużaw għandhom jirriflettu n-natura ta' x'qed jiġi assessjat.

Fil-perijodi ta' bejn l-assessjar formali, l-istudenti individwali għandhom ikunu mħeġġa biex jitolbu u għalhekk jingħataw *feedback* ta' spiss fuq il-kwalità ta' xogħlhom li huma jistgħu jifhmu, jirriflettu u jistaqsu mistoqsijiet fuqu. L-edukaturi għandhom ifittxu li jħeġġu lill-istudenti jieħdu sehem b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar ix-xogħol u l-progress tagħhom, filwaqt li jissuġġerixxu x'jistgħu jagħmlu biex itejbu r-riżultat tagħhom.

L-edukaturi għandhom jagħtu s-setgħa lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet biex jevalwaw ix-xogħol tagħhom u ta' sħabhom skont l-SLOs, filwaqt li jħeġġuhom jiżviluppaw apprezzament tal-bżonnijiet tagħhom tat-tagħlim, kemm qed jipprogredixxu sabiex jilħqu l-istandard elenkat fl-SLOs, u t-tipi ta' azzjonijiet li jeħtieġ li jieħdu sabiex itejbu l-progress tagħhom.

L-SLOs inkitbu b'mod li huma ddisinjati li jassiguraw li l-ħiliet tat-tagħlim ikunu ċari. Jintużaw ukoll bħala ankra għal kull tip ta' attività ta' assessjar marbuta magħhom billi jiddefinixxu t-tagħlim li hu maħsub għall-attività tal-assessjar u jeliminaw b'mod ċar dak li mhux maħsub jiġi assessjat. Dawn jagħmlu l-proċess tal-assessjar u l-kisbiet tal-assessjar aktar trasparenti għall-istudenti. Xi drabi l- SLOs jinvolvu livell ieħor ta' dettall mogħti permezz tal-eżempji, sabiex juru n-natura tal-isfida fi ħdan l-SLO jew permezz ta' dikjarazzjoni ċara ta' xi jrid ikun inkluż bħala l-minimu fl-indirizz tat-tagħlim marbut mal-SLO partikolari.

Fejn ikun hemm għoti ta' eżempji, l-eżempju mogħti huwa ddisinjat bħala indikazzjoni tal-livell ta' diffikultà jew l-isfida mistennija fl-SLO. L-eżempju jżid aktar il-livell ta' dettall u ċarezza sabiex l-edukaturi jkunu jafu xi standard iridu jilħqu l-istudenti.

L-eżempji li ġejjin huma meħuda mill-SLOs tal-PSCD:

- Naf x'għandi speċjali: abbiltajiet, talenti, interessi, it-tajjeb u n-nuqqasijiet, *eż. sens ta' kunfidenza meta nagħti opinjoni fuq suġġetti importanti, nidentifika n-nuqqasijiet filwaqt li naf li nista' naħdem fuqhom sabiex intejjibhom.*
  Meħuda minn Livell 6, Enfasi tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali.

- Kapaċi nispjega kif meta nagħmel l-almu tiegħi f'setturi varji tal-ħajja jtejjeb l-istima tiegħi nnifsi, *eż. nifhem li l-istima fil-persuna nnifisha tista' tkun marbuta ma' setturi varji fil-ħajja ta' persuna.*
  Meħuda minn Livell 9, Enfasi tas-Suġġett: L-Iżvilupp tal-identità personali u l-għarfien intrapersonali.

Fiż-żewġ eżempji t'hawn fuq, kull SLO għandu dettalji addizzjonali dwar it-tip ta' evidenza meħtieġa. Il-mistoqsija immedjata li jeħtieġ issir hija dwar is-suffiċjenza. Kemm hu biżżejjed? Kemm-il darba jeħtieġ li l-istudent jagħmilha din?

Dak li għandu jistabbilixxi l-assessjar huwa jekk l-istudenti laħqux l-istandard tal-SLO. L-istudenti kapaċi jagħmlu dak li qed isemmi l-SLO? Kapaċi juru l-abbiltà li tissemma' fl-SLO u kapaċi jagħmluha fuq bażi ta' rutina, b'kunfidenza u b'kumdità? Hawnhekk il-ġudizzju professjonali tal-edukaturi u l-fehim professjonali ta' x'jagħmel is-suċċess huwa xi ħaġa importanti.

L-istandard tal-assessjar mhux bilfors dak li jissemma fl-SLO. L-istandard huwa l-interpretazzjoni applikata b'mod konsistenti u bi qbil ta' xi tfisser li l-istudenti jilħqu kisbiet aċċettabbli b'rabta mal-SLO. Sabiex jintlaħaq dan il-ġudizzju, l-edukaturi jeħtieġu li jaħdmu bejniethom sabiex jaqblu fuq xi jfissru li jinkisbu l-ħiliet f'kull livell (eż. Livell 8), fil-livell tal-Aspett tas-Suġġett fi ħdan livell partikolari, u l-livell tal-SLO kemm-il darba dan ma jidhirx immedjatament u jista' jkun hemm każ ta' ambigwità jew interpretazzjoni.

L-assessjar fi ħdan l-LOFs jeħtieġ li jkun suġġett għal proċeduri ta' garanzija tal-kwalità robusti li huma ddisinjati biex iżidu l-kunfidenza fil-ġudizzji tal-assessjar fost l-għalliema filwaqt li jassiguraw lill-ġenituri, kustodji u persuni/gruppi oħra interessati li l-istudenti kollha ser jirċievu rikonoxximent xieraq għall-ħiliet miksuba konformi mal-istandards nazzjonali miftehmin u li l-istudenti qed jagħmlu l-progress xieraq b'rabta ma' dak li hu mistenni minnhom.

Fejn l-assessjar għandu rwol importanti ħafna għall-kwalifiki u ċ-ċertifikazzjoni esterna, jeħtieġ li jkun hemm protezzjoni partikolari sabiex ikun hemm garanzija ta' ġustizzja fost iż-żgħażagħ kollha, u l-ġenituri u l-kustodji, l-MCAST, l-Università ta' Malta u min iħaddem jingħataw iċ-ċertezza li s-sistema hija waħda b'saħħitha. F'dan il-każ il-MATSEC għandu jipprovdi pjanijiet ċari ta' assessjar għal Livelli 9 u 10 billi joħroġ bilanċ dettaljat bejn proċeduri ta' assessjar estern u intern kif ukoll garanzija tal-kwalità.

Hekk kif l-istudenti jilħqu punti ta' tranżizzjoni (pereżempju, minn Livell għal ieħor) huwa importanti li jkun hemm assessjar rigoruż u b'saħħtu u marbut mal-proċeduri ta' garanzija ta' kwalità li hemm fis-seħħ sabiex ikun assigurat li s-sistema hija waħda ta' min joqgħod fuqha għall-iskambju ta' informazzjoni fuq il-progress u r-riżultati. Għal darb'oħra, il-MATSEC u/jew id-DQSE ser ikun responsabbli li jipproduċi dokumentazzjoni dettaljata li toffri gwida fuq il-politika u l-proċeduri għal kwalunkwe każ ta' assessjar ta' tranżizzjoni li jinvolvu assessjar importanti ħafna jew estern.

# D. L-ASSESSJAR TAT-TEMI KROSSKURRIKULARI

Is-CCTs infilsati fl-SLOs huma biss għal skop ta' gwida. Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-għalliema jista' jkollhom ideat oħra ta' fejn, meta u kif jinfilsaw aspetti partikolari tas-CCTs.

Is-simbolu tas-CCT infilsat fl-SLOs ikollu warajh sottotitlu mis-CCT. Dan jindika s-settur partikolari ta' kontenut li huwa l-aktar approprjat li jiġi infilsat fit-tagħlim tal-SLO.

Il-gwida fuq is-CCTs tiddeskrivi wkoll kif is-CCTs jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' għażla ta' pedagoġija jew stil ta' tagħlim, attivitajiet fil-klassi jew approċċi għat-tagħlim. Xi wħud jistgħu jiġu indirizzati wkoll permezz tal-introduzzjoni ta' attivitajiet immirati lejn l-iskola kollha jew grupp partikolari li jsaħħaħ il-kurrikulu jew l-addozzjoni ta' settijiet partikolari ta' mġiba fi ħdan l-iskola. Il-flessibilità u l-libertà li wieħed jiddeċiedi fuq il-metodi u l-għażla tal-metodi, l-opportunitajiet u l-aspetti tas-CCTs, meta, fejn u kif ser jiġu indirizzati hija purament waħda suġġettiva. L-għan hu li jkun assigurat li l-istudenti, matul il-vjaġġ tagħhom ta' tagħlim permezz tal-LOF, jiġu f'kuntatt mat-tagħlim ewlieni marbut mas-CCTs kollha permezz ta' modi li għandhom tifsira speċjali u li jagħmlu sens. Ir-rwol tas-CCTs huwa li jiġġeneraw żgħażagħ li kapaċi jitgħallmu, jaddattaw ruħhom, u mħeġġa b'ħiliet b'saħħithom u li kapaċi jużawhom f'okkażjonijiet partikolari, ħiliet li l-pajjiż jeħtieġ biex jibqa' pajjiż responsabbli, inklussiv, kompetittiv u produttiv. Dan għandna nżommuh f'moħħna meta qed inħarsu lejn l-implimentazzjoni sħiħa u l-infilsar tas-CCTs fil-kurrikula.

Dan l-approċċ miftuħ u flessibbli ta' fejn, meta u kif ser jiġu indirizzati s-CCTs huwa wieħed ta' sfida meta tiġi biex tippreskrivi l-approċċi tal-assessjar. Filwaqt li n-nuqqas ta' uniformità u konsistenza fuq meta, fejn u kif ser jiġu infilsati s-CCTs fl-LOF u f'kull aspett tas-suġġetti hija xi ħaġa attraenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-flessibilità tat-tagħlim, dan joffri wkoll sfida fl-assessjar f'dak li għandu x'jaqsam ma' standardizzazzjoni.

Il-gwida fuq l-assessjar tas-CCTs sempliċement qiegħda hemm biex tassigura li:

- l-impatt fuq l-istrateġiji tal-*embedding* addottati fil-klassi, fuq livell dipartimentali u mill-iskola jkunu magħrufa u mifhuma f'dak li għandu x'jaqsam ma' x'ġie mgħallem;
- ikun hemm komunikazzjoni bejn l-iskejjel, it-tutors u l-għalliema fil-klassi fuq il-progress tal-istudenti fuq x'ġie kopert u l-kisba tal-kontenut tas-CCT;
- l-istudenti jesperjenzaw is-sitt CCTs bi frekwneza, sens u dettall biżżejjed li jippermettulhom jilħqu l-kompetenzi ewlenin u għaldaqstant jibbenefikaw minn tagħlim u ħiliet ġodda li jiġu introdotti permezz ta' kull CCT.

F'kull suġġett, l-edukaturi jistgħu jsibuha l-aktar ta' benefiċċju meta jaħdmu ma' edukaturi oħra sabiex jiddeterminaw l-aħjar opportunitajiet li joffru s-CCT, billi joħolqu grupp ta' sapport li jaqsam flimkien l-iżvilupp ta' riżorsi u li jgħin sabiex jinħoloq approċċ konsisteni għat-tagħlim u l-assessjar f'dak li għandu x'jaqsam ma' *embedding* tas-CCTs.

Permezz ta' dan il-grupp ta' sapport wieħed jista' jipprova:

- jaqbel fuq l-approċċi tat-tagħlim li joqogħdu l-aktar għal CCTs partikolari;
- jaqsam ideat u riżorsi;
- jiżviluppa approċċi li jibbażaw fuq proġett għat-tagħlim tal-SLO li huma msaħħa permezz tal-inklużjoni tas-CCT;
- jistandardizza proċeduri ta' assessjar marbuta mas-CCTs.

# E. IR-RAPPURTAR TAL-PROGRESS

## Ir-rappurtar fuq l-istudenti għall-ġenituri/il-kustodji tagħhom

Ir-rappurtar fuq it-tagħlim u l-progress għandu joffri lill-istudenti, lill-ġenituri, lill-kustodji tagħhom u lill-għalliema idea fuq l-aspettattivi tat-tagħlim li ġew issettjati, kif qed jipprogredixxu l-istudenti b'rabta ma' dawn l-aspettattivi, u kif l-istudenti jistgħu jagħmlu dak li għandu bżonn isir sabiex ikun assigurat li jkun hemm progress u titjib huma u javvanzaw fit-tagħlim tagħhom. Ir-rappurtar għandu jkun dejjem wieħed kostruttiv, li jagħti idea kif ukoll jintuża biex jistimola diskussjoni li tagħmel sens bejn l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri jew il-kustodji tagħhom. Fl-istess ħin, għandu jirrifletti fuq ir-riżultati miksuba u fl-istess ħin iħares 'il quddiem għat-titjib li jista' jkun hemm.

L-LOF joffri flessibiltà lill-iskejjel lokali li jiddeċiedu fuq kif inhu l-aħjar mod li jirrapportaw l-informazzjoni fuq il-progress tal-istudenti, ir-riżultati u x'passi jmiss bħala parti mill-aspettattivi nazzjonali ssettjati. Kemm isir frekwenti u b'liema mod isir dan it-tip ta' rappurtar hija wkoll deċiżjoni li għandha tittieħed mill-iskejjel u mill-kulleġġi.

### L-aspettattivi nazzjonali għar-rappurtar

Ir-rappurtar ser jipprovdi lill-istudenti, lill-ġenituri u l-kustodji tagħhom bl-informazzjoni fuq il-progress u r-riżultati f'kull suġġett li jinkludi:

- *feedback* kostruttiv, li jagħti informazzjoni u ċar matul l-esperjenza tat-tagħlim;
- *feedback* fuq il-ħiliet partikolari tal-istudenti, punti għall-iżvilupp u r-riżultati miksuba;
- *feedback* fuq partijiet differenti tal-kurrikulu;
- is-sapport partikolari li għandhom bżonn l-istudenti biex jipprogredixxu;
- l-attitudni tal-istudenti lejn it-tagħlim;
- kemm id-dar tilgħab rwol importanti fis-sapport tal-proċess tat-tagħlim;
- opportunità li jinstema' l-leħen tal-istudenti;
- opportunità għall-ġenituri/il-kustodji tal-istudenti li jirrispondu direttament għall-*feedback* mogħti.

Huwa importanti li l-istruttura tar-rappurtar użata tkun waħda li tista' titħaddem mill-għalliema.

Ir-rappurtar huwa mibni fuq il-progress tal-assessjar, u hemm bżonn li jkun hemm bilanċ bejn kemm isir ta' sikwit l-assessjar tal-progress, kemm jiġi rrekordjat ta' spiss, u kemm dan l-istess progress jiġi mgħoddi lill-istudenti u lill-ġenituri/lill-kustodji tagħhom. Il-ħtiġijiet tar-rappurtar taż-żewġ gruppi huma differenti:

- L-istudenti għandhom jirċievu l-*feedback* fuq il-progress fuq bażi kontinwa bħala parti minn rutina tal-progress tat-tagħlim u l-assessjar. L-użu tal-assessjar formattiv (magħruf ukoll bħala Assessjar għat-Tagħlim) għandu jkun parti minn rutina ta' strateġija tal-assessjar. Dan jagħmel dan it-tip ta' rappurtar wieħed frekwenti u kontinwu.
- Il-ġenituri u l-kustodji tal-istudenti għandhom ikunu infurmati bil-progress tat-tfal tagħhom matul aspetti ewlenin fil-proċess tat-tagħlim fejn għandu jingħata *feedback* fuq ir-riżultati miksuba u fl-istess ħin ikun hemm lok għal diskussjoni bejn id-dar u l-iskola fuq il-progress u t-titjib li jista' jkollhom l-istudenti. Dan kollu jagħmel ir-rappurtar ħafna anqas ta' spiss iżda wieħed rikorrenti. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kisba ta' ħiliet f'livell partikolari għandha tiġi rrappurtata kull darba li jintlaħaq il-livell.

### Il-proċess tar-rappurtar

Huwa importanti li jiġi ssettjat proċess li permezz tiegħu l-istudenti jkollhom sens ta' pussess ta' dak li qed jiġi rrappurtat. L-edukaturi għandhom jikkonsidraw il-ħidma mal-istudenti sabiex jiddeterminaw liema evidenza għandhom jaħdmu fuqha sabiex isir sommarju tat-tagħlim u l-progress għal skop ta' rappurtar. Dan iwassal għal riflessjoni u djalogu fuq it-tagħlim tagħhom u għandu jintuża bħala opportunità li tgħin lill-istudenti jieħdu sehem b'mod aktar attiv u bis-sens fid-diskussjoni fuq it-tagħlim tagħhom. Dan it-tip ta' djalogu mhux ser jillimita jew iħalli effett fuq il-ġudizzji professjonali tal-għalliema iżda ser joffri xi ideat fuq il-viżjoni tal-istudenti filwaqt li jgħinhom jifhmu aktar l-impatt fuq l-istrateġiji tagħhom tat-tagħlim.

Permezz tal-LOF jista' jsir rappurtar tal-progress fi ħdan is-suġġett f'livelli differenti b'mod dettaljat. Kull suġġett jiġi maqsum f'livelli, li jinkludu l-Aspetti tas-Suġġett, u kull Aspett tas-Suġġett jerġa' jinqasam f'SLOs. Filwaqt li l-SLOs jidentifikaw il-kisbiet mit-tagħlim b'mod espliċitu, huwa importanti li jiġi stabbilit x'għandhom ikunu jafu l-istudenti, il-ġenituri/il-kustodji fuq il-progress b'rabta mal-SLOs u kif jista' jkun maqsum, kemm ta' spiss u meta. Qabel xejn l-edukaturi għandhom jisseparaw il-bżonnijiet tar-rappurtar intern biex tinħoloq stampa tal-progress tal-istudenti, sabiex dawn jistgħu jinqasmu ma' għalliema oħra huma u jipprogredixxu f'suġġetti oħra, sabiex jinħoloq *benchmark* tal-progress b'mod aktar wiesa'. L-udjenzi differenti jeħtieġu dettall differenti fuq il-progress tal-istudenti.

L-iskola u-dipartiment relevanti għandhom jissettjaw politika fuq kif ser isir ir-rappurtar.

### Rappurtar intern

Sabiex jiġu massimizzati l-opportunitajiet li joħolqu l-LOFs f'terminu ta' flessibiltà u libertà sabiex l-istudenti jiġu megħjuna jipprogredixxu fl-aspettattivi tat-tagħlim, l-għalliema għandhom japprezzaw b'mod dettaljat dawk il-ħiliet li jkunu diġà kisbu l-istudenti u kif dawn jorbtu mal-aspettattivi tat-tagħlim li l-għalliema huma responsabbli li jgħallmu. L-għalliema li jiġu wara wkoll ser jistennew valutazzjoni tal-andament tal-istudenti. Huwa importanti li jiġi stabbilit, permezz ta' diskussjoni mal-kollegi, kif l-aħjar li titmexxa din il-komunikazzjoni interna u r-rappurtar bil-għan li jkun assigurat bilanċ bejn x'inhu ta' għajnuna fil-proċess ta' tranżizzjoni u x'mhux faċli, maniġibbli u jrid sforz kbir biex iseħħ.

Huwa importanti li wieħed jiftakar li d-dettall li jiġi ġġenerat fuq l-andament tal-individwu mhux bilfors għandu l-għan li jippromwovi programm ta' tagħlim individwali għal kull student/a. Iżda dan ser ikun hemm biex jiffaċilita approċċ aktar favorevoli għad-disinn tal-kurrikulu u għażla aktar xierqa fl-istrateġiji tat-tagħlim u l-għażla tar-riżorsi fi klassi.

Il-progress tal-istudenti permezz tal-LOF, minn livell għal ieħor, minn sena għal oħra u minn klassi għal oħra, isir b'rati differenti. Dan joffri sfidi jekk it-tagħlim għandu jibqa' fluwidu u kontinwu u fl-istess ħin mingħajr interruzzjoni fil-progress. Għaldaqstant, l-Aspetti tas-Suġġett u l-SLOs jippermettu lill-għalliema joħolqu profil tal-progress u r-riżultati filwaqt li jwasslu l-progress b'mod regolari, li juru fejn jinsabu l-istudenti b'rabta mal-aspettattivi kollha ta' livell partikolari, li jindikaw ukoll meta jkun hemm riżultati ogħla mil-livell partikolari. L-iskola tingħata l-flesibilità li tiddeċiedi kif ser tikkomunika bl-aħjar mod il-progress tal-istudenti fi ħdan l-iskola bejn dawk responsabbli mit-tagħlim u l-progress tagħhom. Fi ħdan it-tim tal-persuni li jgħallmu s-suġġett huwa importanti li jiġi identifikat approċċ li huwa funzjonali u ċar fi ħdan is-suġġett u li fl-aħħar mill-aħħar jimmassimizza l-ħila li l-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim tas-Suġġett juri l-progress b'mod dettaljat u b'mod personalizzat fejn l-istudent huwa ċ-ċentru ta' kollox.

Għalkemm Miksub/Mhux Miksub tingħadd bħala *feedback* ċar, madankollu dan ma jurix kemm fadlilhom l-istudenti biex jilħqu l-livell mistenni fl-SLO. L-edukaturi jistgħu jsibuha utli li jużaw metodu aħjar minn dak binarju biex jirrappurtaw il-kisbiet tat-tagħlim. Li tingħata aktar informazzjoni fuq kif marru l-istudenti b'rabta ma' livell partikolari tgħin tinħoloq diskussjoni fuq fejn jista' jkun hemm sfidi partikolari fit-tagħlim jew fejn l-istudenti jkunu għadhom kif bdew it-tagħlim tagħhom marbut ma' Kisbiet partikolari mit-Tagħlim.

Rappurtar mibni fuq l-evidenza għandu jieħu minn numru ta' sorsi, inkluż assessjar formali u informali, u l-edukaturi jistgħu japplikaw il-ġudizzju professjonali tagħhom fuq biżżejjed evidenza li hi wkoll robusta u li tippermettilhom jirrapportaw b'kunfidenza fuq il-progress li sar fuq tagħlim partikolari. L-assessjar formali summattiv għandu jkun suġġett għal disinn u żvilupp kollaborattiv u jinkludi fih ammont ta' garanzija ta' kwalità u moderazzjoni li tassigura li dak li jiġi rrappurtat jiddaħħal f'*benchmark* meta mqabbel mal-istandard nazzjonali.

**Kif isir dan f'pajjiżi oħra**

Il-Curriculum for Excellence Skoċċiż jorbot il-progress mal-aspettattivi tat-tagħlim bħala ħiliet li qed jiżviluppaw, jiġu kkonsolidati jew assigurati. Dawn mhumiex kategoriji riġidi iżda punti li juru fejn l-istudenti waslu b'rabta mal-aspettattivi partikolari.

Tipikament, student li beda jaħdem fuq livell jew settur ġdid u qed jipprogredixxi f'numru ta' kisbiet ikun fi stadju ta' Żvilupp.

Ladarba l-istudent jikseb numru ta' Aspetti tas-Suġġett, ikun jista' japplika t-tagħlim f'sitwazzjonijiet familjari, qed jibda juri aktar kunfidenza billi jieħu sehem f'tagħlim li joffri aktar sfida, u qed jibda jittrasferixxi t-tagħlim tiegħu lejn kuntesti anqas familjari, ikun qed jieħu sehem fi proċess ta' Konsolidazzjoni.

Ladarba jinkisbu l-ħiliet fl-Aspetti tas-Suġġett, jinżammu r-riżultati u jkun hemm rata konsistenti ta' kisbiet tal-livell, l-istudenti jingħataw xogħol li joffri sfida akbar, u jittrasferixxu t-tagħlim tagħhom b'mod kunfidenti filwaqt li japplikawh għal sitwazzjonijiet ġodda u mhux familjari, il-pożizzjoni tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspettattivi hija meqjusa bħala waħda Sikura.

Addattat minn *Building the Curriculum 5, A Framework for Assessment: Reporting,* The Scottish Government (2010)

# Ir-Referenzi

Chinn, S. J., 2011. *The Trouble with Maths: A Practical Guide to Helping Learners with Numeracy Difficulties*. 2nd ed. Abbingdon: Routledge.

European Commission., 2006. *Key Competencies for Lifelong Learning - European Reference Framework*. Luxembourg: Publications Office of the European Union.

European Commission/EACEA/Eurydice., 2012. *Developing Key Competences at School in Europe: Challenges and Opportunities for Policy. Eurydice Report.* Luxembourg: Publications Office of the European Union.

European Commission/EACEA/Eurydice., 2015. *The Teaching Profession in Europe: Practices, Perceptions, and Policies*. Eurydice Report. Luxembourg: Publications Office of the European Union.

European Commission/EACEA/Eurydice., 2015a. *Assuring Quality in Education: Policies and Approaches to School Evaluation in Europe*. Eurydice Report. Luxembourg: Publications Office of the European Union.

Hilberg, R.S., Chang, J.M. u Epaloose, G., 2003. *Designing Effective Activity Centers for Diverse Learners: A Guide for Educators At All Grade Levels and for all Subject Areas.* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <http://manoa.hawaii.edu/coe/crede/wp-content/uploads/ Hilberg_et_al_20031.pdf> [Aċċessat fit-12 ta' Awwissu 2015].

Jenkins, D., 2015. *Can I describe the impact of kindness?* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <https://www.tes.com/article.aspx?storycode=11007366> [Aċċessat fit-28 ta' Awwissu 2015].

Lam, R., 2015. Assessment as learning: examining a cycle of teaching, learning, and assessment of writing in the portfolio-based classroom. *Studies in Higher Education*. [e-journal] 01 (2015) Jista' jinkiseb minn: <http://dx.doi.org/10.1080/03075079.2014.999317> [Aċċessat fit-12 ta' Awwissu 2015].

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol., 2012. *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd*. [pdf] Jista' jinkiseb minn: < http://sacredheartmalta.org/wordpress/wp-content/uploads/2013/05/Il-Qafas-tal-Kurrikulu-Nazzjonali-g%C4%A7al-Kul%C4%A7add-2012.pdf > [Aċċessat fl-20 ta' Ġunju 2015].

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol., 2014. *L-Istrateġija Nazzjonali Tal-Litteriżmu Għal Kulħadd F'Malta u Għawdex 2014 – 2019*. [pdf] Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/en/Documents/Literacy/MALTI.pdf > [Aċċessat 2fit-3 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., n.d. *Substance abuse prevention and interventions in state schools.* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <https://education.gov.mt/en/resources/News/Documents/Substance%20Abuse%20Prevention%20Programmes.PDF > [Aċċessat fid-9 ta' Settembru 2015].

Ministry for Education and Employment., 2013. *Guidelines for Sexuality and Relationships Education in Maltese Schools*. [pdf] Jista' jinkiseb minn: < https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Policy%20Documents%20 2014/Guidelines%20on%20Sexuality%20booklet.pdf > [Aċċessat fid-9 ta' Settembru 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014. *Framework for the Education Strategy for Malta 2014 – 2024*. [Ktejjeb] Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/strategy/Documents/BOOKLET%20ESM%202014-2024%20ENG%2019-02.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014a. *Respect for All Framework* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/en/resources/News/Documents/Respect%20For%20All%20Document.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014b. *A Strategic Plan for the Prevention of Early School Leaving in Malta 2014*. [pdf] Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/ESL/Documents/School%20Leaving%20in%20Malta.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014c. *Education for All: Special Needs and Inclusive Education in Malta.* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <https://education.gov.mt/en/Documents/Special%20Needs%20and%20Inclusive%20 Education%20in%20Malta%20%C2%AD-%20External%20Audit%20Report.pdf > [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014d. *Addressing Attendance in School Policy* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/en/resources/news/documents/attendancy%20policy%20document.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2014e. *National Employment Policy* [pdf] Jista' jinkiseb minn: < http://education.gov.mt/employment/Documents/EMPLOYMENT%20POLICY%20DOC%20sml.pdf > [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Education and Employment., 2015. *Malta National Lifelong Learning Strategy 2020* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <https://education.gov.mt/en/Documents/Malta%20National%20Lifelong%20Learning%20Strategy%202020%20 -%20Draft%20for%20Public%20Consultation.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry of Education, Youth and Employment., 2007. *A career guidance policy and strategy for compulsory schooling in Malta.* [pdf] Jista' jinkiseb minn: <http://education.gov.mt/en/resources/documents/policy%20documents/career%20guidance.pdf> [Aċċessat fit-23 ta' Awwissu 2015].

Ministry for Health, Elderly and Community Care., 2011. *National Sexual Health Strategy.* Malta: Salesian Press.

Scottish Government., 2010. *Building the Curriculum 5, A Framework for Assessment: Reporting*. [pdf] Edinburgh: Scottish Government. Jista' jinkiseb minn: <https://www.educationscotland.gov.uk/Images/HowgoodisourschoolJtEpart3_tcm4-684258.pdf> [Aċċessat fit-30 ta' Lulju 2015].

Wenger, E., 1998. *Communities of Practice*. New York Cambridge University Press.

# L-Appendiċi

## Il-Litteriżmu Diġitali

Il-litteriżmu diġitali sar essenzjali għat-tagħlim u għall-ħajja. Apparti milli jidħol matul ħafna dixxiplini issa huwa kkunsidrat bħala dixxiplina fiha nfisha bħall-mużika, l-arti, ix-xjenza u l-letteratura. L-edukazzjoni tal-litteriżmu diġitali jfittex li jgħammar lill-istudenti bil-kompetenzi (l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet) fl-użu tat-teknoloġija diġitali meħtieġa biex jaċċessaw l-opportunitajiet ta' tagħlim, biex isegwu l-karriera magħżula u l-interessi waqt il-ħin liberu tagħhom, u biex jikkontribwixxu għas-soċjetà bħala ċittadini attivi. Huwa għandu wkoll l-għanijiet li jipprovdihom b'għarfien tal-prinċipji li jsostnu dawn it-teknoloġiji u fehim kritiku tal-implikazzjonijiet tat-teknoloġija diġitali għall-individwi u għas-soċjetajiet.

Studenti li huma diġitalment litterati jitgħallmu jkunu indipendenti, kunfidenti u utenti għaqlin tat-teknoloġija. Sussegwentement huma jiksbu u jiżviluppaw attitudnijiet kritiċi u analitiċi biex jagħżlu b'mod addattat l-għodod diġitali tajbin skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Il-litteriżmu diġitali jinkludi ħames kategoriji ta' kompetenzi diġitali, jiġifieri: L-Immaniġġjar tal-Informazzjoni, Il-Komunikazzjoni u l-Kollaborazzjoni, il-Midja Diġitali, l-Użu ta' Għodod Diġitali għat-Tagħlim, l-Immaniġġjar tal-Internet.

Il-kompetenza fl-immaniġġjar tal-informazzjoni tagħti lill-istudenti l-mezzi biex jaċċessaw, jevalwaw u janalizzaw u b'hekk jagħmlu għażliet informati minn firxa wiesgħa ta' sorsi ta' dejta u informazzjoni disponibbli. Il-kompetenzi relatati mal-Komunikazzjoni u l-Kollaborazzjoni jagħtu l-awtonomija lill-istudenti biex jitgħallmu jikkomunikaw, jikkollaboraw u jinnetwerkjaw mal-oħrajn. Il-kompetenzi fil-Midja Diġitali jippermettu lill-istudenti janalizzaw messaġġi mmedjati mill-midja diġitali u jesprimu lilhom infushom b'mod kreattiv matul firxa wiesgħa ta' midja diġitali.

Il-litteriżmu diġitali jinvolvi wkoll il-kompetenza fl-użu ta' għodod diġitali f'għadd ta' midja u b'mod ta' tagħlim differenti (awtonomu, kollaborattiv, esploratorju, iddisinjar).Studenti li huma diġitalment litterati jitgħallmu jkunu responsabbli u kompetenti fl-immaniġġjar tal-internet, iżommu lilhom infushom siguri onlajn, jagħmlu għażliet informati tal-privatezza, jieħdu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom, jirrispettaw il-propjetà intellettwali, jirrispettaw it-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistemi li jużaw, u jirrispettaw id-drittijiet u s-sentimenti tal-oħrajn. Fit-tagħlim tal-litteriżmu diġitali, l-għalliema għandhom ifittxu opportunitajiet ta' tagħlim li huma awtentiċi, sinifikanti u soċjalment inklużivi, u li jippermettu lill-istudenti japplikaw u jiżviluppaw il-ħiliet, l-għarfien u l-fehim tagħhom matul il-kurrikulu. Studenti li huma diġitalment litterati jkunu jistgħu jwettqu proġetti kreattivi u ta' sfida, individwalment u b'mod kollaborattiv li jkopru aspetti minn kategoriji ta' kompetenzi differenti.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### L-Immaniġġjar tal-Informazzjoni

- Kapaċi nidentifika u nartikula l-bżonnijiet tal-informazzjoni tiegħi.
- Kapaċi nsib, nagħżel, nuża u ngħaqqad informazzjoni minn firxa ta' sorsi.
- Kapaċi ninnaviga b'mod sigur u kritiku bejn sorsi onlajn u nagħżel l-informazzjoni b'mod effettiv.
- Kapaċi ninnaviga bejn sorsi onlajn u nagħżel l-informazzjoni b'mod effettiv.
- Kapaċi noħloq strateġiji ta' informazzjoni personali.

### Il-Komunikazzjoni

- Kapaċi nikkomunika permezz ta' għadd ta' tagħmir u applikazzjonijiet diġitali.
- Kapaċi naddatta l-modi u l-istrateġiji ta' komunikazzjoni tiegħi skont in-nies li qed nikkomunika magħhom.
- Kapaċi nuża għodod diġitali differenti biex naqsam l-għarfien, il-kontenut u r-riżorsi.
- Kapaċi ngħin lill-oħrajn jaqsmu l-għarfien, il-kontenut u r-riżorsi.
- Kapaċi nikkwota x-xogħol ta' ħaddieħor u nintegra informazzjoni ġdida f'għarfien li diġà jeżisti.
- Kapaċi ninvolvi ruħi  ma' komunitajiet onlajn b'mod effettiv.
- Kapaċi nuża t-teknoloġiji diġitali biex nieħu sehem f'ċittadinanza onlajn.

### Il-Kollaborazzjoni

- Kapaċi nuża t-teknoloġiji u l-midja biex naħdem f'timijiet u nikkollabora fit-tagħlim.
- Kapaċi nikkollabora mal-oħrajn u nibni u noħloq flimkien magħhom riżorsi, għarfien u tagħlim.
- Kapaċi niffunzjona tajjeb f'Komunitajiet ta' Prattiki li huma medjati diġitalment.

### L-Użu tal-Midja Diġitali

- Kapaċi nanalizza, nirrevedi u nevalwa l-informazzjoni ppreżentata f'għadd ta' midja diġitali.
- Kapaċi nifhem kif u għaliex il-messaġġi fil-midja diġitali huma mibnija u għal liema raġunijiet.
- Kapaċi neżamina kif individwi jinterpretaw messaġġi fil-midja diġitali b'modi differenti.
- Kapaċi nifhem kif valuri u opinjonijiet huma inklużi jew esklużi u kif il-midja diġitali tinfluwenza t-twemmin u l-imġiba.
- Kapaċi nifhem il-kwistjonijiet etiċi / legali li jeżistu dwar l-aċċess u l-użu tal-midja diġitali, inkluż id-drittijiet tal-awtur, il-pussess, il-liċenzjar u l-użu tal-kontenut u s-softwer tal-proprjetà.
- Kapaċi naħdem b'mod kreattiv matul firxa wiesgħa ta' midja diġitali u sistemi multipli biex nippreżenta informazzjoni b'mod effettiv lil udjenza speċifika.
- Kapaċi neditja u ntejjeb il-kontenut li diġà ħloqt jew li ħoloq ħaddieħor, billi nirrispetta u nirrikonoxxi d-drittijiet tal-awtur oriġinali.
- Kapaċi nesprimi lili nnifsi permezz ta' midja u teknoloġiji diġitali.

### L-Immaniġġjar tat-Tagħlim

- Kapaċi nuża għadd ta' għodod biex nimmaniġġja t-tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod u approċċi biex nikkollabora ma' ħaddieħor fit-tagħlim.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod biex nesplora ideat, teoriji, relazzjonijiet u proċeduri.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod biex nitgħallem billi niddisinja oġġetti diġitali.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod u approċċi biex nirrifletti fuq it-tagħlim.
- Kapaċi nuża għadd ta' għodod u approċċi biex nevalwa dak li tgħallimt.
- Kapaċi nibni u nassessja portafolli elettroniċi.
- Kapaċi naħdem fuq sistemi u pjattaformi multipli tal-immaniġġjar tal-eLearning.

### L-Immaniġġjar tal-Użu tal-Internet

- Kapaċi nifhem kif l-internet u l-*world wide web* jaħdmu, u kapaċi nużahom għall-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni.
- Jiena konxju/konxja ta', u nirrispetta, il-prinċipji tan-*netiquette*.
- Naf x'jikkostitwixxi l-plaġjariżmu.
- Kapaċi nipproteġi t-tagħmir tiegħi minn riskji u theddid onlajn.
- Kapaċi nipproteġi lili nnifsi minn perikli possibbli onlajn (pereżempju, l-ibbuljar fuq l-internet) billi nsegwi proċeduri addattati ta' privatezza u kunfidenzjalità.
- Kapaċi nikkunsidra l-implikazzjonijiet soċjali, kulturali, reliġjużi u etiċi tat-teknoloġija diġitali, u kapaċi b'kunfidenza nikkomunika, naqsam informazzjoni, naċċessa u niddistribwixxi kontenut mingħajr ma nikser id-drittijiet tal-propjetà intellettwali tan-nies.
- Jiena konxju/konxja mid-diversità kulturali onlajn.
- Kapaċi niżviluppa strateġiji attivi biex niskopri mġiba mhux addattata.
- Kapaċi noħloq, naddatta u nimmaniġġja identità diġitali multipla waħda jew aktar.
- Kapaċi nipproteġi r-reputazzjoni elettronika tiegħi.
- Kapaċi nimmaniġġja d-dejta li nipproduċi permezz ta' bosta kontijiet u applikazzjonijiet onlajn biex nevita riskji għas-saħħa relatati mal-użu tat-teknoloġija f'termini ta' theddid għall-benesseri fiżika u psikoloġika.
- Kapaċi nagħraf il-*Cloud Computing* bħala teknoloġija konverġenti li fuqha nista' naħdem u nissejvja l-materjal tiegħi.

# L-Edukazzjoni għad-Diversità

Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (NCF) jirrikonoxxi d-diversità kulturali ta' Malta u l-valuri, l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-poplu tagħha. Huwa jirrikonoxxi u jirrispetta d-differenzi individwali tas-sessi, il-kulur, l-oriġini etnika u soċjali, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, il-politika jew opinjonijiet oħra, l-appartenenza għal minorità nazzjonali, it-twelid, il-kapaċità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u l-post ġeografiku. Kurrikulu li jirrikonoxxi l-fatt li d-diversità hija karatteristika tas-soċjetà Maltija, kif inhija ta' nazzjonijiet madwar l-Ewropa u d-dinja, li tista' tikkontribwixxi għall-prosperità nazzjonali u l-koeżjoni soċjali.

Bħala stat membru tan-Nazzjonijiet Magħquda, Malta hija firmatarja tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem inkluż id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (1948), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (1950), il-Ftehim Internazzjonali tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966), Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966) u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-Tfal (1989). Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, Malta hija legalment marbuta bil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Dawn l-istrumenti jistabbilixxu standards internazzjonali u jimpenjaw lill-gvern u l-poplu ta' Malta għad-demokrazija u jirrikonoxxu li ċ-ċittadini u residenti oħra għandu jkollhom, u għandhom igawdu, id-drittijiet tal-bniedem mingħajr diskriminazzjoni.

Konsegwentement l-NCF għandu l-għan li jgħin lit-tfal jirrikonoxxu l-ġustizzja soċjali u s-solidarjetà bħala valuri ewlenin fl-iżvilupp tas-soċjetà Maltija u jinkoraġġixxi liż-żgħażagħ jirrispettaw il-valuri fundamentali demokratiċi u jippromwovu l-ġustizzja soċjali.

L-Edukazzjoni għad-Diversità tippromwovi kultura edukattiva inklużiva u tisfida proċessi edukattivi differenti bħat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-iskejjel, it-tagħlim tal-lingwi, il-metodoloġiji użati, l-interazzjoni tal-istudenti u riżorsi ta' tagħlim. L-Edukazzjoni għad-Diversità tiżgura l-inklużjoni ta' perspettivi multipli u ilħna fi ħdan l-ambjent tat-tagħlim, tipprovdi spazji għat-tagħlim fuq il-lingwi, l-istorja, it-tradizzjonijiet u l-kulturi ta' gruppi mhux dominanti f'soċjetà, tinkoraġġixxi ħidma f'timijiet u t-tagħlim koperattiv f'kuntesti multikulturali, multietniċi u oħrajn, tgħaqqad għarfien tradizzjonali u lokali u *know-how* flimkien max-xjenza u t-teknoloġija avvanzata u tgħożż il-prattiki tal-multilingwiżmu. Meta tagħmel dan, hija tkun qed tinkoraġġixxi fehim ta' kwistjonijiet globali u ħtieġa li ngħixu flimkien b'kulturi u valuri differenti.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### L-Għarfien Tiegħi Nnifsi

- Jiena persuna impenjata għad-demokrazija u nifhem li dan ifisser li niżgura li persuni li għandhom opinjonijiet u kulturi differenti jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jaħdmu flimkien għal soċjetà aħjar.
- Jiena għandi prinċipji u approċċ etiku għall-ħajja.
- Jiena impenjat/a għall-ġustizzja soċjali u soċjetà demokratika u inklużiva.
- Jiena nirrinvja l-ġudizzju tiegħi biex ikun imsejjes fuq bażi ġusta u razzjonali.
- Jiena nistinka biex insib bilanċ bejn id-drittijiet u d-doveri tiegħi u dawk tal-oħrajn.

### Il-Bidla Soċjali

- Jiena nirrispetta l-valuri demokratiċi fundamentali u naħdem biex nippromwovi l-ġustizzja soċjali.
- Nirrispetta l-konvinzjonijiet reliġjużi u umanistiċi differenti, il-morali u t-twemmin li jinformaw il-kunċetti ta' dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin.
- Jiena nagħraf inġustizzji u trattament preferenzjali f'sitwazzjonijiet fil-ħajja ta' kuljum, inkluż ir-razziżmu, is-sessiżmu u lingwaġġ u mġiba omofobika.
- Jiena nisfida l-espressjonijiet ta' preġudizzju u intolleranza lejn il-minoritajiet bħar-razziżmu, is-sessiżmu, u ismijiet, aneddoti u kummenti omofobiċi.
- Jiena nfittex id-drittijiet tiegħi u naġixxi fuq id-doveri tiegħi billi naf li sħabi l-istudenti u l-għalliema jibbenefikaw mill-istess drittijiet.
- Napprezza li l-kunċett tal-'identità' huwa kumpless u jinbidel u limitat bħala kunċett biex insir naf min jien u li l-idea tal-'identitajiet' huwa mod aktar b'saħħtu biex nifhem min jien u min huma l-oħrajn.
- Jiena nisma' u nwieġeb lill-għalliema u lil sħabi l-istudenti, u naċċetta li jista' jkollhom opinjonijiet differenti.

### Il-Komunikazzjoni għad-Diversità

- Kapaċi nikkomunika ma', naħdem ma', u nirrispetta lil sħabi l-istudenti, l-għalliema u l-adulti li jgħinu.
- Kapaċi nikkomunika ma' nies differenti biex nifhem kif aħna l-istess u biex nifhem lili nnifsi aħjar.
- Nistinka biex nikkomunika b'mod effettiv mal-oħrajn b'mod kostruttiv, b'appoġġ u b'awtodeterminazzjoni.
- Kapaċi nuża lingwaġġ effettiv biex nisfida l-inġustizzji u l-inugwaljanzi.
- Jiena napproċċa opinjonijiet differenti u kunflitti ta' interess permezz ta' djalogu, komunikazzjoni mhux vjolenti u konsensus; fejn dan ma jirnexxix, jiena lest/a u kapaċi nuża l-medjazzjoni.

# L-Edukazzjoni għall-Intraprenditorija, il-Kreattività u l-Innovazzjoni

Filwaqt li l-intraprenditorija, il-kreattività u l-innovazzjoni jistgħu potenzjalment jidhru bħala attributi diskreti, x'aktarx huwa aktar strateġiku jekk nikkunsidrawhom bħala karatteristiċi b'mod reċiproku ta' tisħiħ ta' għan aktar koeżiv u singulari: biex niżguraw li ċ-ċittadini futuri ta' Malta jkollhom il-mezzi biex jikkontribwixxu għall-prosperità sostenibbli tan-nazzjon f'kuntesti globali ekonomiċi u soċjali dejjem aktar kompetittivi. L-għanijiet jinkludu l-erba' oqsma ta' kompetenzi ewlenin ta' ħiliet personali u interpersonali, ħiliet prattiċi u konjittivi. Din il-viżjoni aktar strateġika tirrinforza l-ħtieġa għal approċċ għall-Intraprenditorija, l-Innovazzjoni u l-Kreattività li tinfiltra l-aspetti kollha tal-kurrikulu, filwaqt li jkunu mmarkati b'mod ċar biex jiżguraw li dak li huma intitolati għalih l-istudenti qed jintlaħaq u li l-kwalità tat-tagħlim fir-rigward ta' dawn it-temi tkun assigurata.

L-għanijiet ġenerali tal-edukazzjoni tal-intraprenditorija huma li jagħtu lill-istudenti l-attitudnijiet, l-għarfien u l-kapaċità li jaġixxu b'mod intraprenditorjali u jiksbu l-ħiliet li ser jippromwovu l-impjegabilità tul il-ħajja tagħhom f'ambjent kummerċjali, ekonomiku u soċjali li qed jinbidel b'mod mgħaġġel. Dan jinkludi li nsiru ċittadini intraprenditorjali fi sferi oħra lil hinn mill-industrija u l-impjegabilità. Dawn l-għanijiet jeħtieġu l-iżvilupp ta' ħiliet personali ġeneriċi soċjali u interpersonali li huma fundamentali biex isiru intraprenditorjali, kif ukoll it-trawwim tal-għarfien u l-fehim intraprenditorjali aktar diskreti meħtieġa biex isegwu impenji intraprenditorjali u biex ikollhom mentalità intraprenditorjali li hija kemm kreattiva u innovattiva.

Il-kreattività hija ġeneralment rikonoxxuta bħala kwalità intrinsika iżda ħafna drabi sottożviluppata fiż-żgħażagħ, kif ukoll bħala ħila prattika li tgħinhom isibu dispożizzjoni intraprenditorjali. Hija ħila li tista' titgħallimha u li kulħadd għandu jaspira għaliha. Hija tinvolvi l-ftuħ tal-proċessi tal-ħsieb taż-żgħażagħ b'modi li jgħinuhom iħarsu lejn affarijiet familjari b'għajnejn ġodda, jidentifikaw problema u jiġġeneraw soluzzjonijiet waqt li jużaw l-immaġinazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet tagħhom biex jesploraw possibilitajiet ġodda aktar milli jistabbilixxu approċċi.

L-abbiltà li wieħed ikun innovattiv u l-kunfidenza li jfittex tweġibiet innovattivi għal opportunitajiet jew problemi li jiffaċċja jitrawmu l-aħjar f'ambjent sigur u ta' appoġġ fejn dan it-tip ta' approċċ ikun inkuraġġut, rikonoxxut u ppremjat. Din il-pedagoġija teħtieġ li l-istudenti jkollhom il-ħin jirriflettu fuq is-sitwazzjoni u jużaw ir-riżorsi u l-immaġinazzjoni tagħhom biex jiżviluppaw pjanijiet u soluzzjonijiet. Teħtieġ ukoll il-ħin għall-implimentazzjoni ta' proċessi ġodda u l-applikazzjoni ta' ideat ġodda. It-tagħlim għall-innovazzjoni jista' wkoll jinkludi spazju fejn wieħed 'jitgħallem mill-iżbalji'.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### Personali

- Kapaċi naħdem b'mod effettiv waħdi.
- Kapaċi nirreżisti u nippersevera.
- Kapaċi nifhem l-importanza li nrawwem immaġni pożittiva tiegħi nnifsi, stima tajba u kunfidenza fija nnifsi.
- Kapaċi nagħraf l-importanza tal-integrità u ta' valuri etiċi.

### Interpersonali

- Kapaċi nikkomunika l-istrateġiji proposti tiegħi lil ħaddieħor b'mod effettiv.
- Kapaċi nikkontribwixxi f'tim.
- Kapaċi mmexxi.

**Konjittiv**

- Kapaċi nsolvi problemi b'mod immaġinattiv u laterali.
- Kapaċi naħseb b'mod kritiku.
- Kapaċi nikkunsidra perspettivi differenti.
- Kapaċi nagħraf li l-intraprenditorija u l-innovazzjoni għandhom ikunu mirfuda mill-etika u l-valuri relatati mal-ġustizzja soċjali u s-sostenibilità.

**Prattika**

- Kapaċi ndawwar ideat kreattivi f'azzjoni.
- Għandi sett bażiku ta' ħiliet ta' riċerka.
- Kapaċi nassessja l-ħiliet u l-interessi tiegħi stess biex nikkunsidra l-għażliet tal-karrieri akkademiċi u vokazzjonali futuri.
- Napprezza l-importanza tar-rwol li l-kreattività u l-intraprenditorija kellhom fl-iżvilupp u l-progress tas-soċjetà umana.

# L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli (ESD) jgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa (l-għarfien, il-ħiliet, il-valuri, l-attitudnijiet u l-imġiba) li jgħinuhom isiru ċittadini sostenibbli. L-ESD jawtonomizza lill-individwi jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li huma kompatibbli mal-għajxien fi ħdan il-limiti ambjentali tal-pjaneta tagħna b'mod ġust, f'soċjetà diversa, ekwitabbli u paċifika.

L-ESD tfittex li tiżgura li l-istudenti:

- Jiżviluppaw sens ta' identità u appartenenza għall-komunità lokali, nazzjonali, reġjonali u globali tagħhom.
- Huma awtonomizzati biex jaddottaw ir-rwoli u r-responsabilitajiet tagħhom fi ħdan dinja globalment interdipendenti.
- Jifhmu u huma awtonomizzati jindirizzaw il-kawżi reali u l-konsegwenzi ta' mġiba mhux sostenibbli f'kuntest ta' dinja globalment interdipendenti.
- Jiżviluppaw perspettiva orjentata lejn il-futur li tenfasizza s-sinifikat tad-deċiżjonijiet, l-għażliet u l-azzjonijiet tagħhom fuq il-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.
- Huma esposti għal ambjenti ta' tagħlim differenti billi jużaw firxa wiesgħa ta' esperjenzi edukattivi.
- Jiżviluppaw kunċett olistiku tal-ambjent li jinvolvi perspettivi naturali, soċjali, ekonomiċi, fiżiċi u kulturali.
- Ikollhom valur ta' u jirrispettaw id-diversità soċjali, kulturali u ekoloġika.
- Huma kommessi jieħdu azzjoni biex iġibu l-bidla.

L-ESD għandha tinkiseb permezz ta' approċċ tal-iskola kollha li tinvolvi r-riorjentazzjoni mhux biss tal-kurrikulu iżda tal-kultura tal-iskola, l-immaniġġjar tal-kampus tal-iskola, il-komunità tal-iskola u l-komunità lokali usa' b'konformità mal-iżvilupp sostenibbli.

L-istudenti għandhom jesperjenzaw l-ESD permezz ta' pedagoġiji trasformattivi li jiffaċilitaw l-esperjenzi ta' tagħlim li jippromwovu l-kisba tal-għarfien, il-ħiliet, il-valuri, l-attitudnijiet u l-imġiba meħtieġa biex isiru ċittadini attivi globali.

L-ESD għandha tkun proċess ta' tagħlim tul il-ħajja li tinvolvi taħlita ta' proċessi bbażati fuq l-istudenti, bħat-tagħlim parteċipattiv/kollaborattiv; it-tagħlim ibbażat fuq il-problemi; it-tagħlim interdixxiplinarju; it-tagħlim soċjali tad-diversi partijiet interessati; it-tagħlim ibbażat fuq il-ħsieb kritiku u sistematiku; it-tagħlim ibbażat fuq l-azzjoni; it-tagħlim barra mill-klassi; it-tagħlim mill-esperjenza; l-evalwazzjoni riflettiva u l-użu ta' kuntesti relevanti tad-dinja reali.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### Nitgħallem biex Insir Naf

- Kapaċi nispjega kif is-sistemi naturali, soċjali, kulturali u ekonomiċi jaħdmu u huma interrelatati.
- Kapaċi niddeskrivi l-irwol tiegħi bħala ċittadin fi ħdan il-kuntest lokali, nazzjonali, reġjonali u globali.
- Kapaċi nagħraf ir-relazzjoni bejn il-fehim ta' ħaddieħor u l-benesseri ta' kulħadd fil-preżent u fil-futur.
- Kapaċi nidentifika l-kawżi bażiċi tal-inugwaljanza u l-inġustizzja u l-azzjonijiet li jwasslu għal kwalità ta' ħajja aħjar, l-ekwità, is-solidarjetà u l-ambjent sostenibbli.
- Kapaċi niġġustifika l-importanza tal-identifikazzjoni tal-problemi, nirrifletti b'mod kritiku, naħseb b'mod kreattiv, u jkolli viżjoni usa' biex nippjana għall-futur u nsir aġent effettiv tal-bidla.
- Kapaċi nagħraf l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja u nuża dawn l-esperjenzi ta' tagħlim biex inkun nista' niffaċċja sfidi ġodda u nkun f'pożizzjoni aħjar biex nieħu deċiżjonijiet infurmati u nevalwa l-konsegwenzi tagħhom.

### Nitgħallem Kif

- Kapaċi nikkomunika l-ideat tiegħi u nippreżenta l-opinjonijiet tiegħi f'diskusjonijiet maħsuba u infurmati u fi proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
- Kapaċi nassessja b'mod kritiku proċessi ta' bidla fis-soċjetà u nipprevedi dinja aktar ekwitabbli u sostenibbli.
- Kapaċi nidentifika l-prijoritajiet u nevalwa l-konsegwenzi possibbli ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet differenti.
- Kapaċi nikkollabora ma' persuni li għandhom perspettivi differenti fuq dilemmi, kwistjonijiet, tensjonijiet u kunflitti minn dixxiplini/postijiet/kulturi/ġenerazzjonijiet differenti.
- Kapaċi nuża l-ambjent naturali, soċjali u mibni ta' madwari bħala kuntest u sors ta' tagħlim.
- Kapaċi ninvolvi lili nnifsi u lill-oħrajn fi kwistjonijiet tad-dinja reali biex nagħmel differenza pożittiva.

### Nitgħallem Inkun Jien

- Jiena persuna li nirrifletti b'mod kritiku u kapaċi nevalwa deċiżjonijiet, għażliet u azzjonijiet.
- Jiena responsabbli għall-azzjonijiet tiegħi u kapaċi nantiċipa, naddatta u niffaċċja l-bidla.
- Kapaċi nirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tiegħi fuq ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.
- Jiena sensittiv/a għad-dixxiplini u l-perspettivi diverġenti, kulturi u gruppi ta' minoritajiet, inkluż l-għarfien indiġenu u opinjonijiet globali mingħajr preġudizzji u prekunċetti.
- Jiena mmotivat/a nagħti kontribut pożittiv lil persuni oħra u l-ambjent soċjali u naturali tagħhom, lokalment u globalment.
- Jiena kapaċi nieħu azzjoni kkunsidrata b'mod kreattiv u innovattiv u nisfida suppożizzjonijiet sottostanti għal prattiki mhux sostenibbli.

### Nitgħallem Ngħix ma' Ħaddieħor

- Kapaċi ngħix f'armonija miegħi nnifsi, mal-oħrajn u mad-dinja naturali fuq firxa ta' livelli minn lokali sa globali.
- Jiena nirrispetta u ngħożż id-diversità u nisfida l-inġustizzja soċjali.
- Jiena għandi perspettiva orjentata lejn il-futur għal kif ngħix bħala ċittadin tad-dinja.
- Jiena ninvolvi lili nnifsi attivament ma' gruppi differenti matul ġenerazzjonijiet, kulturi, postijiet u dixxiplini.
- Kapaċi nipparteċipa b'mod attiv fi proċessi u ninkoraġġixxi negozjati għal futuri sostenibbli alternattivi.
- Jiena ngħin lil ħaddieħor jiċċara opinjonijiet globali differenti permezz tad-djalogu u nirrikonoxxi li jeżistu oqfsa alternattivi.
- Kapaċi nisfida prattiki mhux sostenibbli matul is-sistemi edukattivi, inkluż fuq livell istituzzjonali.



# Nitgħallem kif Nitgħallem u t-Tagħlim Koperattiv

L-għanijiet ta' Nitgħallem biex Nitgħallem huma biex l-istudenti:
- Jiffokaw fuq il-proċessi tat-tagħlim kif ukoll il-prestazzjoni finali.
- Ikollhom kunċett qawwi tat-tagħlim ibbażat fuq konvinzjoni personali biex jimmaniġġjaw it-tagħlim tagħhom stess.
- Jiksbu firxa wiesgħa ta' strateġiji għat-tagħlim.
- Jiżviluppaw strateġiji biex jippjanaw, jimmonitorjaw u jirrevedu t-tagħlim tagħhom stess.
- Isiru kompetenti fl-awtoassessjar.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### It-Tagħlim Soċjali
- Kapaċi napprezza diversi opinjonijiet u personalitajiet.
- Niddiskuti l-opinjonijiet tiegħi mal-oħrajn b'kunfidenza.
- Kapaċi niddiskuti l-ideat tal-oħrajn u nikkummenta fuq l-opinjonijiet tagħhom b'kunfidenza.
- Kapaċi nsegwi diskussjonijiet fi gruppi u nikkollabora u nagħmel sommarju ta' dak li qed jintqal jew isir.
- Kapaċi nikkollabora ma' studenti oħra bħala parti mit-tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nitgħallem billi niddisinja prodotti mal-oħrajn.
- Jiena nfittex u lest nilqa' gwida u appoġġ mill-pari u l-adulti.
- Kapaċi nitkellem mal-oħrajn fuq it-tagħlim.
- Kapaċi nisma' lill-oħrajn jitkellmu fuq it-tagħlim.
- Kapaċi niddiskuti għadd ta' suġġetti u strateġiji ta' tagħlim mal-pari.
- Kapaċi niddibatti u nappoġġja l-argumenti tiegħi mingħajr ma niġġudika u waqt li nempatizza mal-oħrajn.
- Kapaċi nitgħallem dwar il-bżonnijiet tiegħi biex nagħmel deċiżjonijiet tajbin.

### It-Tagħlim Personali
- Kapaċi nidentifika l-appoġġ u r-riżorsi li neħtieġ għat-tagħlim.
- Jiena konxju/konxja mill-mod ta' tagħlim preferut tiegħi u kapaċi nuża dan biex nippjana t-tagħlim tiegħi stess.
- Kapaċi nimmaniġġja l-għanijiet u l-ħin tiegħi b'mod effettiv fit-tagħlim.
- Inħossni kompetenti fl-immaniġġjar tat-tagħlim tiegħi.
- Jiena nilqa' rispons mingħand ħaddieħor u kapaċi nikkonsidrah għat-titjib personali tiegħi.
- Kapaċi norganizza lili nnifsi billi espliċitament inbiddel is-suppożizzjonijiet tiegħi matul iż-żmien.
- Kapaċi nsegwi l-interessi tiegħi billi dan jgħinni nirrifletti fuq 'min jien'.
- Kuntent/a li rnexxieli nagħmel biċċiet tax-xogħol diffiċli.
- Nemmen li l-isforz iwassal għas-suċċess.
- Kapaċi nirrifletti fuq l-iżbalji tiegħi u nitgħallem minnhom.

### It-Tagħlim Konjittiv
- Kapaċi niftakar billi nagħraf u nsib l-informazzjoni.
- Kapaċi norbot informazzjoni ġdida mal-għarfien eżistenti tiegħi.
- Kapaċi nanalizza informazzjoni li niltaqa' magħha.
- Kapaċi nevalwa l-għarfien f'termini tal-għanijiet tat-tagħlim u l-mod preferut ta' tagħlim tiegħi.
- Kapaċi nsolvi problemi waħdi u f'kollaborazzjoni mal-oħrajn.

- Kapaċi nassessja lili nnifsi għaliex dan jgħinni nifhem dak li naf u min jien.
- Kapaċi nassessja lili nnifsi u nkompli niżviluppa l-ideat tiegħi.
- Kapaċi nassessja l-pari tiegħi biex inqabbel dak li naf ma' dak li jaf ħaddieħor, nikseb l-għarfien ta' mudelli mentali li għandu ħaddieħor ta' kunċett partikolari u kif dawn il-mudelli mentali jevolvu biex iwasslu għall-fehim.
- Kapaċi niffoka fuq is-suġġett ewlieni u nagħmel sommarju tal-punti importanti.
- Kapaċi napplika l-għarfien u l-fehim tiegħi f'kuntesti differenti.
- Kapaċi nimmaniġġja l-ħiliet tiegħi, inkluż il-ħiliet fil-litteriżmu u fl-għadd.
- Jiena nifhem li t-tagħlim jinvolvi proċessi differenti.

### It-Tagħlim Kreattiv

- Kapaċi nieħu inizjattiva fl-iddisinjar ta' prodotti ġodda.
- Kapaċi naħseb fuq modi ġodda ta' kif nagħmel użu tajjeb mill-oġġetti.
- Kapaċi nuża l-immaġinazzjoni u l-kreattività tiegħi.
- Nippreferi nagħmel xogħol aktar ta' sfida milli nibqa' nagħmel xogħol ħafif.
- Kapaċi niffaċċja esperjenzi ġodda ta' sfida u nitgħallem minnhom.
- Kapaċi nitgħallem billi nesplora attivitajiet, esperjenzi tal-ħajja u l-ambjent fiżiku.
- Kapaċi ninvolvi ruħi f'logħob mhux ippjanat u spontanju.
- Kapaċi ninvolvi ruħi f'logħob ippjanat u bi skop.
- Nifhem li kapaċi nitjieb u nitgħallem u jekk neħel kapaċi nara x'inhuma d-diffikultajiet tiegħi, insolvi l-problemi tiegħi u nimxi 'l quddiem.

# Il-Litteriżmu

Wieħed mill-aktar aspetti importanti tal-litteriżmu f'Malta huwa l-implikazzjoni li persuna litterata tkun midħla tal-Malti u l-Ingliż. Fattur essenzjali biex niżguraw li Malta tibqa' pajjiż bilingwali huwa li niżguraw li l-istudenti tagħha jiżviluppaw kompetenzi ugwali fil-qari, il-kitba, is-smigħ u l-fehim fiż-żewġ lingwi uffiċjali mis-snin bikrin tagħhom, preferibbilment mill-kindergarten. Fattur ieħor huwa li niżguraw li l-istudenti jiżviluppaw il-ħila li jaqilbu mill-Malti għall-Ingliż (jew vice versa) skont il-bżonn tal-mument. Li niksbu litteriżmu bilingwali fl-edukazzjoni tagħna tfisser li ż-żgħażagħ tagħna jħossuhom komdi u kunfidenti jużaw iż-żewġ lingwi.

L-iżvilupp tal-litteriżmu ser ikun jeħtieġ approċċ mill-iskola kollha li jkun rifless b'mod ċar fil-politiki tal-iskola fejn ikun hemm sforz konxju biex tkun promossa komunità għal-litteriżmu matul il-kurrikulu kollu. Il-litteriżmu għat-tagħlim hu parti intrinsika mill-ħajja skolastika, u d-dominju ta' kull suġġett jista' jservi bħala kuntest li fih l-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu jistgħu jissaħħu. Barra minn hekk, l-iskejjel għandhom jistinkaw għal ambjent għani fil-litteriżmu billi jużaw it-teknoloġija bħala pjattaforma.

Ir-relevanza tal-qari bil-vuċi u l-preżentazzjoni ta' ideat lil udjenza u l-opportunitajiet għal lingwaġġ kuntestwalizzat u r-reċtar (drama) għandhom ikunu identifikati b'mod ċar bħala komponenti tal-litteriżmu mitkellem matul il-kurrikulu. L-enfasi fuq l-importanza tat-taħdit huwa essenzjali biex ninkoraġġixxu kulturi u komunitajiet li jitgħallmu b'mod attiv.

Fir-rigward tal-qari, l-aspett divertenti u interattiv huwa importanti ħafna; l-għan tal-qari inizjalment għandu jkun għad-divertiment/interess u l-komunikazzjoni. Il-valur tad-divertiment fil-qari, li huwa marbut mill-viċin mal-attitudni u d-dispożizzjoni tal-lingwa, huwa kruċjali speċjalment fis-Snin Bikrin. Imbagħad isegwi l-ħsieb kritiku u kreattiv, fejn l-istudent dejjem aktar jieħu kontroll tat-testi f'dominji differenti u jikseb aktar għarfien.

## Il-kisbiet mit-tagħlim tas-suġġett:

### Is-smigħ u t-taħdit

- Kapaċi nitkellem f'firxa ta' sitwazzjonijiet, kemm formali u informali, inqabbel ir-reġistru u l-lingwaġġ mas-sitwazzjoni u l-udjenza.
- Kapaċi nisma' u nifhem tajjeb test mitkellem u nwieġeb jew napplika l-informazzjoni b'mod addattat b'kummenti u/jew mistoqsijiet.
- Kapaċi nuża lingwaġġ biex nippreżenta l-ħsieb tiegħi b'mod loġiku u ċar u kapaċi nitkellem biex ninvolvi udjenza waqt li nanalizza u nevalwa permezz ta' approċċ miftuħ.
- Kapaċi nuża l-lingwa mitkellma biex naqsam l-ideat tiegħi b'mod kollaborattiv, napprezza l-elementi soċjali ta' konverżazzjoni bħal nistenna sakemm imissni u nisma' dak li għandu xi jgħid ħaddieħor.

### Lingwaġġ espressiv

- Kapaċi nuża lingwaġġ espressiv biex niżviluppa l-ħsibijiet tiegħi, billi nuża kliem biex nesplora, niċċara u nikkonferma ideat.
- Kapaċi nuża lingwaġġ espressiv biex niżviluppa l-ħsibijiet tiegħi u l-ħsibijiet ta' ħaddieħor billi nikkontribwixxi għad-diskors esplorattiv tal-pari tiegħi u d-djalogu tal-għalliema tiegħi.
- Kapaċi nuża lingwaġġ espressiv biex norganizza u nipprattika ideat, argumenti u strutturi tal-lingwa biex nissintetizza u nevalwa qabel nikteb u waqt l-editjar.

### Il-qari u l-fehim

- Kapaċi niddeċifra l-kitba b'mod effettiv u b'suċċess nistabbilixxi r-rabta multisensorjali u l-fenomenu tal-għarfien bejn grafema u fonema.
- Kapaċi naqra test b'mod mexxej u nifhem x'hemm miktub, nikseb għarfien u nieħu gost fil-proċess.
- Kapaċi nagħżel testi reali, virtwali u multimedjali għad-divertiment u biex inżomm ruħi infurmat/a, nibni tifsira mit-test billi nuża kliem u informazzjoni viżiva jew bl-awdjo biex nikkonferma, nikkumplementa jew inbiddel dak li diġà naf filwaqt li nwarrab dak li huwa superfluwu.
- Kapaċi nħares lejn testi bi skop: Jiena konxju/konxja minn dak li nittama li nikseb minnhom u kapaċi nuża mezzi ta' rkupru, verifiki u links biex insegwi temi jew ideat permezz ta' għadd ta' mezzi, inkluż testi assistiti mit-teknoloġija.
- Kapaċi nagħżel testi addattati għall-finijiet tiegħi, billi nikkunsidra l-qarrejja u l-provenjenza impliċita kif ukoll is-suġġett u l-format.
- Kapaċi nidentifika u nsegwi konvenzjonijiet tal-qari tas-suġġetti akkademiċi tiegħi, rigward il-post u l-iskop tat-testi tal-qari fit-tagħlim u nistaqsi jew naċċetta l-awtorità ta' dawn it-testi.

### Il-kitba

- Nista' nuża dak li qrajt, dak li għamilt u dak li ħassejt id-dar, l-iskola u waqt il-logħob fil-kitba tiegħi.
- Kapaċi nwassal il-ħsibijiet tiegħi b'mod qawwi u elokwenti permezz tat-taħdit u l-kitba.
- Kapaċi nagħżel lingwaġġ, reġistru, ġeneru u midjum addattati għat-testi li nikteb.
- Kapaċi nuża l-kitba f'manuskritti (bil-miktub) kif ukoll f'forma diġitali biex ninforma, nipperswadi u nagħti divertiment lill-oħrajn.
- Kapaċi nuża l-kitba biex nikkunsidra ideat u nirrifletti fuq u nikkonsolida l-ħsieb u t-tagħlim tiegħi stess. Kapaċi nsegwi konvenzjonijiet bil-miktub ta' ġeneri u suġġetti li qed nistudja.

### Il-preċiżjoni

- Kapaċi nikteb b'mod preċiż billi nuża konvenzjonijiet u regoli tal-lingwa bħal dawk stabbiliti minn Standard English / Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti / l-Akkademja tal-Malti.
- Kapaċi nuża l-għarfien tiegħi tal-morfoloġija kif ukoll l-għarfien fonoloġiku tiegħi u l-memorja viżiva biex nipprova nispelli kliem mhux familjari u nagħraf kliem ortografikament ħażin.
- Kapaċi nuża firxa wiesgħa ta' punteġġjatura biex il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu ċar dak li qed ngħid.

### L-ippjanar u r-riflessjoni

- Kapaċi nippjana x-xogħol bil-miktub tiegħi u naħseb fuq dak li nixtieq nikkomunika qabel nibda nikteb.
- Kapaċi nifhem il-bżonn ta' abbozzar; kapaċi neditja u nagħmel il-qari tal-provi tax-xogħol tiegħi u nħalli biżżejjed żmien biex intemm biċċa xogħol.
- Kapaċi nirrifletti fuq il-kitba tiegħi u naħseb fuq kif nitgħallem l-aħjar.

Learning Outcomes Framework

Dan id-dokument jagħmel parti mill-Proġett ESF1.228 bl-isem 'id-Disinn tal-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim, marbut mal-programmi ta' Tagħlim u Assessjar b'rabta mat-Taħriġ' implimentat fil-Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013, parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew tal-Unjoni Ewropea bir-rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi tal-UE; 15% Fondi Nazzjonali.

© Direttorat għall-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni fl-Edukazzjoni 2015

Direttorat għall-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni fl-Edukazzjoni,
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol,
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000
Malta

Pubblikatur: Direttorat għall-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni fl-Edukazzjoni

www.schoolslearningoutcomes.edu.mt

Programm Operattiv II - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Funds UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***